**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 23 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru: 27/12 AL AL**

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 991/1986)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] li permezz tiegħu ppremetta is-segwenti:

1. *Illi l-partijiet żżewġu f'Malta ġewwa l-Knisja tal-Isla nhar is-17 ta' Ġunju 1986 (Dok.A), u minn dan iż-żwieg twieldu D E u F B, li llum huma maġġorenni;*

[1] Fol 1

2. *Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment minħabba sevizzi, eċċessi, u inġurji gravi eżerċitati mill-konvenuta kontra l-attur, u li bħala konsegwenza rrendiet il-ħajja konjugali bejn il-partijiet impossibbli;*

3. *Illi minħabba s-sevizzi, eċċessi u inġurji gravi minn naha tal-konvenuta kien impossibbli għall-attur li jkompli jgħix mal-konvenuta martu, tant li l-konvenuta telqet mid-dar fil-ħmistax (15) Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010);*

4. *Illi l-partijiet għaddew mill-proċess ta' medjazzjoni, iżda dan il-proċess kien wieħed inutili u ma wasslux għal ftehim;*

5. *Illi l-attur ġie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jintavola din il-kawża permezz ta' digriet numru 79/12 (Dok. 'B')*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikkjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lil konvenuta, u għall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16), tistabbilixxi d-data ta' meta l-istess konvenuta għandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda;*

2. *Tawtorizza lill-attur sabiex jgħix separat mill-konvenuta żewġu;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur, dik l-alimentarja xierqa u adegwata illi tiġi ffisata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenuta u l-bżonnijiet tal-attur, fil-ġimgħa jew fix-xahar, kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-*

*konvenuta sabiex tħallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attur ikun finanzjarjament indipendenti;*

4. *Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti id-disposizzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16);*

5. *Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, oltre` l-krediti magħmulin fiż-żwieġ, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, inter alia, tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data ta' l-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenuta għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda, liema porzjonijiet għandhom jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-istess konvenuta billi, okkorendo għall-finijiet ta' din it-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

6. *Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni parafernali tiegħu u separatament tordna illi l-attur jiġi mogħti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

7. *Tordna illi d-dar taż-żwieġ tigi okkupata esklussivament mill-attur;*

8. *Tawtorizza lill-attur jirreġistra ossia jniżżel fir-Reġistru Pubbliku, s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti.*

*Bl-Ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda[2] u l-lista tad-dokumenti;[3]

*Rat ir-risposta ġuramenata tal-konvenuta[4] li permezz tal-istess wieġbet:*

1. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, il-konvenuta tiddikkjara illi ż-żwieġ ma' żewġha A B tkisser irrimedjabilment minħabba l-aġir abbużiv u vjolenti tiegħu, illi minħabba fih il-konvenuta kellha taħrab – u mhux titlaq – mid-dar matrimonjali, u ċioe` 'Santa Marija' Triq l-Għeneb Ħaz-Żebbuġ (Malta) flimkien ma' uliedha, u li saħansitra kellha titlob digriet tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) għall-assistenza tal-Pulizija (dokument anness u mmarkat Dok. A) sabiex tkun tista' tmur tiġbor hwejjiġha mid-dar matrimonjali, billi l-attur ma kienx qiegħed jiftah lill-kovenuta meta din kienet tmur titolbu bil-kelma t-tajba;*

2. *Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, il-konvenuta ukoll qiegħda trid li tgħix separata mill-attur żewgha;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi il-konvenuta tisħaq illi żewġha A B qiegħed f'relazzjoni adulteruża, illi bdiet qabel ma nbdew il-proċedimenti għal separazzjoni bonarja quddiem din l-Onorabbli Qorti u li minħabba f'dan l-adulterju, illi sejjer jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-imsemmi A B tilef kull dritt għal manteniment mingħand martu – illi wkoll ma għandhiex*

---

[2] Fol 3
[3] Fol 4
[4] Fol 26

*impieg u dħul fiss, u li minħabba f'hekk huwa l-attur li huwa risponsabbli iħallas manteniment lil martu;*

4. *Illi fir-rigward tar-raba` talba attriċi, il-konvenuta tisħaq illi billi t-tort tas-separazzjoni ma huwiex tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 48 tal-Kap 16, ma jgħoddux fil-konfront taghha, imma fil-konfront ta' żewġha minħabba l-adulterju kommess minnu;*

5. *Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, il-konvenuta taqbel illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi fuq ftehim ekwu u ġust, b'liema mod jidrilha l-aħjar, u in vista tax-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet, imma li pero`, la l-attriċi*[5] *tisħaq illi ħtija tas-separazzjoni hija mhux tagħha imma tal-attur, illi kull disposizzjoni tal-liġi illi tapplika f'dan ir-rigward f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħtija għandu jkun fil-konfront tal-attur, u mhux fil-konfront tagħha;*

6. *Illi fir-rigward tas-sitt talba attriċi, il-konvenuta tgħid illi ma hemm xejn illi hija għandha fil-pussess tagħha illi hija għandha tirritorna lill-attur, imma li huwa l-attur illi għandu jrodd lura numru ta' beni lill-konvenuta, kif sejjer jiġi muri fil-mori tal-kawża;*

7. *Illi fir-rigward tas-seba` talba attriċi, il-konvenuta tiddikjara illi hi għad ghandha kull dritt illi tirrisjedi fid-dar matrimonajli, illi bħalissa hija kellha taħrab minnha minħabba l-aġir ta' żewġha, u żgur mhux żewġha, illi għandu jitlef tali dritt in vista tal-imġieba adulteruża tiegħu, u li saħansitra qiegħed jgħix fid-dar matrimonjali ma' partner oħra u ma' uliedha.*

---

[5] verbatim

8. *Illi fl-aħħarnett, fir-rigward tat-tmien u l-aħħar talba attriċi, il-konvenuta ma topponix.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-Ispejjeż u bl-attur minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda[6] u l-lista tad-dokumenti[7];

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta[8] li permezz tal-istess ppremettiet is-segwenti:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta, fil-Knisja tal-Isla nhar is-17 ta' Ġunju, 1986, hekk kif ikkonfermat mill-attur permezz ta' ċertifikat taż-żwieġ anness mar-rikors promotur tiegħu;*

2. *Illi ż-żwieġ ma' żewġha A B tkisser irrimedjabilment minħabba l-aġir abbużiv u vjolenti tal-atttur, illi rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom impossibbli;*

3. *Illi minħabba l-aġir tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, l-istess konvenuta kellha taħrab – u mhux titlaq – mid-dar matrimonjali, u ċioe` Santa Marija, Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbuġ, (Malta), fil-ħmistax (15) ta' Settembru tal-elfejn u għaxra (2010), flimkien ma' uliedha, u li saħansitra kellha titlob digriet tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) għall-assistenza tal-Pulizija*

[6] Fol 28
[7] Fol29
[8] Fol 34

*(dokument anness u mmarkat Dok.A) sabiex tkun tista' tmur tiġbor hwejjiġha mid-dar matrionjali, billi l-attur ma kienx qiegħed jiftah lill-konvenuta meta din kienet tmur titolbu bil-kelma t-tajba;*

4. *Illi l-proċess ta' medjazzjoni falla minħabba fl-imġieba u l-attitudni arroganti u f'mumenti abbużiva lejn il-konvenuta u r-rappreżentant legali tagħha, u li finalment ma ntlaħaqx ftehim minħabba li għalkemm il-konvenuta ippruvat tasal għal ftehim bonarju tramite l-avukat tagħha, waqt il-proċess ta' medjazzjoni, imma t-tentattivi kollha tagħha ġew respinti mill-attur, illi offra biss illi jasal għal ftehijm bonarju jekk martu taċċetta somma ta' sebgħin elf (70, 000) Ewro in full and final settlement, tal-qasma, kif ukoll bħala lump sum minflok l-attur ihallas manteniment regolari, liema manteniment l-attur insista illi martu tirrinunzja għalih bhala parti mill-ftehim bonarju – somma ferm irriżorja meta wieħed iqis l-oġġetti illi kienu jinsabu fid-dar matrimonjali, kif ukoll in-numru ta' proprjetajiet akkwistati mill-koppja matul iż-żwieg;*

5. *Illi kien l-attur illi neħħa numru ta' affarijiet mid-dar wara illi l-konvenuta kellha taħrab minn dan il-fond, parti kbira minnhom illi kienu jaqgħu taħt il-komunjoni tal-akkwisti, apparti wkoll oġġetti oħra illi jappartjenu lil uliedu, illi għalihom l-imsemmija uliedu jirriżervaw id-dritt illi jmexxu bi proċedimenti ulterjuri – dan huwa konfermat meta wieħed iqabbel l-inventarju illi sar konsegwenza ta' mandat ta' deskrizzjoni, awtorizzat mill-Onorabbli Qorti fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011), anness u mmarkat bhala Dok. B – ma' ritratti u deskrizzjonijiet ta' dak illi kien jinsab qabel u wara fid-dar matrimonjali, bir-ritratti immarkati before meħudin fil-hmistax (15) ta' Settembru tal-elfejn u ghaxra (2010), dakinhar illi l-konvenuta ħarbet mid-dar, u r-ritratti immarkati after meħudin*

*dakinhar tal-mandat ta' deskrizzjoni, annessi u mmarkati bħala Dok. C1 – C 21;*

6. *Illi aktar minn hekk, l-attur kien iżomm ir-riżorsi finanzjarji kollha tal-familja f'idejh, u saħansitra jżomm fuqu l-Cashlink card tal-konvenuta, li għamel pussess fuqha, u jiġbed flus mill-kont personali tal-konvenuta, u jagħtihielha biss meta jrid hu – u biex tiġbed hi bil-permess – bilkemm kien jagħti flus lill-konvenuta sabiex tmantni lilha nfisha, u apparti minn hekk kien jgħaddilha biss flus sabiex tħallas il-kontijiet, xi haga illi l-konvenuta dejjem għamlet, u fir-rigward tal-liċenzja tat-televiżjoni, illi kienet tgħajjat lill-konvenuta , l-attur la taha flus għaliha u lanqas ma ħallas hu b'pika, meta bdiet is-separazzjoni – minħabba l-aġir tal-attur, il-konvenuta lanqas biss kellha aċċess għal flusha;*

7. *Illi l-konvenuta tisħaq illi din l-Onorabbli Qorti għandha takkordalha dak li hu sehemha bil-liġi skond il-komunjoni tal-akkwisti, u ċioe` nofs il-valur jew l-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kemm mobbli kif ukoll immobbli, kif dettaljati fl-anness mmarkat bħala Dok D 1 – D 7;*

8. *Illi l-attriċi qiegħda titlob ukoll illi jiġu applikati l-provvedimenti neċessarji ta' Artikolu 48 ta' Kap. 16 fil-konfront tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll kull provvediment ieħor tal-liġi marbuta ma' tali ħtija illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja fir-rigward tal-attur;*

9. *Illi apparti minn hekk, minħabba l-adulterju tal-attur, il-konvenuta qiegħdha titlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-attur tilef id-dritt illi jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali - fejn sahansitra l-attur qiegħed jgħix mal-partner oħra u ma' uliedha – u tordna -iżgumbrament tiegħu;*

10. *Illi wkoll il-konvenuta qiegħdha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiffissa lump sum in full and final settlement, minflok ma l-attur iħallas manteniment regolari lilha, - dan minħabba l-mod arroganti u vjolenti illi bih l-attur iġib ruhu fil-konfront tal-konvenuta, u wkoll minħabba l-fatt illi fil-passat huwa ma ddejjaqx iħabbat difru mal-liġi kemm-il darba u saret ukoll garanzija kontrih mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, illi wkoll tatu warning illi kif jidher darb'oħra quddiemha, kien sejjer jintbagħat il-ħabs – għalhekk, il-konvenuta umilment titlob illi tiġi akkordata lilha tali somma minflok manteniment mensili, flimkien ma' sehemha riżultanti mill-qasma tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

11. *Illi l-konvenuta ticħad kategorikament illi hija kienet qatt ħatja ta' xi sevizzi, eċċessi, moħqrija jew inġurji gravi fir-rigward tal-attur, u dan sejjer jiġu minnu ippruvati fil-mori tal-kawża, fost oħrajn b'riferenza għal deċiżjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;*

12. *Illi finalment, il-konvenuta tixtieq taqleb lura għal kunjom xbubitha malli din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali, u ċioe Bezzina;*

***Għaldaqstant,*** *u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, il-konvenuta qiegħda tadixxi u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, għal raġunijiet imputabbli lill-attur, u għall-finijiet ta' Artiklu 48(c) tal-Kap 16, tistabilixxi d-data meta l-istess attur għandu jkun ikkunsidrat ħati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lill-konvenuta tgħix separatament mill-attur żewġha;*

3. *Tikkundanna lill-attur sabiex iħallas lump sum, in full and final settlement, minflok ma l-attur iħallas manteniment regolari lilha - dan flimkien ma' sehemha riżultanti mill-qasma tal-assi formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti;*

4. *Tapplika l-provvedimenti neċessarji ta' Artikolu 48 ta' Kap. 16 fil-konfront tal-attur, kif ukoll kull provvediment ieħor tal-liġi marbuta ma' tali ħtija illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja fir-rigward tal-attur;*

5. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet, in vista tax-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet f'dan ir-rigward, b'mod ekwu u ġust, u skond il-metodu illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha l-aktar xieraq u opportun;*

6. *Tordna illi d-dar matrimonjali tiġi okkupata esklussivament mill-konvenuta;*

7. *Tawtorizza lill-konvenuta sabiex taqleb lura għal kunjom xbubitha u ċioe` Bezzina*

*Bl-Ispejjeż, u bl-attur minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda[9] u l-lista tad-dokumenti[10];

[9] Fol 38
[10] Fol 39

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat[11] għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, fejn ġie eċċepit:

1. L-*eċċipjent ġie a konoxxenza tal-kontrotalba notifikata b'affissjoni nhar is-6 ta' Frar 2013 u pproċeda minnufih għall-preżenta ta' din ir-risposta ġuramentata;*

2. *Kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuta, hija rrendiet ruhha ħatja ta' sevizzji, nġurji gravi u eċċessi fil-konfront ta' l-attur, telqet mid-dar bit-tfal u ħadet magħha l-effetti personali tagħha, tat-tfal u kważi l-kontenut kollu tad-dar formanti parti mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti. Il-qerq tal-konvenuta huwa manifest fl-istess kontrotalba meta hija tipprova tagħti l-impressjoni li l-attur eċċipjenti kien vjolenti u għamlet rapport biss meta fl-istess żmien huma kienu fuq btala flimkien u hemm ritratt biex juru dan; u li huwa ssottratta diversi oġġetti mill-Komunjoni meta f'ritratt, per eżempju Dok C9 u C 16 (esebiti mill-konvenuta stess) tidher it-tifla tal-kontendenti qed tippakkja diversi oġġetti fuq struzzjonijiet diretti ta' l-istess konvenuta ad insaputa ta' l-attur eċċipjenti. Aktar minn hekk il-Qrati diġa` ma emmnux l-konvenuta dwar l-allegat vjolenza ta' l-attur rikonvenzjonat f'digriet ta' ċaħda għall-protezzjoni taħt skorta (ara rikors u digriet Dok SMB2 anness);*

3. *Kienet il-konvenuta li rrendiet ruhha ħatja ta' sevizzi, eċċessi u nġurji gravi fil-konfront tal-konvenut eċċipjent u dan l-aġir ippersista anke wara s-separazzjoni de facto b'rapporti foloz u vessatorji (ara Dok SMB 3);*

[11] Fol 90

4. *Illi għalhekk l-attur eċċipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba tal-konvenuta purche` d-dikjarazzjoni tat-tort ikunu imputabbli esklussivament lill-konvenuta mara;*

5. *Hemm qbil mat-tieni talba tal-konvenuta;*

6. *Dwar it-tielet talba l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tal-manteniment u dan għalhiex mhux biss hija rrendiet ruhha ħatja ta' sevizzi, eċċessi, u nġurji gravi iżda wkoll għaliex hija għandha impieg;*

7. *Fir-rigward għar-raba` talba filwaqt hemm qbil għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda dan għandu jkun kontra l-konvenuta għall-aġir abbusiv u illegali tagħha;*

8. *Dwar il-ħames talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li hemm qbil dwar ix-xoljiment il-Qorti għandha taqsam l-istess komunjoni iżda dan biss wara illi l-Qorti tordna lill-konvenuta trodd lura l-oġġetti u l-flejjes kollha li hija ħadet mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti u dan ukoll kif rispekjat fil-prospett hawn anness u mmarkat Dok. SMB 1;*

9. *Dwar is-sitt talba attriċi din għandha tiġi miċħuda u l-attur rikonvenzjonat jingħata d-dritt li jgħix esklussivament ġod-dar matrimonjali minħabba l-fatt illi l-konvenuta mhux biss telqet minn jeddha u għandha sistemazzjoni alternattiva iżda għaliex il-konvenut ilu u għadu jgħix fl-imsemmija dar u ma għandux alternattiva oħra;*

10. *Dwar is-seba' talba attriċi ma hemmx oġġezzjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-Ispejjeż.*

Rat il-lista tad-dokumenti tal-attur rikonvenzjonat;[12]

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet;

Rat id-digriet datat 17 ta' Jannar, 2012 li awtorizzat lill-attur sabiex jipproċedi b'kawża fit-termini impost mill-liġi;

Rat in-nota ġuramentata tal-attur;[13]

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu, 2013[14] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Nadia Vella bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 2014 li permezz tal-istess il-Qorti ħatret lil Dr. Abigail Critien, illum Maġistrat, bħala Perit Legali;

Rat is-sentenza preliminari deċiza minn din il-Qorti nhar l-4 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba attur A B u ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;

Rat id-digriet kamerali tal-25 ta' April, 2014[15] fejn il-Qorti ordnat lill-attur A B sabiex jiżgombra mid-dar matrimonjali 'X', Triq X, Ħaż-Żebbuġ Malta;

Rat l-affidavits, id-digrieti, ix-xhieda li ngħataw quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Nadia Vella u sussegwentement quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, illum Maġistrat;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha;

---

[12] Fol 92
[13] Fol 15
[14] Vide verbal a fol. 100 tal-process.
[15] 27/12/1 AL

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Abigail Critien[16];

Rat id-domandi in eskussjoni li l-partijiet u r-risposti għall-istess;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;[17]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[18]

**Ikkunsidrat;**

**Konsiderazzjonijiet:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba d-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha,

**Ir-Rapport tal-Perit Legali:**

Illi il-perit legali Dr Abigail Critien, illum Maġistrat ġiet maħtura għal tali skop fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2014, fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din żammet is-segwenti numru ta' seduti:

(i) Seduta fis-26 ta' Frar 2015
(ii) 12 ta' Marzu 2015
(iii) 27 ta' Marzu 2015
(iv) 4 ta' Ġunju 2015
(v) 29 ta' Settembru 2015
(vi) 26 ta' Novembru 2015

[16] Fol 1488
[17] Fol. 4928 – 4994, 5001 – 5037.
[18] Fol. 5054.

(vii) 11 ta' Frar 2016

(viii) 1 ta' Marzu 2016

(ix) 8 ta' Ġunju 2016

(x) 10 ta' Novembru 2016

(xi) 24 ta' Jannar 2017

(xii) 3 ta' Marzu 2017

(xiii) 6 ta' Lulju 2017

(xiv) 27 ta' Frar 2018

(xv) 13 ta' Novembru 2018

(xvi) 4 t'Ottubru 2019

(xvii) 27 ta' Novembru 2019

(xviii) 23 ta' Settembru 2020

(xix) 5 ta' Novembru 2020

(xx) 1 ta' Diċembru 2020

Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, it-talba rikonvenzjonali u r-risposta tal-istess hija kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti hekk kif riprodott hawn taħt testwalment:

***Provi tal-Attur***

***Seduta Numru 1*** *– 14 ta' Mejju 2013 fil-11. 00 a.m, f'liema seduta l-Attur pprezenta l-Affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. SB 1.*[19]

*In succinct l-attur jghid li ltaqa' mal-kovenuta meta kien ghad ghandu 14-il sena. Harget tqila sena wara u ghelhekk izzewgu u dan meta kien ghad kellu 16-il sena u l-konvenuta 18-il sena. Bdew il-hajja mizzewga taghhom jghixu ghand ommha,*

[19] Ezebit a fol. 104 sa 108 tal-process

*sussegwentement marru f'post il-Mosta. It-tfal twieldu wara xulxin f'disa xhur bejniethom.*

*Jispjega li wara l-ewwel sena zwieg l-konvenuta bdiet tissuspetta li kien qed jaqlibhiela. Skont hu: "**Dan kien biss il-paranojja taghha u nghid li dan is-suspett ma' kellu l-ebda bazi C bdiet tiddejjaq il-Mosta minhabba dan is-suspett li kellha. Ghalhekk ahna ddecidejna nixtru villegjatura gewwa l-Ghadira. Hawnhekk ukoll bdiet tiddejjaq u tahseb hazin fuqi. Fil-fatt meta konna nkunu qieghdin l-Ghadira, C kienet tissuspetta li jien qed naqlibilha ma' habiba taghha. Jien nerga nenfasizza illi dan ma kienx minnu. Dan huwa ezempju car illi C minn dejjem kienet tghir hafna ghalija**."[20]*

*Jghid li anki mal-familja taghha kellu inkwiet allavolja hu dejjem stamahom. Wara 5 snin zwieg xtraw Haz-Zebbug u jghid li ghamel kollox hu "**kont nahdem lejl u nhar fil-post u ghamiltu kollu jien. Nippreciza illi jien bnejt il-post kollu … jien ghamilt ix-xoghol kollu inkluz xoghol ta' madum, tibjid u kisi**." [21]*

*Jghid li meta kien qed jahdem ma' B&B Construction Limited fuq bazi full-time kien jahdem ukoll ta' mekkanik fejn kien idum il-garaxx anki sas- 2am jew 3 am. Jghid li dan ghamlu biex jipprovdi hajja ta' lussu ghal familtu. Telaq mill-full time u xtraw mini-bus u dan sabiex jahdem lejl u nhar. Jghid li anki martu hadmet ghal xi 3 snin bil-minibus ghax kellha l-licenzja tal-linja.*
*Jghid li hu dejjem ipprova jikkuntaha, izda hi minflok kienet tghid lil koppji li kienu jiltaqghu maghhom l-klabb tal-hamiem il-Mosta li ma kienx itiha flus u li kien isawwatha. "**Jien qatt ma nqastha, pro` hu ma reditx ikolha x'taqsam mieghi. Meta kont nersaq lejha kienet timpika mieghi, jew tghidli li kienet mugugha**."*

[20] Fol 104 tal-process Dok SB1.
[21] Fol 105.

*Jghid li mardet bil-cancer fit-2005. Jghid li kif haregt mill-Isptar kellhom hafna glied "***fuq in-nies li kont incempel. Hi kienet tisusspetta li jien kelli relazzjoni ma' mara ohra, imma dan ma kienx minnu …. F'dan il-perjodu kont nahdem il-garaxx biex inkun taht ghajnejha".***

*Jghid li apparti l-glied li kien ikollhom C kienet traskurata u ma kenitx tiehu hsieb il-karti u hlasijiet li kien jghidilha tiehu hsieb. Kienet toqghod tinkwieta lil familja tieghu u tghidilhom diskors privat. Meta miet missieru kien jorqod ghand ommu u darba fost l-ohrajn telqet C u t-tfal u fi kliemu "***kienu garrew kollox***"[22]. Jghid li fi zwieg telqet mid-dar matrimonjali tlett darbiet. "***Nghid li l-allegazzjonijiet li jien kelli relazzjonijiet ma' nista ohra huma inveritiera. Fil-fatt dan ikompli juri l-ghira u paranojja ta' C. Li kienet kontinwament tahseb hazin fija, u fl-ahhar mill-ahhar kisru z-zwieg taghna***.*"

*Jikkonkludi billi jghid li skont hu l-estent ta' l-ghira ta' C huwa evidenti ghaliex:*

*C kienet ghamlet rapport kontra tieghu mad-Dipartiment tal-VAT, li jien kont qed nahdem il-garaxx u li ma kontx qed niddikjara dan ix-xoghol. Tad-Dipartiment kienu gew il-garaxx biex jinvestigaw, u kienu sabuni hemm pero` jien ma kontx qed nahdem.* ***Jiena xorta wahda bzajt, u kont mort inkellem certu wiehed G, li kien gie rrakkomandat minn xi hbieb tieghi. Jiena mort inkellmu u hu talabni hamest elef lira (Lm 5,000). Jiena ma stajtx inhallas daqshekk flus. Meta kont hiereg il-barra, u staqsini jekk kontx ghadni bi-hsieb li noqtol il-mara. Irrizulta li G kien qed jirrekordjani, pero`, jien ma kellimtux u fil-fatt ma ninstemax fuq ir-recording . C kienet hadet dan ir-recording u kienet marret l-ghassa u ghamlet rapport kontra tieghi. Sussegwentement il-pulizija hadu passi kontrija***

[22] Fol 107.

***pero` l-ispettur ma' ghamilx stqarrija tieghi . Jien hrigt illiberat u G u C sena garanzija ma jersqux lejja."***

**Seduta Numru 2** *fid-19 ta' Gunju, 2013 fl-10.30 a.m. – fejn l-attur talab iktar zmien sabiex iressaq il-provi tieghu;*

**Seduta Numru 3** *fid-19 ta' Settembru, 2013 fl-10.00 a.m. – f'din is-seduta r-rapprezentant legali tal-attur ezebixxa certifikat mediku- Dok. X tax-xhud H I li kellu jiddeponi, filwaqt li l-Avukat difensur tal-konvenuta opponiet ghall-ispejjez tas-seduta minhabba li ghajr ghall-affidavit wiehed s-seduti kollha nhlew[23];*

**Seduta Numru 4 f***is-6 ta' Novembru, 2013, ma xehed hadd, u ghaldaqstant l-Avukat difensur tal-konvenuta pprotestat ruhha ghall-ispejjez tas-seduta[24];*

**Seduta Numru 5** *fis-27 ta' Novembru, 2013 fl-12.00pm xehdu[25]:*

- **Stefan Sacco** *rapprezentant ta' Michael Attard Limited- li gie mharrek sabiex jixhed fuq il-vettura tal-marka Peugeot 407 tal-kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni SBR- 421. Xehed li l-vettura giet mhallsa. Ezebixxa DOK. MA 1[26]. Il-kont in kwistjoni tindika lis- sinjura C B bhala klijent. Ix-xhud xehed li apparti din il-vettura s-Sur B ghandu wkoll vettura ohra – Mercedes bit-targa ta' registrazzjoni MBB – 444. Din il-vettura ghandha kont ghaliha ezebit mix-xhud bhala Dok MA2[27], kont li fl-istadju tax-xhieda tieghu kien miftuh – u fejn l-ammont dovut fuq il-vettura li kieku kellu jithallas dak il-gurnata stess tax-xhieda*

[23] Vide fol. 113 tal-process.
[24] Vide fol. 123 tqal-process.
[25] Ir-rapprezentanit tal-banek kollha gew ezentati mis-sigriet bankarjuu protezzjoni tad-data – vide fol 129 tal-process.
[26] Fol. 137 sa 142 tal-process.
[27] Fol 143 sa fol.146.

*teighu kien fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro tmin mija u tmienja u tletin ewro u sbatax-il centezmu(€10,838.17);*

- ***Kristina N rapprezentant Banif Bank Malta plc;***
  *Xehdet li mir-ricerki u verifiki li ghamlet ma nstabu ebda kontijiet f'isem il-partijiet la wahedhom, la flimkien u lanqas ma' terzi.*

- ***Jeanette Lepre rapprezentant ta' Lombard Bank (Malta) plc;***
  *Ix-xhud spjegat li ghamlet ricerka fuq iz-zewg partijiet mis-sena 2000 sal-gurnata li tat x-xhiedha taghha u rrizulta li t-tnejn li huma m'ghadhom l-ebda kontijiet la wahedhom, la flimkien u lanqas ma' terzi u lanqas forsi dawk li setghu gew maghluqin.*

- ***Y Galea rapprezentant ta' APS Bank Limited***
  *Xehed li fir-ricerka tieghu mar lura kemm seta' skont is-sistema kompjuterizzata talk-Bank u rrizulta li z-zewg partijiet qatt ma kellhom kontijiet, la wahedhom, la flimkine u l-anqas ma terzi.*

- ***Audrey Ghigo rapprezentant ta' HSBC Bank Malta plc***
  *Ix-xhud spjegat li r-ricerka taghha kienet limitata ghall-ricerka fuq kontijiet bankarji u mhux fuq trusts jew investimentili jistghu jkollhom il-partijiet mas-sussidjarji tal-bank. Din ir-ricerka saret fil-21 ta' Novembru, 2013 minn fejn irrizulta li:*

  *<u>F'isem C B hemm</u>:-*

- *Savings account numru 061058327050 – ghal dan esebit dokument HSBC 1. Dan il-kont infetah fil-25 ta' Lulju, 2003 u kien ghadu attiv meta tat ix-xhiedha taghha. Skont id-dokument ezebit f'Jannar 2012 il-bilanc fuq dan il-kont kien ta' €77.69 u ma jirrizultaw l-ebda transazzjonijiet ta' suspettuzi jew f'ammonti kbar f'sens ta' withdrawals;*

- *Fixed term deposit li ghandu n-numru 061058327100 [gja enumerat 617016648] Dok.HSBC 2. Il-kont infetah fil-25 ta' Lulju 1994 u inghalaq fis-25 ta' Lulju, 2003 u ghalhekk ferm qabel din il-kawza;*

*<u>Fl-Ismijiet kongunti:-</u>*

- *Kont kongunt f'isem il-partijiet bin-numru 044094217100, li infetah fis-6 ta' Gunju, 2002 u inghalaq fis-6 ta' Dicembru, 2002 u ghalhekk ferm qabel din il-kawza*

- *Loan account fl-ismijiet kongunti numru antic 88058818 issa bin-numru – 088032578320. Ix-xhud esebixxa statement mmarkat Dok. HSBC 4 – dan il-kont infetah fit-18 ta' Marzu, 1997 u inghalaq fis-7 ta' Jannar, 2002, u ghalhekk ferm qabel din il-kawza;*

- *Xehdet li ma rrizulta l-ebda kontijiet ma' terzi.*

- ***Romuald Attard rapprezentant ta' Bank of Valletta plc***

*Xehed kif ghamel ir-ricerka fuq iz-zewg partijiet u fuq l-attur sab zewg kontijiet u esebixxa l-istatements taghhom:-*

- *Dok. Bov 1 fuq il-kont tat-tip savings bin- numru 40013586908 li infitah fis-17 ta' Lulju 2004 u li ghadu attiv;*

- *Dok. Bov 2, statement ta' VISA card li ghandha n-numru 4042810010249013 – attiva izda d-data ta' ftuh taghha m'hijiex maghrufa. L-esponenti hawnhekk taghmel referenza ghal-vol 6 tal-process Dok JBA 2 fol 1,100 sa fol 1164,. Dok JBA 2 huwa kontinwazzjoni tad-dok BOV 2 -hija l-istess credit card account u in fatti uhud mit-transazzjonijiet bejn id-dati 8 ta' Mejju tas-sena 2013 sa 28 tOttubru, 2013 (fol 199 sa fol 209) huma esebiti wkoll f'Dok JBA 1 bhala duplicate. L-attivita` ta' dan il-kont ta' karta ta' kreditu jirrifletti attivita ta' safar u xiri tal-affarijiet relatati mal-vetturi.*

*In oltre xehed li kien hemm zewg kontijiet kongunti:*

- *Dok. BOV 3 – House Loan bin-numru 38206735015 liema kont infetah fit-12 ta' Novembru, 1999 u inghalaq mill-bank fid- 9 t'April, 2002 -self imhallas;*

- *Dok. BOV 4 – Business loan f'isimhom kongunt - kont numru: 40013489267 li infetah fl-4 ta' Gunju, 2004 u inghalaq fit-13 ta' Settembru 2004.*

*F'isem C B: tlett kontijiet:*

*Dok. BOV 5 – statement tal-kont tat-tip savings bin-numru 18206733011 miftuh bejn it-28 ta' Novembru 1995 u l-25 ta' Mejju, 2004 – ferm qabel din il-kawza*

*Dok. BOV 6- kont tat- tip savings numru 400013466604 miftuh bejn il-perjodu 25 ta' Mejju 2004 u t-22 ta' Settembru, 2010*

*Dok. BOV 7 statement tal-kont tat-tip savings numru 40019336880 li infetah fit-22 ta' Settembru, 2010 u ghadu attiv. L-esponent tinnota li l-ammont f'dan il-kont huwa ta' inqas minn ghaxar Ewro bejn il-perjodu 2010 sa 2012*

*Instab ukoll kont ta' A B ma' terzi izda x-xhud ma setax jixhed fuqu qabel ma nghata l-awtorizazzjoni specifika.*

*Ix-xhud ghamel ricerka fuq is-safe deposit boxes fejn irizulta li l-partijiet ma kellhom l-ebda safe deposit box mal-bank. Spjega li fuq trusts u investimenti dawn il-verifiki jridu jsiru mas-sussidjarji tal-bank u cioe Valletta Fund Management rigward investimenti u rigward trusts dipartiment specifika tal-bank mhux accessibbli mill-legal office*

**Seduta numru 6** *fl-24 ta' Jannar, 2014 fil-11.30 – ma tressqux xhieda/provi u l-attur difensur tal-konvenuta pprotestat ruhha ghall-ispejjez u tlef ta' hin.*

**Seduta numru 7** *fis-7 ta' Marzu, 2014 fl-10.00 – l-attur kellu jipprezenta x-xhiedha tieghu izda baqa' ma deherx.*

**Seduta Numru 8** *fit-30 ta' April, 2014 f'12- gie pprezentat l-affidavit ta' H I mmarkat bhala* ***Dok JB 1*** [28]

*Jixhed li sar jaf il-partijiet meta huma kienu bil-minM u kienu jwasslu lit-tfal tieghu l-iskola u minn hemm bdiet certu hbiberija. Jghid li minn hemm beda jiehu l-karozza tieghu '****ghal services ghand A peress li offrieli li jaghmilli s-services hu****'. Gieli anki hargu bhal familji flimkien. Kellhom ftehim biex johorgu bil-familji flimkien meta l-attur hassar ghax il-konvenuta dahlet l-isptar.*

[28] Vide fol 279 sa fol 283 tal-process

***"Minn hemm il-quddiem C kienet giet operata u ftit wara, A kien infurmani li ma kienx ser jibqa' jigi hu ghat-tfal minhabba li kien ser ibiegh il-vann sabiex ikun jista' jassisti lil C d-dar. Kien qalli li ma setghax joqghod il-boghod minnha u ghalhekk kien ser jibqa' biss jahdem fil-garaxx halli jekk ikollha bzonn xi haga kien ser ikun qrib taghha***[29]***;***

*Dan ix-xhud jghid li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora wara li l-konvenuta:*

*" **dahhlet f'mohha li A kellu lil haddiehor minbarra lilha, C kienet tkellimni hafna u anki kienet iccempilli u naghmlu hinijiet twal mhux hazin nitkellmu bejnietna. Nista' nghid ukoll li darba kienet kellmitni C fejn qaltli li A kien isawwatha. Meta jien kont staqsejtha meta kien gara dan il-fatt qaltli li kien ilu zmien u jekk mhux sejjer zball kienet semmiet li kien ilu xi hames snin u kienet f'okkazzjoni ta' darba**…."*

*Jghid li kien hemm okkazzjoni meta anki lmentat mieghu li ma kienx jaghtiha flus la biex tixtri u lanqas biex tghix filwaqt li ma hbiebu jiffanfra. Skont ix-xhud l-attur dejjem innega dan kollu kif ukoll dejjem innega li qatt kellu haddiehor apparti lil konvenuta.*

***"Kont irrealizzajt ukoll li bejniethom kien hemm xi haga mhux sejra sew minhabba l-fatt li meta kont niccajta ma' A, kien jghidli li ma kienx jista' jersaq lejha minhabba l-ugiegh li kien ikollha. Meta darba kont qieghed fil-garaxx ta' A, waqt li jien kont qed nara kalendarju fejn kien hemm tfajliet liebsin b'mod provokattiv. Li kienu fuq kalendaru tal-Wurth, kienet giet C u semghetni***

[29]Fol 279 tal-process.

***nghaddi xi kumment lil A fuq l-istampa li kien hemm. Dak il-hin, jien bqajt imbellah meta C kienet daret fuqi u qaltli li A ma kellu l-ebda cans jersaq lejha aktar minn hekk dejjem kienet iggiblu l-iskuza li kienet tkun mugugha****".*

*Ix-xhud jghid li l-konvenuta kienet turih li kienet imdejqa minhabba li kellha l-provi li l-attur kellu relazzjoni mara ohra. Jghid li kull meta mar il-garaxx tal-attur dejjem sabu hemmhekk jahdem "***insibu ghaddej fuq xogholu u rari ma kontx insibu hemm"***

*Jghid li darba l-attur cempillu biex jghidlu li l-konvenuta kienet telqet mid-dar imbaghad sabha sejra taqbez minn Ghar-Lapsi u li kien ikollhom argumenti fejn kienet thedded li ser toqtol lilha nnifisha.*

***Seduta Numru 9*** *fil-11 ta' Gunju 2014 fl-10.00 a.m. L-attur ma deherx u ma pprezentax provi u l-Qorti ddikkjarat l-provi tieghu maghluqa. L-Assistant Gudizzjarju ma ffistatx seduta ohra peress li kienet ser tieqaf milli taqdi l-funzjoni taghha bhala Assistant Gudizzjarju.*

***Seduta fis-26 ta' Frar 2015 fil-11:30am***

*Saret referenza għad-digriet tal-Qorti datat is-27 ta' Jannar 2015 fejn ix-xhieda u r-rappreżentanti tal-banek ġew eżentati mis-sigriet bankarju.*

*Xehdu:*

- ***Joseph Caruana*** *in rappreżentanza ta-BOV - Xehed kif ghamel riċerka fuq l-intmata mar lura l għaxar snin fejn sab żewġ kontijiet.* ***Dok JC1*** *huwa attiv u* ***Dok JC2*** *huwa magħluq.* ***Dok JC1*** *huwa savings account li fih bilanċ ta' €9.42 u Dok* ***JC2*** *huwa savings account li ingħalaq fit-22 ta' Settembru 2010. Credit Cards u loans mis-sena 2005 ma sab xejn.*

- ***Saviour Theuma*** *in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali xehed li gie mitlub jixhed dwar benefiċċji li kienet ilha tieħu l-intimata għal dawn l-aħħar 10 snin. F'dan is-sens ipprezenta 3 dokumenti mmarkati bħala* **Doks ST1-ST3**. **Dok ST1** *huwa 'r-relief' li bdiet tieħdu fil-25 ta' Settembru 2010 u għadu għaddej sal-gurnata tax-xhieda tieghu. Dan id-dokument juri l-pagament fil-ġimgħa.* **Dok ST2** *juri l-bonuses fuq ir-relief imsemmi f'Dok ST1. Il-parti ta' fuq huwa relatat mal-bonus ta' Marzu u Settembru li pero' jitħallas fil-ġimgħa u l-ammont huwa ta' €3.12. It-tieni parti huwa l-bonus ta' Ġunju u Diċembru li jitħallas kull 6 xhur fl-ammont ta' €135.10.* **Dok ST3** *huwa l-għajnuna supplimentari li tikkwalifika għalih għax id-dħul huwa baxx. Dan beda jitħallas fil-25 ta' Settembru 2010 u jitħallas kull tliet xhur pero' r-rata indikata fid-dokument u ċioe' €4.57 hija r-rata fil-ġimgħa (preżenti)li ser tkopri sat-3 ta' Lulju 2015. Wara dik id-data trid issir applikazzjoni oħra u tista' tinbidel ir-rata. Ma kienx jaf x'hini r-raġuni għala l-intimata tikkwalifika għal tali benefiċċji izda seta' jeskludi li kienu relatati ma reġistrar tax-xogħol. Obbliga ruħu li jġib kopja tal-applikazzjoni tal-benefiċċji kollha li qed tieħu l-intimata fis-seduta li jmiss.*

- ***Dr. Robert Vassallo*** *għan-nom tal-AwtoC' Għal Trasport f'Malta spjega li jirrappreżenta żewġ reġistri u ċioe' tal-bastimenti żgħar u dak tal-bandiera Maltija. Ma sab xejn tul l-aħħar 10 snin. Ir-riċerka saret mill-bidu li bdew ir-reġistri lli jmorru lura għal aktar minn 10 snin. Kontro-eżami riservat.*

- ***F Cachia*** *għan-nom tal-AwtoC' Għal Trasport f'Malta xehed li ghamel riċerka fuq l-intimata fejn preżentament hemm żewġ vetturi -* **Dok SC1** *filwaqt li* **Dok SC2** *huwa dokument li juri x'vetturi kellha l-intimata fil-passat.*

- ***Jospeh Saliba*** *in rappreżentanza tal-ETC- ghamel riċerka fuq l-intimata l-employment history tagħha gie pprezentat bħala* **Dok JS1**. *Fuq l-attur ezebixxa*

*l-employment history tiegħu ukoll bħala* **Dok JS2**. *Hawnhekk L-esponenti taghmel referenza ghall-employment history li l-initmat kellu ma' B&B Construction fejn darba minnhom adirittura gie mkecci minhabba ragunijiet dixxiplinari u eventwalment kien huwa stess li rrizenja liema perjodu jaqbel mal-perjodu fejn huwa jghid li gie boarded out li abbazi tieghu gew ezebiti certifikati medici B'referenza għal* **Dok JS2**, *hemm referenza għal 'C Bezzina' (fl-aħħar żewġ entrati) li hija mniżżla bħala employer tiegħu. Ix-xhud kellu jivverifika jekk din C Bezzina hijiex l-istess persuna tal-intimata peress li kunjomha xebba kien Bezzina. L-attur kien l-unika persuna impjegat ma' Bugi Garage. Obbliga ruħu li jġib l-informazzjoni f'seduta ohra.*

- **Audrey Ghigo** *in rappreżentanza tal-HSBC (Bank Malta Plc).Ghamlet riċerka fuq l-intimata spjegat li diġa' tat tali informazzjoni f'seduta preċedenti. B'hekk ir-ricerka li ghamlet ghal din is-seduta tirrelata dwar kontijiet bankarji f'isem l-intimata mill-1 ta' Jannar 2013 sad-9 ta' Frar 2015 fejn sabet savings account dokument ezebi bħala* **Dok AGX1** *li huwa kont attiv.*

- **Dr. Elizabeth Quintano** *in rappreżentanza tar-reġistratur tal-Qorti u Tribunali Kriminali Għamlet riċerka fuq l-attur li bħala kumpilazzjonijiet fejn ma rrizulta xejn. Spejgat li riċerka fuq appelli ma jkunx jista' jsir jekk ma jkollhiex d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.Kontro-eżami riservat.*

- **Dr. Alexia Aquilina** *in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali. Għamlet riċerka fuq mandati f'isem il-partijiet ezebit dokument li juri l-mandati. Ir-riċerka saret fuq l-ID Cards.* **Dok AA1** *juri dan u jikkonsisti fi 8 paġni.* **Dok AA2** *imbagħad huwa dokument li juri mandati f'isem A B pero' ma setatx tkun taf jek huwiex l-istess attur għax ma kellhiex l-ID Card. Ir-riċerka saret mis-sena 2000 'il quddiem.*

***Fit-12 ta' Marzu, 2015***, *l-attur pprezenta nota u permezz taghha pprezenta diversi mandati maghmulin minn kredituri kontra l-konjugi B. Dawn qeghdin a fol 315 sa fol 330 tal-process u jikkonsistu fis-segwenti:*

- *Kontromandat akkordat fil-25 ta Novembru 2013, wara l-mandat ta' sekwestru 2551/13 mahrug fis-6 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet Michael Attard Limited vs A u C B. Raguni – Stante ftehim ta' pagament;*

- *Kontromandat akkordat fi-25 ta' Novembru 2013, wara l-mandat ta' qbid 2550/13MB tas-6 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet Michael Attard vs A u C B. Raguni – stante ftehim ta' pagament;*

- *Mandat ta' Qbid kawtelatorju 2550/13 fl-ismijiet Michael Attard vs A u C B – sorti- tmint elef u hamsa u tletin euro u tmien euro centezmi €8035.08 – import ta' wiehed u ghixrin kambjala skaduti accetttati u ffirmati mid-debituri ;*

- *Mandat ta' sekwestru kawtelatorju 2551/13 fl-ismijiet : Michale Attard Limited vs A u C B – Sorti - tmint elef u hamsa u tletin euro u tmien euro centezmi €8035.08 – import ta' wiehed u ghixrin kambjala skaduti accetttati u ffirmati mid-debituri;*

- *Mandat ta' inibizzjoni 168/14 pprezentat fil-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: B1 B vs C B u F B, sabiex twaqqaf definittivament l-prokura maghmula mill-initmat favur ommu C B ghad-dannu tar-rikorrenti (vide fol 332)*

- ***Nota tal-attur tat-30 ta' Marzu, 2015,[30] bl-Affidavit Ulterjuri tieghu u s-segwenti dokumenti:***

[30] Fol 338 sa fol 342 tal-process

- ***Dok. 'SB 1'***[31]. *Ittra fuq letterhead tal-Prof Abraham Galea datata 27 ta' Gunju, 2003. Skont din l-ittra ossia certifikat mahrug mill-Prof A Galea, il-Prof jghid li l-attur qieghed taht il-kura tieghu wara li gie referred lilu mit-tabib tal-Familja tal-attur "**who has been treating him with antidepressants for Depressive Illness.** Il-Prof jkompli jghid: Mr B is married with two children and though he worked as a Labourer he did many odd jobs as required. He started having Qnuous 'aphthous stomatitis' and he had various consultations with the Company Doctor who eventually advised him that "these numerous painful ulcers are the result of stress at work and the best advice he could give was for him to stop work". **Eventually he was discharged as 'redundant from work' but he is very suspicious that the real reason was that they were not happy with him and had a substitution. Eventually he was again recruited but always felt unwanted ' u tlaqt ghax ma flahtx aktar.'… omissis … What struck me most however is his poverty of thought, poor communication and his loss of trust in anybody and anything. Apart from Seroxat 20 mg he is also on Stelanine 2mgs bid a the suspicion of Schizoid personality is reasonably held**"[32]. Fuq dan l-esponenti hawnhekk taghmel cross-reference ghal dak li jirrizulta mill-employment history tal-attur succitat u cioe' li l-ewwel gie mkecci fuq ragunijiet ta' dixxiplina mbaghad jirrizulta li rrezenja.*

- *Ricetta tat-tabib a fol 344;*

- *Dokument Schedule V Medicines Entitlement Unit St Luke's Hospital datat permezz ta' timbru 16/02/2012;*[33]

[31] Fol 343 tal-process.
[32] Vide fol 343
[33] Fol 345 sa 345 tal-process

- ***Dok 'SB 2' Ittra fuq letterhead ta' Dr Anthony Dimech*** *-psikjatra ittimbrata u datata* ***17/01/2013***[34]*. Skont dan ic-certifkat l-psikjatra Dimech jghid li ezamina l-attur li ghandu '***chronic and severe depression. He has severe emotional instability***"*[35] *. Skont dan ic-certifkat il-psikjatra jirrankkonta li l-attur qieghed: "****constanly ruminating about his familial problems and his children with whom he has no contact. He spends time on his own doing nothing …. Omissis… Mr A B is significantly functionally impaired by the above. He is unfit for work****".*

*Illi l-esponenti tinnota li f'dawn il-proceduri l-attur esebixxa zewg certifikati medici – datati 2003 u 2013 rispettivament. Izda fl-inkartament ezebit mix-xhud rapprezentant Sigurta Socjali johorgu xi ohrajn mill-file li d-dipartiment kellu fuq l-attur.* [36] *In oltre` hu necessarju li wiehed jaccenna ghal fatt li b'harsa lejn id-dokumenti ezebiti per ezempju a fol 491 sa fol 507 tal-process mmarkati Dok RB 2 sa DOk RB 19, wiehed jara li f'dan il-perjodu l-attur kien qed isiefer b'mod frekwenti mal-partner tieghu O R:*

*L-Italja fis-sena 2011;*
*Tunizja fis-sena 2012*
*Sqallija fis-sena 2012*
*Praga u l-Germanja fis-sena 2013 ecc..*

*L-esponenti ma tantx hija konvinta b'dak li huwa registrat fic-certifikat mediku tal-psikjatra Dimech u cioe' li l-attur kien qieghed id-dar wahdu ma jaghmel xejn u jahseb fi tfal tieghu li ma kellu l-ebda kuntatt maghhom. II-provi prodotti u ezebiti fil-kazwa kif ukoll l-attegjament tal-attur waqt li ta ix-xhiedha tieghu u*

[34] Fol 347 tal-process
[35] Vide fol 347 tal-process.
[36] Vide per ezempju fil 1185 tal-process – certifikat mahrug mill-psikjatra A Dimech u datat 16/02/2012

*anki kif xehed in kontro-ezami jirriflettu persuna li pjuttost ra kif jagmel biex jibqa' ghaddej b'hajtu daqslikieku l-familja tieghu qatt ma ezistiet!*

*F'dan is-sens l-esponenti tirreferi ghax-xhiedha ta' Saviour Theuma rapprezentant tad-Dipartiment Sigurta Socjali ta' Malta a fol 1074 tal-process fejn ix-xhud pprezenta l-file relattiv li d-dipartiment ghandu fuq l-attur. Dok STA 1 u Dok STA 2- Dok STA 2 huwa sommarju tal-invalidity pension li jippercepixxi l-attur. L-esponenti tinnota s-segwenti:*

- *Invalidity application was submitted on 7th July, 2003 – u cioe fuq dan nirreferu ghac-certifikat tal-Prof Galea;*
- *Medical Board Assessment dated 21st July, 2003 – Invalidity Application accepted; Skont dak indikat f'dan ir-rapport tal-Medicla Panel datat 21 -07-2003 l-attur gie meqjus li kellu* ***'schizophrenia'***
- *Letter of Award dated 22nd July, 2003*
- *Letter for Review of Invalidity Claim dated 11th November 2011 (Red 7)*
- ***Application for Review Work Related Impairment dated 30th November 2011 (Red 8)***
- ***Application Rejected***
- ***New Medical Certificate dated 16th February, 2012 send to Department***
- ***Claim Referred to Medical Board for re-consideration in view of the new medical certificate.***
- ***Medical Board Review dated 5th April, 2012 (Red 15)***
- ***Claim rejected (Red 16)***
- ***Claimant Appealed Medical Board's decision.***
- ***Umpire upheld claimant's appeal on the 21st February, 2013 (Red 18) – hawnhekk l-esponenti temfasizza l-parti tas-summary tax-xhud li jirreferi ghal new medical certificate. Iz-zmien jaqbel perfettament mal-perjodu tal-hrug tac-certifikat tal-psikjatra Dimech in fatti jekk wiehed ihares lejn fol 1174 fejn***

***insibu d-decizjoni tal-Arbitru fid-decizjoni nsibu s-segwenti:*** *Sema lill-appellant waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 u l-verbal tal-istess seduta fejn l-appellant gie awtorizzat jipprezenta certifikat mediku recenti mahrug mill-Psikjatra kuranti tieghu Dr Anthony Dimech, liema certifikat huwa datat 17 ta' Jannar, 2013. Ha in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku prezenti ghas-seduta.*

*In oltre l-Arbitru ppronunzja ruhu kif gej:*

*"**illi l-appellant ghandu tnejn u erbghin sena xehed illi hadem l-ahhar madwar disa' snin ilu stante illi kellu problem matrimonjali u ghadu ghaddej bil-kawza ta' separazzjoni liema sitwazzjoni tikkawzalu ansjeta kbira. Huwa jghid illi ma setax jkompli jahdem minhabba l-ansjeta fejn huwa aggressiv u jispicca jkisser kull ma' jkollu quddiemu. Huwa ghalhekk kien beda l-kura u waqaf mix-xoghol**."*[37]

*Illi l-esponenti umilment ma tistax tikkondividi dan il-hsieb tal-arbitru u dan ghaliex quddiemha l-esponenti ghandha wkoll c-certifkat mahrug minn Prof Galea fit -2003 u r-raguni originali ghalfejn l-attur gie boarded out johrog minn dan ic-certifikat u li ma kellu xejn x'jaqsam mas-separazzjoni jew mal-familja tieghu jew xi ansjeta li setghet tikkawzalu l-familja tieghu.*

*Fost id-dokumenti u inkartament ezebit mix-xhud rapprezentant tas-sigurta socjali hemm formula tar-Review datat 30/11/2011 din il-formola intbaghtet lil atur wara li d-dipartiment kellha informazzjoni li fil-fatt seta' jaghti l-kaz li l-attur kien kapaci ghax-xoghol. Jidher li din il-formola mtliet mill-Prof A Galea, li kien il-konsulent li l-attur kien qed jara minn meta gie boarded out fit-2003. L-*

[37] Fol 1174 tal-process

*esponenti tinnota li f'din il-formola ghall-iktar minn darba jirrizulta li l-attur kien qed ikollu xi ghajnuna minn certu 'devoted neighbour' - vide per ezempju fol 1187. Apparti minn hekk ta' min jsir accenn ghal fatt li ghall-iktar minn darba hemm referenzi ghal agir vjolenti da' parti tal-attur:*

*"bouts of aggression on least provocations very unpredictable rage reaction"*[38]

*"1) unpredictable behaviour with rage reaction;*
*2) easily provoked to anger;*
*3)depression with impulsive behaviour;*
*4) suspiciousness and paranoid."*

*Kontinwazzjoni ta' Dok STA 2:*

- *Claimant awarded MNIP without loss of Benefit*
- *Claimant requested to produce separation documents (Red 28)*
- *Invalidity pension review on 11th September 2015*
- *Invalidity Pension renewed. Medical Board decision on Red 15*
- *MNIP awarded for two years (2) years 20th June 2015 to 14th July, 2017*

*Il-psikjatra Dimech mela l-parti tal-formola li l-attur ssottometta mal-beneficcji socjali – dan id-dokument jinsab a fol 1168 sa 1171 tal-process. Isir referenza ghall-paritjiet ta' din il-formola hekk hdejn paragrafu c msejjah* **Additional Information for this assessment**:

*"**Chronic and severe depression illness in the context of severe social problems including loss of family house and financial resources. PT is homeless**"*[39]

[38] Fol 1187
[39] Vide 1169

*Hdejn paragrafu d – Clinical history and examination insibu:*

*"45 year* ***old with chronic and severe depressive illness. Severe emotional instability and agitation and restlessness as a result of his social circumstances. Homelessness and helplessness are prominent with … decreased concentration <u>and severe anger</u>***.*"*

*Mentri f'din il-kawza tressqu provi anki dawk dokumentarji li juru li tul dan iz-zmien kollu hemm probbalita kbira (b'dan li l-esponenti hija moralment konvinta li hekk hu) li l-attur qatt ma waqaf jahdem bhala mechanic. Di fatti anki xhieda li ressaq l-attur stess jghidu li wara l-operazzjoni tal-konvenuta hu dejjem kien ikun qed jahdem gol-garaxx tieghu. Il-konvenuta giet diagnosed bil-kancer ferm wara li l-attur kien gie boarded out.*

*Apparti dan wiehed jista' jaghti daqqa' t'ghajn lejn it-transazzjonijiet fuq il-karta ta' kreditu li l-attur ghandu f'ismu mal-BOV (kont skypass) fejn jirrizultaw transazzjonijiet li huma relatati max-xiri ta' parts ta' vetturi b'mod frekwenti u kontinwu u li jkomplu jikkorraboraw it-tezi li l-attur fil-veC' qatt ma waqaf jahdem minkejja c-certifikati li gew esebiti.*

*In oltre jirrizulta li l-attur anki beda jahdem il-Libja. F'dan l-istadju l-esponenti taghmel referenza ghall-procedura ta' zgurmbrament fejn xehdu l-intimata u bint il-partijiet u anki gew ezebiti dokumenti f'dan is-sens b'ritratti tal-attur fuq il-lant tax-xoghol. Wiehed ma jistax ma jaghmilx referenza ghal dak li xehed l-attur stess u cioe li kellu tifel minn mara Libjana u li dan it-tifel tieghu jghix m'ommu il-Libja peress li ghadu minorenni ta' eta` tenera.*

*L-esponenti tixtieq tirrimarka wkoll fuq dik il-parti fejn il-psikjatra jghid li l-attur homeless pero' fil-veC' dan ma kienx ghaliex l-attur ma kellux fejn joqghod izda dan kien stat ta' fatt li gie fis-sehh wara li l-attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali minn din l-Onorabbli Qorti naturalment b'ordni. Ghalhekk fl-opinjoni tal-esponent l-aspett ta' homelessness irid jittiehed f'dan il-kuntest u wiehed ma jistax jinjora l-fatti li taw lok ghall-izgumbrament tieghu u cioe' cirkustanzi li gab fuqu stess l-attur!*

- *Dok. 'SB 3' licenzji tal-ADT f'isem C B licenzja Group B u Group D datati 13-01-2003[40];*
- *Dok SB 4 Diversi Ritratti tal-partijiet ma' koppja ohra u nies ohrajn fol 349 sa fol 358.*
- *Dok SB 5 – a fol 359 sealed envelope;*
- *Dok SB 6 a fol 360 ritratt li skont l-attur juri lil martu tnaddaf. Ir-ritratt juri mara fuq scaffolding hdejn tieqa fil-gholi;*

*[Dawn l-istess sett ta' dokumenti kif ukoll l-Affidavit ulterjuri jinsabu wkoll a fol 990 sa fol 1015 tal—process.]*

***Fl-Affidavit ulterjuri*** *tieghu l-attur jghid illi meta zzewweg lil konvenuta kellu sittax- il sena mentri l-konvenuta kelli tmintax-il sena u dan wara li l-konvenua harget tqila.*

*"**Jien nghid li jien kont gejt imgieghel nizzewweg mill- genituri taghha u hutha, u dan l-ghaliex wara li harget tqila huma kienu heddewni biex nizzewwigha**."*

[40] Fol- 348 tal-process.

*L-Attur jghid ukoll li kien ghamel xogholijiet kemm fid-dar tal-genituri t'omm l-konvenuta, fejn damu jghixu madwar tlett snin u anki fl-ewwel post taghhom il-Mosta, ix-xoghol dejjem ghamlu hu u qatt ma inkariga nies. Xehed li huwa kien jahdem "***bhala tellar u mekkanik ma' Vassallo Builders matul il-jum u mal-lejl kont nizbohlu l-bibien tal-lukanda***."*

*Izid jghid li bil-hidma tieghu xtraw l-ewwel villegjatura gewwa l-Ghadira ghal xi Lm5000 u bdew imorru hemm fis-sajf. Jghid li l-konvenuta u t-tfal kienu jaghmlu sajf shih hemm filwaqt li hu kien jibqa' xoghol u jirsisti ghall-familja '***biex forsi nixtru d-dar taghna***'.*

*Jghid li minn dejjem kien hemm problema ta' ghira minn naha ta' martu fiz-zwieg. Sahansitra jghid li kien ghalhekk li xtara l-vileggjatura: "***biex kemm jista' jkun ma' nibqghux il-Mosta, ghall-inqas fis-Sjuf, ghax C bdiet tiffissa li jien qed immur mal-mara li kienet toqghod fuqna***."*

*Sussegwentement xtara l-arja f'Haz Zebbug fejn bena d-dar matrimonjali u fi kliemu stess jghid:*

*"***Nghid li x-xoghol tal-idejn, inkluz l-aluminium, il-madum tal-art, il-kmamar tal-banju, il-poggaman, l-bieb, kcina, ghamiltu kollu jien minghajr l-ebda haddiema ohra***."*

*Bieghu l-villegjatura ghax skont hu l-konvenuta bdiet tissuspetta li beda jmur ma' ta' faccata.*

*Meta kienu qeghdin jghixu Haz-Zebbug beda jahdem ma' B&B Constructions li huma l-istess nies li minghandhom xtara l-arja u l-materjal sabiex bena d-dar. F'dak iz-zmien jghid li xtara Peugeot 106 ghall-konvenuta, u ftit wara xtara*

*garaxx iehor li jinsab ezatt magenb id-dar, u kien jahdem mal-B& B Constructions izda baqa' jahdem part-time bhala mekanik minn go dan it-tieni garaxx.*

*Jghid li l-ftehim ta' bejniethom bhala koppja kienet li hu jahdem mentri hi tiehu hsieb il-familja u fil-fatt jghid li l-kovenuta bdiet tahdem meta dan spicca boarded out u bdiet tahdem bhala mini bus driver. Fi kliemu stess jghid:*

***"Nghid li jien ftit qabel ma gejt boarded out kont xtrajt mini-bus, biex nibda nahdem ghal rasi u tlaqt mill-B&B Constructions Limited. Pero` ftit wara, peress li l-ghira tal-mara tieghi kompliet tiggrava, u bdiet iggenninni kont mradt u spiccajt anke boarded out. Marti tant kienet tahseb hazin fija, li kienet spiss tehodli l-mobile u toqghod tqellibli fih u kienet anke tikkopja n-numri li kelli fuq il-mobile u ccemplilhom biex tara jekk kellix mara ohra. Sa daz-zmien, marti kienet anki spiss tmurli Had-Dingli jew Ghar-Lapsi u theddidni li ser taqbez, u jien kont immur ghaliha u ngibha lura d-dar*.**

***Jiena ma stajtx nibqa' sejjer hekk u bdejt inhossni qed niggennen. Kont kellimt lill-psikjatra Abraham Galea (Dok SB 1), li illum miet, u eventwalment kellimt lil psikjatra Anthony Dimech (Dok SB 1). It-tobba kienu tawni lista shiha ta' pilmli biex inkun nista' nzomm kalm, habba il-hardtime li kienet ittini marti ghax dejjem tahseb hazin fiha ghalxejn. It-tobba kienu anke qaluli biex ma nibqax insuq u kien ghalhekk li bdiet tohrog tahdem hi. Apparti l-fatt, illi hija kienet anke tmur taghmel il-vjaggi ta' bil-lejl, ghax ma kenitx tafdani u tghidli li kont immurilha ma' xi mara ohra (Dok SB 3). Maz-zmien imbaghad kont gejt boarded out."*** [41]

[41] Fol 992 tal-process

*Jkompli billi jghid kemm dar biha meta mardet bil-kancer tal-utru u li meta giet lura d-dar biegh il-minibus, u dan sabiex joqghod maghha d-dar u jdur biha. Jghid li baqa' jcekcek minn taht '***biex naljena rasi u ma nibqax sejjer lura. Fil-fatt kont bdejt anki nixtri cranes minn barra u nbieghhom hawn Malta u kollox kont naghmel fuq il-mara ghax peress li jien kont gejt boarded out ma seta' jkolli xejn fuq ismi."***

*Jghid li l-ghira u s-suspetti ma waqqfux. Li l-flus kollha kien izommhom id-dar u l-bank ftit li xejn kien izomm. Fil-fatt jghid li anki Lm80,000 kien izomm id-dar u ghajr ghal darba jew tnejn ma hadux loans meta xtraw proprjeta. Jghid ukoll li meta kien jissellef kien jisellef minn fuq l-idejn.*

*Jghid li l-konvenuta ma kienitx thallih johrog ma' shabu biex jiehu drink – bilfors kellu joqghod taht ghajnejha u ghalhekk biex jiltaqa' maghhom kien jorganizza ikla fil-garaxx. Izda fl-istess hin jghid li bhala familja siefru diversi drabi. Imbaghad jghid ukoll li l-konvenuta ma kellhiex relazzjoni tajba mal-familja tieghu. Izid jghid ukoll li J K li suppost kien habib taghhom kien mlielha rasha li kellu provi li l-attur kien qed jaqlibhiela u kienet anki telqet mid-dar bit-tfal ghal ftit granet pero meta dawn il-provi qatt ma inghatawlha regghet marret lura d-dar.*

*Jghid li l-hajja intima taghhom fl-ahhar tlett snin marret ghall-aghar u kienet iggiblu skuzi biex ma jersaqx lejha u kienet tinfaxxa zaqqa u '***iggibli l-iskuza li ghandha l-ugigh f'zaqqa'***, izda skont hu dan kien minhabba xi ritratti provokattivi li kellu ta' xi nisa u mhux minhabba l-ugieh u dan ghax qalet hekk lill-Ispettur Jesmon I li kien habib taghhom. Fi kliemu stess "***Marti dejjem kienet tghir hafna, anke ghal semplicement stampi****!'*[42]

[42] Vide fol ta' bejn. 993 u 994 mhux mmarkat.

*L-attur jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif il-konvenuta u t-tfal tlequ mid-dar matrimonjali u hadu maghhom fost affarijiet ohrajn Lm 80,000 li kienu mohbija d-dar. Jghid li sena wara, iz-zewgt itfal tieghu ghalkemmm ghandhom paga baxxa, it-tnejn li huma xtraw proprjeta' immobbli.*

*L-Attur prezenta nota b'rapport datat 25 t' Lulju, 2014 anness tal-Perit Tancred Mifsud*[43]*. Fir-rapport tieghu jghid li gie ingaggat minn A B sabiex jispezzjona u jevalwa l-fond X u l-interconnecting garaxxijiet fi Triq X, Zebbug. Il-Perit jaghti deskrizzjoni tal-fond u garaxxijiet interkonnessi u jikkonkludi:*

*"**After considering the market value of similar properties in the same locality and all other factors as demanded by my profession, I estimate the market value of X (and two interconnecting garages), Triq X, Zebbug Malta at Euro 205,000.00 with free and vacant possession**".*

***Seduta tas-27 ta' Marzu 2015 fin-12.30 Xehdu:***

- ***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-ETC** – spjega li diga xehed f'dawn il-proceduri u li dakinhar gie mitlub sabix jipprezenta l-engagement form ta' A B ma' C B. Skond din il-formola dam fl-impieg ghal gurnata wahda biss u cioe 7/12/2005. Vide Dok X u Dok X 1*[44]

- ***Deher il-Perit Tancred Mifsud** izda Dr Yanika Camilleri oggezzjonat ghax-xhieda tieghu stante li mhux xhud indikat;*

[43] Vide fol 365 sa 366 tal-process
[44] Vide fol. 886- 887 tal-process

- ***M N** xehed li huwa mechanic bhal ma hu A izda hu jispeccjalizza fuq vetturi tal-ghamla Mercedes u b'hekk meta A (li ilu jafu ghal xi ghaxar snin), ikollu karozza tat-tip Mercedes ghal xi tiswija jmur ghandu. Xehed li meta A interessa ruhu biex jixtri jetski kien issuggerilu biex jixtri Seadoo – u kien silfu l-flus sabiex jixtri l-jetski in kwistjoni. Silfu xi sitt elef jew sebat elef Ewro u spjega li kien jggiralu c-cekkijiet li jircievi hu bhala hlas mill-klijenti tieghu biex tah dan is-self. Spjega li hu xtaq jithallas lura – l-attur qalli li ma setax ihallsu lura u ghalhekk jghid li thallas bil-jetski stess – marru flimkien u ghamlu t-transfer. Imbaghad in kontro-ezami jghid li ma zammx kopji ta' dawn ic-cekks u xi zewgt isjuf wara biegh il-jetski lil wahda mara ma jafx x'jisimha[45].*

- ***Saviour Theuma-** ix-xhud kien diga' xehed darb'ohra u fis-seduta in kwistjoni gab mieghu dokumenti fuq l-konvenuta **Dok X2**[46]- l-applikazzjoni tal-konvenuta ghal ghajnuna socjali. Spjega li ghadha tiehu ghajnuna supplimentari ghax m'ghandhiex dhul izda l-applikazzjoni in kwistjoni ma nstabitx. Spjega li l-applikazzjoni ghal dan it-tip t'ghajnuna m'ghandhiex ghalfejn issir kull sena.*

- ***Sharon C1. –** mharrka sabiex tixhed fuq il-VAT returns ta' C R ta' dawn l-ahhar 20 sena izda ix-xhud ma kenitx taf li kellha l-ezenzjoni necessarja sabiex tixhed u dakinhar ma gabitx id-dokumenti in kwisjG maghha.*

- ***Joseph Pace –** in rapprezentanza ta' Transport Malta. Xehed li hu jahdem fid-driving section ta' TM u li gie mitlub jipprezenta dokumenti relatati mal-mini bus u l-licenzja tas-sewqan relattiva u pprezenta Dok JP 1 minn liema dokument jirrizulta li l-konvenuta gabet il-licenzja tal-karozzi tal-linja fit-13 ta' Jannar 2003 (minibus licence) Xehed ukoll li fit-2003 applikat ghat-tag izda qatt ma giet imgedda.*

[45] Vide fol.883 tal-process.
[46] Fol 888-890 tal-process.

- *Joseph Camilleri – PS 1240 – xehed li huwa stazzjonat l-Ghassa Qormiu ezebixxa r-rapporti li saru mill-partijiet mmarkati JC 1- 28 – dawn jinsabu a fol 893 sa fol 975 tal-process.*

- ***F B –** iben il-partijiet li gie mitlub sabiex jixehd fuq il-kontijiet bankarji li ommu kellha prokura ghalihom. Xehed: Nghid li ommi kellha prokura li kont tajtha biex meta nghidilha tmur u tigbed il-flus mill-kont tieghi. Ma nafx meta tajtha din il-prokura pero nista' nivverifika u ngib kopja taghha. Il-kont tieghi hu mal-HSBC li hu saving account.*[47]

***Seduta tal-4 ta' Gunju, 2015 fin-12.30: Xehdu:***

***L-Ispettur Kylie I –** xehdet li giet mitluba tirraporta dwar rapport li aru bejn il-partijiet, x'charges hargu, u l-ezitu tal-Qorti taghhom: " Nghid li bhala rapport ma ghamluhomlix. Imma bhala akkuzi nista' nipprezenta 3, 1 kontra C B biss fejn il-process kien ezawrit, wiehed kontra C B et fejn il-process gie ezawrit, u l-iehor kontra A B fejn kienet saret obbligazzjoni in atti quddiem il-Magistrat Mizzi. Dawn qed jigu esebiti u mmarkati bhala Dok KB 1 – KB 3"*[48]

***Lawrence N – rapprezentant Valletta Fund Management***

*Fir-ricerka li ghamel fejn mar lura 10 snin ma sab xejn fuq il-partijiet. Spjega li huma joffru fondi u mhux poloz ta' assigurazzjoni.*

*Dr Mizzi pprezentat seduta stante Affidavit ta' Adrian Muscat Dok SM1 li permezz tieghu jikkonferma taht gurament li bejn 2008 u 2010 kien silef lill-attur*

[47] Vide fol 885 tal-process.
[48] Fol 982 sa 984 tal-process.

*€35,000 li minnhom irrifonda biss €5000 permess ta' xoghol ta' mechanic li ghamel fuq ingenji li kienu tieghu. Fi kliemu jghid li "***Fl-2010 l-imsemmi B waqaf jhallasni peress kif kien ghidli hu telqitu l-mara u ma setghax jikkoncentra fuq xogholu u hadem ftit li xejn***"*[49]*.*

*A fol 987 tal-process hemm nota tal-attur bir-rapport*[50] *redatt mill-perit Tancred R bl-istima tal-fond matrimonjali u zewg interconnecting garaxxijiet ghal valur ta' €205, 000. Dan ir-rapport hu datat 25/07/2014.*

***<u>Xehed Dr Anthony Dimech</u>*** *quddiem l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Gunju, 2016, debitament ezentat mnis-sigriet professjonali. Xehed kif ilu jaf lil attur mit-2012 u dan wara referral mit-tabib tal-familja tal-attur. Xehed li kien fi stat ta' dipressjoni "akuta u severa"*[51]*. Rah xi sitt darbiet ohra. Bhala medicini psikjatrici jiehu "***combination ta' anti depression u tranquilisers li huma abbastanza gholjin ghax l-istat tieghu kien jirrikjedi dan***."*

***<u>Provi tal-Intimata</u>***

*Dokumenti Ezebiti in att a fol 56 sa fol 83 tal-process. Dawn huma:*

a. *Dok C 1 ritratt tal-kcina mmarkat 'before and after'*
b. *Dok C2 ritratt tal-garaxx 1 mmarkat 'before and after'*
c. *Dok C3 ritratt tal-garaxx 2 mmarkat 'before and after'*
d. *Dok C4 ritratt tal-garxx 2 mmarkat 'before and after'*
e. *Dok C5 ritratt mmarkat 'after'*
f. *Dok C 6 ritrat tas-salott mmarkat 'before and after'*

---

[49] Vide fol 986 tal-process.
[50] Fol. 988 sa 989
[51] Vide fol 447 tal-process

g. *Dok C7 ritratt tal-kamra tas-sodda ta' Stephe mmarkat 'before and after'*
h. *Dok C8 ritratt tal-kamra ta' D mmarkat ' D room before'*
i. *Dok C9 rirtratt tal-kamra ta' D mmarkat 'D room before'*
j. *DoK C10 ritratt mmarkat 'D room before'*
k. *Dok. C11 ritratt mmarkat 'D room after'*
l. *Dok C 12 ritratt mmarkat 'D room after'*
m. *Dok C13 ritratt mmarkat 'kitchen before'*
n. *Dok C 14 ritratt mmarkat 'kitchen after'*
o. *Dok C 15 ritratt mmarkat 'kitchen after'*
p. *Dok C 16 ritratt mmarkat 'main bedroom before'*
q. *Dok C 17 ritratt mmarkat 'main bedroom before'*
r. *Dok C 18 ritratt mmarkat 'main bedroom after'*
s. *Dok C 19 ritratt mmarkat 'main bedroom after'*
t. *Dok C 20 dokument a fol 75- 76 tal-process bil-heading Santa Maria – missing objects*
u. *Dok D 1 – dokument a fol 77 tal-process b'dak li jidher li l-konvenuta qed tippretendi bhala sehemha tal-oogetti elenkati*
v. *Dok D 2 sa Dok D 7 – elenku tal-mobbli u oggetti fi-dar u garaxxijiet b'valur in Ewro ta' €108, 827.50*

***<u>Seduta tad-29 ta' Settembru, 2015 fl-12</u>****, fejn xehdu:*

- **Emily X** *in rapprezentanza ta' Melita plc. Xehdet liu fuq il-proprjeta` 'Santa Marija' Triq l-Gheneb Zebbug kien hemm servizz f'isem A B. Hemm bilanc ta' €286.64. Il-kont ilu mhux attiv minn 17 ta'Awwissu, 2009 u spejgat li s-servizz gie mwaqqaf minhabba l-kont pendenti. Ll-kont jinsab ezebit bhala Dok. 'A'*[52].

[52] Fol. 1021 tal-process.

*Bhala data ta' intsallazzjoni bhala servizz ix-xhud kellha tivverifika u fuq l-intimata ma rrizulta xejn.*

- **Anthony Bonnici** *in rapprezentanza ta' Mobile Communications Ltd maghrufa bhala GO Mobile u Go plc. – fejn ix-xhud ikkonferma li fuq iz-zewg partijiet ma rrizulta xejn;*

- **Reuben Bonnici** *in rapprezentanza ta'ARMS Ltd, li xehed fuq il-kontijiet pendenti fuq id-dar matrimonjali tal-partijiet fejn ezebixxa kopja tal-ahhar kont intestat f'isem A B Dok RB 1[53]. [Dan il-kont huwa datat 14 t'Awwissu 2015, jirrifletti l-perjodu bejn it-12 ta' Mejju 2015 sat-8 ta' Lulju, 2015 izda fuq dan il-kont hemm ukoll xi arretrati ta' €3,926.31, bit-tnaqqis tal-beneficcju tal-energija l-ammont fuq il-kont pendenti huwa ta' €3960.93]. Ix-xhud pprezenta wkoll* ***Dok RB 2,*** *kopja tal-prospett li sar u charges applikati. Ix-xhud jippreciza:*

*"**d-data tat-2 t'Ottubru, 2010 nghid il-bilanc kien dak ta' 233.86 ghax kien sar pagament ta' €300. Fl-14 t'Ottubru, 2014 il-bilanc kien ta' €3,324.56**"[54]*

*L-esponenti tinnota li mhuwiex ikkontestat li l-konvenuta u wliedha ma baqghux jirrisjedu fid-dar matrimonjali wara d-data tal-15 ta' Settembru, 2010.*

*In kontro-ezami x-xhud jghid li l-pagamenti li huma indikati bil-kliem 'payment lot' u 'manual post request' ikunu saru b'vouchers tas-social services u ix-xhud jghid li il-voucher irid jghajjat lill-persuna li f'isimha ghandha l-kont.*

***Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015 fl-12.00 xehdu:***

---

[53] Fol. 1024 tal-process.

[54] Vide fol 1019 tal-process u dokumenti ezebiti a fol. 1024 sa 1029.

- ***Reuben N** in rapprezentanza ta' ARMS Limited li rega' xehed wara li ghamel il-verifiki rikjesti minnu u kkonfermal li l-attur m'ghandux kontijiet ohrajn.*

- ***F Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta. Ix-xhud ezebixxa 4 dokumenti li jikkonsistu fis-segwent:*

  ***Dok SC 1-** iz-zewg vetturi li l-attur ghandu f'ismu fil-prezent; [SBR 421 Mercedes Benz u BSR 421 Toyota Vitz]*
  ***Dok SC-**2 – il-vetturi li l-attur kellu fil-passat;*
  ***Dok SC 3-** il-vetturi li l-konvenuta ghandha f'isimha fil-prezent; [SAM 020 Toyota Tercel u SRB 421 Peugeot 407]*
  ***Dok SC4 –** il-vetturi li kellha f'isimha l-konvenuta fil-passat.*

  *Irid jinghad ukoll li fil-process Volum numru 6[55] jirrizulta li minn dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentant ta' Transport Malta li l-attur A B scrappja s-segwenti vetturi fiz-zwieg (Lada IAA 275 scrapped nhar il-11/02/2008, Ford Transit HBJ 904 scrapped nhar it-12/01/2012 u li Seat Terra BAT 468 scrapped nhar il-25/03/2013) u ghalhekk kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

- ***Robert Vassallo –** in rapprezentanza ta' Transport Malta, Direttorat tal-Port u l-Yachting li gie mitlub jixhed fuq dghajjes jew jet skis f'isem il-partijiet fejn ma rrizultalu xejn fuq l-intimata u fuq l-attur sab li fil-passat kellu jet ski rregistat f'ismu.*

---
[55] Ara a fol 1040 tal-process

*Ix-xhud esebixxa c-certifikat ta' registrazzjoni [data ta' registrazzjoni 20/07/2010] u n-notice of transfer [datat 17/09/2010 lil L k/a M N u cioe jumejn wara li l-konvenuta harget mid-dar matrimonjali] – vide Dok RV 1 sa 3 a fol. 1058 sa fol 1060 tal-process. Dan il-jet ski huwa l-jet ski li l-konvenuta taghmel referenza kontinwu ghalih fir-rikorsi u risposti taghha SEADOO 260 HP Nru tal-Bastiment Zghar 18357.*

- ***Emilia X****- in rapprezentanza tal-Melita plc li kellha tivverifka meta s-servizz tal-melita kien gie attivat u xehdet liu dan kien fis-17 ta'Lulju, 2002. Ezebit ukoll lil work order contract li juri li l-konvenuta ffirmat il-kuntratt izda l-kont kien f'isem l-attur. In kontro-ezami x-xhud ma setghetx teskludi li fetah il-kont l-attur u marret tiffirma l-kuntratt l-konvenuta, izda bhala account holder dan jghajjat lil attur (kont miftuh fit- 2002 u ghalhekk waqt iz-zwieg);*

***<u>Seduta tal-11 ta' Frar, 2016 f'12.00 xehdu:</u>***

- ***<u>F Cachia</u>*** *riprodott fejn gie mitlub jixhed dwar jekk il-vetturi Mercedes Benz SBR 421 u Toyota Vitz BSR 421 f'isem l-attur huma bil-hire purchase, u kkonferma li filwaqt li l-Mercedes hija bil-hire purchase il-Vitz m'hijiex.*

- ***<u>M N</u>*** *li kien ingunt ma' setrax jattendi ghax kien qieghed honeymoon*

- ***<u>A B in subizzjoni-</u>*** *gie mistoqsi jekk fi zwieg kienu ser jixtru dghajsa izda kellha bzonn it-tiswijiet u talbu stima minghand min kien qed jaghmel it-tiswijiet. Jghid:*

***"pero meta hareg il-kont ta' min sewwa marti marret ghad-dghajsa bil-pulizija ghax beda -inkwiet. Meta min kien ser isewwi hareg il-quote jien ghidtlu li ma stax naffordjah u li ma kontx ser nixtriha. Ma nafx x'sar mid-dghajsa ghax jien hallejtha ghand tat-tiswija . Qatt ma kienet fuq ismi jew fuq isem marti sa'***

***fejn naf jien. It-tiswijia kelha ssir ghand certu W fil-Birgu. Din kienet qisha dghajsa tal-hut u ma nafx dettalji taghha***.*"*[56]

***<u>Seduta tal-1 ta' Marzu, 2016 Xehdu:</u>***

***M N: -*** *Ix-xhieda tieghu ser tigi riprodotta testwalment u tinsab a fol 1071 sa 1072 tal-process:*

*Fl-aħħar seduta kont xehedt fuq Jetski tad-ditta Seedu li A B kien interessat jixtri. Ġdid kien jiswa bejn €15,000 - €16,000. Jidhrili li A kien xtara jetski jew ġdid jew demo (li jkun qisu second-hand pero' bi ftit użu). Il-prezz ta' jetski jinżel skond is-siegħat tal-użu. Meta kont akkwistajt il-jetski mingħand A jien kont tajtu xi ċekkijiet (endorsed) u kien tela' xi kont ukoll biex b'kollox A kellu jtini madwar €7000. Għalhekk minflok tħallast bi flus tħallast bil-jetski li kien xtara. Irraġunajt li aħjar nieħu l-jetski minflok nibqa' b'xejn. Ma nafx kemm kellu siegħat dan il-jetski. Meta l-jetski dar fuq ismi ma rriżulta ebda dejn ieħor fuqu. Meta sar it-trasferiment tal-jetski fuq ismi C B ma kienitx preżenti għand Transport Malta.* ***Sussegwentement dan il-jetski biegħtu lil ċertu O li kunjomha ma nafux. Biegħtu għal madwar €6000 jew €7000 biex niġbor l-ammont li kellu jtini A. O ħallsitni b'rati mensili. Qed jiġi suġġerit lili li din O hi fil-fatt O R, l-partner ta' A B u ngħid li ma nafx jekk hux il-partner tiegħu jew le. Jekk naraha narafha. Lil A B nafu u ġieli noħorġu flimkien. Lil O R nafha wkoll u naf li ġieli tkun miegħu. Qed nara r-ritratt tagħha fuq il-mobile tal-Avukat Camilleri u nikkonferma li O R hija l-istess Marica li jien biegħtilha l-jetski.***

[56] Fol 1069 tal-process.

*L-esponenti hawnhekk taghmel referenza ghal fatt li it-trasferiment tal-jet ski in kwisjG sar biss jumejn wara li l-konvenuta telqet mid-dar. Apparti minn hekk l-esponenti ma tistax ma tikkumentax fuq in-nuqqas ta' kredibilita kemm fil-konfront tal-attur u anki fuq dan ix-xhud meta jghid:* ***Sussegwentement dan il-jetski bieghtu lil ċertu O li kunjomha ma nafux.,*** *u fl-istess nifs jghid li gieli johrog jiekol ma-attur u li taf liu O R jafha ghax gieli tkun mieghu!*

*Min-naha taghha l-Konvenuta tinnota s-segwenti punti li hargu mix-xhieda li ressaq l-attur stess. Tinnota li rigward il-jetski kien xehed M N prodott mill-attur stess u dan fis-seduta tas-27 ta' Mzrzu, 2015 quddiem l-esponenti. Dan ix-xhud xehed li kien hu stess kien sellef il-flus lill-attur sabiex jixtri l-jetski. Fi kliemu jghid "****Il-flus li selliftu kienu permezz ta' cekkijiet ta' hlasijiet li kienu jsirulu mill-klijent tieghi billi kont niggira tali cekkijiet lil A. Ma nafx kemm tajtu preciz pero` nikkalkula xi €6,000 jew €7,000. Imbaghad kellimtu fuq il-flus ghax ridt flusi lura. Jien dejjem fdajtu ghax mieghi qatt ma kelli problema ta' flus anke meta gibtlu xi parts tal-karozzi. Peress li A qalli li ma setax ihallasni, issugerejtlu li niehu l-Jetski jien. Fil-fatt hekk ghamilna. Morna Transpot Malta u ghamilna t-trasferiment (wara li ghamilt l-insurance")*** *imbaghad, kid diga rrilevat l-esponenti aktar 'il fuq, ix-xhud jghid li "****Il-Jetski bieghtu xi zewgt isjuf wara li certu mara isimha ma nafx x'inhu pero` nista' nivverifka****" pero' imbaghad in kontro-ezami jghid li meta sussegwentement biegh il-jestski, bieghu lil certa wahda O R. "****Bieghajtu madwar €6000 jew €7000 biex nigbor l-ammont li kellu jtini A. O hallsitni b'rati mensili. Qed jigi suggerit lil li din din O R , l-partner ta' A B u nghid li ma nafx jekk hux il-partner tieghu jew le. Jekk naraha narafha. Lil A B nafu u gieli nohorgu flimkien. Lil O R nafha wkoll u naf li gieli tkun mieghu. Qed nara r-ritratt taghha fuq il-mobile tal-Avukat Camilleri u nikkonfermal li O R hija l-istess O li jien bieghtilha l-jetski****".*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-konvenuta taghmel s-segwenti osservazzjonijijet a fol 714 tal-process u cioe' li M N mhuwiex xhud kredibbli u li zewgha l-attur iddikkjara l-falz. Fuq dan l-esponenti taqbel fis-shih ghaliex mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li l-attur prova jaghmel hafna manuvri biex ixejjen jew inaqqas il-portata tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u kkumplika s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet ukoll apparti l-fatt li tidher cara l-intenzjoni (fl-umli opinjoni tal-esponenti) li l-attur ried jghatti l-fatt li kellu introjtu peress li kien boarded out u ghalhekk ried li certu assi ma jkunux f'ismu. Prova ta' dan huma anke t-transazzjonijiet tal-kont f'isem l-intimata bin-numru 40019336880*[57] *fejn hemm numru konsistenti ta' xiri ta' auto parts u depositi pjuttost kbar fl-istess kont li zgur li m'humiex kumpatibbli m'attivitajiet li kienet jew setghet taghmel l-intimata. Aspett iehor li jkompli jikkorrabora dan hu l-Cabin Cruiser li l-partijiet jaqblu li jezisti imma li r-rapprezentanti tal-awtoC' koncernata jishqu li m'huwiex f'isem l-istess partijiet u lanqas fuq isem O R. L-esponenti tikkontendi li gialadarba hemm qbil li dan il-Cabin Cruiser jezisti allura hemm possibilita' kbira li ma sarx f'isimhom ghal ragunijiet relatati mal-boarded out tal-attur.*

***Seduta ta- 8 ta' Gunju 2016 xehdu:***

- ***Robert Vassallo:*** *in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting. Intalba jipprezenta it-traferiment tal-jetski SEADOO 26HR minn L N lil O R u c-certifikat t'assigurazzjoni relattiv - ezebiti bhala Dok RVA1* [58]*sa Dok RVA 2. It-transfer relattiv hu datat 22-6-12. Ix-xhud spjega li l-awtoC` ma tidholx fil-kwsitjoni tal-valur.*

- *L-esponenti tirreferi ghad-dokument t'assigurazzjoni Dok RVA 2 a fol 2078 "**vessel may also be driven by Mr A B 250470M**"*

[57] A fol 812 *et seq*
[58] Fol. 1076

- ***P Q:*** *li ma xehditx ghaliex ma kentix xhud dikjarata u in vista li ma hemm l-ebda ezenzjoni.*

- ***Saviour Theuma:*** *Il-partijiet ezentaw ix-xhud u xehed fuq il-benefixxji tal-attur li huma: National Minimum Invalidity u s-Supplementary Allowance -* ***Dok STA1.*** *Spjega li biex wiehed ikun intitolat ghall-invalidity pension ikun ghadda board u jkunu rawh it-tobba tad-dipartiment. Xehed li "****l-beneficcju ser jieqaf fl-14 ta' Lulju, 2017 meta hu mistenni li jkun hemm review tal-kaz tieghu u l-kondizzjoni medika tieghu. Inkun nista' nipprezenta l-file relattiv li minnu tohrog ir-raguni ghala qed jiehu l-Invalidity Pension****."*

  *In kontro-ezami x-xhud qal li dan ilu jiehu l-invalidity pension mit- 12 ta' Lulju, 2003. Xehed li ser jivverifika fuq reviews li saru fuq il-kaz u li fuq l-intimata ma gab l-ebda informazzjoni mieghu.*

- *F'din is-seduta Dr Yanica Camilleri ghall-konvenuta gabet a formali konjizzjoni tal-Onorabbli Qorti li l-attur qed jikser l-ordnijiet tad-digriet tas-16 tqa' Frar, 2016 fejn gie ordnat ihallas manteniment kull xahar fl-ammont ta' €200 u tella arretrati ta' €800 ghax-xhur ta' bejn Frar u Mejju 2016*

- ***Seduta tal-10 ta' Novembru, 2016 f' 12.15pm xehdu:***
- **F Sacco** *in kontro-ezami u in rapprezentanza ta' Michael Attard Ltd.*
  *Jghid li fuq il-Mercedes MBB 444 hemm bilanc ta' €13, 614.63. Ipprezenta statement Dok SS1*[59] *u jghid li l-pagamenti waqfu fis-sena 2014. Iz-zewg partijiet kienu ffirmaw l-kambjali u l-vettura ma gietx ritornata lil Michael Attard.*

[59] Fol 1086 sa fol. 1087

- ***Johanna K*** *in rapprezentanza ta' BOV, li giet mitluba taghmel ricerka fuq l-intimat mit-2014 'il quddiem u ezebit statement wiehed ta' savings account (Dok JBA1)[60]. Ix-xhud gabet ukoll statement tal-kont skypass (Dok JBA2)[61]. Spjegat li skypass hija credit card normalment b'limitu ta' €3,500. Spjegat li fl-ingunzjoni hemm zewg card details izda huma abbinati ma' l-istess kont peress li card minnhom intilfet.*

  *L-esponenti tirreferi ghall-istatements tal-visa card in kwistjoni li jikkonfermaw hlasijiet u/jew akkwisti kemm relatati ma' safar, hrug, kif ukoll xiri tal-parts kemm ta' dghajjes u vetturi u dan bejn il-perjodu ta' 2013 sas-sena 2016, oltre` elufijiet ta' krediti fil-kont.*

- ***Saviour Theuma*** *in rapprezentanza tas-Sigurta Socjali li xehed li l-beneficcji li hadet l-intimata jirrizultaw minn* ***Dok STA 1****. Rigward l-invalidity pension tal-attur ghamel summary ezebit bhala* ***Dok STA2.***

  *Il-file relattiv huwa ezebit a fol1167 sa fol. 1199*

  *F'din is-seduta l-avukat difensur tal-konvenuta infurmat l-Onorabbli Qorti li b'referenza ghad-digriet datat 16 ta' Frar 2016 fejn l-intimat gie ordnat ihallas il-manteniment izda tali manteniment qatt ma thallas.*

***Seduta tal-24 ta' Jannar, 2017 fin-12.30pm:***

*Il-konvenuta pprezentat nota guramentata mmarkata bhala Dok RB 1 dan huwa dokument spjegattiv bir-ritratti annessi rapprezentanti l-mobbli li skontha ttiehdu minn A B minghajr l-awtorizazzjoni taghha mid-dar matrimonjali u cioe Santa*

[60] Fol 1088 sa fol. 1099
[61]

*Marija Triq il-Gheneb, Haz-Zebbug u z-zewg garaxxijiet annessi fuq medda ta' 5 snin ghajr ghall-ingenji tal-bahar u vetturi.- Dok. RB1.*[62]

***Seduta tat-3 ta' Marzu 2017 xehdu:***

***-il-Marixxal Manolito Briffa** li gie prodot mill-konvenuta sabiex jiccara l-kliem li ma kienux cari fil-mandat ta' deskrizzjoni Dok YC 1*[63] *dokument typed mill-Avukat Dr Yanica Camilleri. Fuq tali traskrizzjoni il-perit legali kitbet il-kliem nieqes kif dettat lilha mix-xhud.*

***- F Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta wara li inghata l-ezenzjoni sabiex jixhed fuq l-attur (mhux fuq terzi) xehed li il-vettura SBR 421 Mercedes registrata fuq A B kf jirrizulta minn Dok SCA1 l-licenzja taghha skadiet mill-31 ta' Lulju 2011, filwaqt li l-vettura SRB 421 tal-ghamla Peugeot 407 registrata fuq C B Dok SCA 2 il-licenzja valida sal-31 Lulju, 2017.*

*F'din is-seduta Dr Yanica Camilleri ghall-konvenuta ezebiet zewg noti mmarkati Dok YC2 u Dok YC 3 rispettivament :*

*Dok YC2 huwa Nota tal-attrici datat permezz taghha ezebiet tlett dokumenti-*

*Dok. A*[64] *Rapport ta-Perit M A Bondin fejn l-istima tal-valur tal-proprjeta hija ta' €320,000;*

---

[62] Fol 1203 sa fol 1248
[63] Fol 1252 sa fol 1255
[64] Fol 1261 sa 1262 tal-process

*Dok. B*[65] *Rapport tal-Agenzija Dhalia Real Estate Services fejn l-istima tal-valur tal-proprjeta hija ta' €320,000*

*Dok. C*[66] *Rapport tal-Agenzija Remax fejn l-istima tal-valur tal-proprjeta hija ta' €350,000*

*Filwaqt li Dok YC3 hija nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebiet ritratti rigwardanti mobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisiti li skont l-konvenuta ttiehdu mill-attur minghajr l-awtorizzazzjoni taghha u li issa jinsabu fil-proprjeta ta' O R – Boathouse 50 l-Armier.*

***Dok. 'A'*** *– Dghajsa t' erbgha u ghoxrin pied bl-isem Sandy registrata Valletta;*

***Dok. 'B'*** *– vettura proprjeta ta' C B tal-ghamla Peugeot 407 bin-numru ta' registrazzjoni SRB – 421 tal-avlur ta' €7000*

***Dok 'C*'** *– Barbeque tal-valur ta' €2330 li kien installat fuq il-bejt tad-dar matrimonjali u skont dak li tghid il-konvenuta fin-nota taghha ttiehed mill-istess dar minn l-attur meta gie zgumbrat mid-dar matrimonjali – ritratti ezebiti a fol 1267 sa 1269 tal-process.*

***Seduta tas- 6 ta' Lulju, 2017 xehdu:***

***F Cachia*** *in rapprezentanza ta' Transport Malta:*

---

[65] Fol 1263
[66] Fol 1264

*Ix-xhud pprezenta Dok SC 3*[67] *li juri vetturi li l-attur kellu fil-passat u li gew trasferiti fuq terzi. L-intimata tikkontendi li ma kienitx taf b'numru ta' vetturi li jrid jinghad ukoll li fil-maggor parti taghhom (ta' dawk li ma kienitx taf dwarhom l-istess intimata), tali vetturi huma scrapped. Ix-xhud ezebixx wkoll Dok SC 4*[68] *li juri vetturi passati ta' O R.*

*L-esponenti taghmel referenza a fol 1287- 1288 liema dokument jirrigwarda l-vettura Toyota Hilux RSB 421. Din il-vettura giet trasfeC minn A B lil certu S T fit-13 t'Ottubru, 2010 imbaghad minn T ghal fuq O R fit-22 ta' Gunju, 2012*

*Issir referenza wkol ghall-vettura Fiat Punto li A B xtara fil-11/6/2010 u bieghha lil U V ftit granet wara – dan jindika li kien f'dik is-sena ghadu jixtru u jirranga l-karozzi ghal-bejgh*[69]*.*

*Il-Hilux gie nxtrat fiz-zwieg u cioe mobbli formanti parti mill-kommunjoni li nbieghet fiz-zwieg minghajr il-kunsens tal-konvenuta u konsegwentement l-intimata ghandha dritt ghal nofs l-ammont tar-rikavat mill-istess bejgh;*

*B'referenza ghal Dok SC 4, u b'referenza partikolari a fol 1307 u 1308 tal-process, nsibu li l-Mercedes Benz SBR 421, giet akkwistat minn A B fil-11 ta' Settembru, 2008 minghand O R u konsegwentement hi formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti.*

***<u>Seduta tas- 27 ta' Frar, 2018 fl-10.30 xehdu:</u>***

[67] Fol 1273 tal-process sa fol 1295
[68] Fol 1296 sa fol 1308.
[69] Ara a fol 1295 tal-process

*Xehdet* ***Joanna K*** *in rapprezentanza tal-BOV, wara li rat l-ezenzjoni fuq terzi u precizament fuq Maria R*[70] *sabet 3 kontijiet miftuhin u esebiet dokumentazzjoni mmarkat Dok JB X1 sa JB X 3. Obbligat ruhha li ggib dokumentazzjoni li jmur lura ghaxar snin minn 2010. Xehdet li kontijiet kongunti ma A B m'hemmx, izda li A B ghandu kont wiehed kongunt ma' diveri terzi ohrajn.*

*Xehdet* ***Kiara Caruana***, *in rapprezentanza ta' MIB Insurance, li hadet konjizzjoni tal-ezenzjoni anki fil-konfront ta' O R. Xehdet kif A B hareg polza ta' assigurazzjoni mill-20 ta' Lulju 2010 sad- 19 ta' Lulju 2013 fuq jet ski (DOK KC1)*[71]*. Xehdet kif fuq O R wkoll nstab polza ta' assigurazzjoni fuq jet ski mit-22 ta' Gunju 2012 u skadiet fit-19 ta' Lulju 2013 – ghal dan ezebit Dok KC 2 minn liema dokument jirrizulta li ma sabitx dettalji tal-jek ski in kwisjG ghax il-file gie mitluf. Ezebit schedule u certifikat tat-Toyota Vitz 'BSR 421' Dok KC 3 f'isem A B.*

*Xehed* ***J N*** *in rapprezentanza tal-AwtoC ghat-trasport f'Malta. F'din is-seduta ix-xhud xehed fuq l-attur u spjega kif il-vettura SIM 624 m'hijiex vettura f'ismu u lanqas f'O R, izda bejn Novembru 2013 sa Awissu 2017 kienet u f'dan is-sens ezebixxa sitta dokumenti Dok BF 1 sa BF 6. Dawn juru x'vetturi kellha O R fil-passat. Filwaqt li ezebixxa Dok BF 7 li juri x'ghandu f'ismu l-attur prezentement u 9 dokumenti Dok BF 8 sa BF 16 li juru 'vetturi kellu l-attur fil-passat.- hawnhekk isir referenza a fol. 748 sa fol 785 tal-process. Hawnhekk isir referenza partikolari ghas-segwenti:*

**Dok. BF 6** *– Mercedes Benz C 180 registrazzjoni SBR 421 f'isem A B minn 11/09/2008, 'l hawn. Mid-dokument wiehed jinnota li s-sid precedenti kienet O R, u li din bieghet il-karozza lil A B.*

[70] Skont digriet tat-12 t'April, 2017
[71] Fol 742 sa 743 tal-process.

***-Dok BF 13** – rigward Toyota Hilux, double cabin pick up RSB 421 li skont id-dokument huwa registrat f'isem O R – wiehed jinnota li bejn 16/05/2007 sa 12/10/2010 – ir-registrazzjoni kien f'isem A B – sussegwentement bejn 13/10/10 u 21/06/ 12 f'isem S T, imbaghad mit-22/06/2012 sal-gurnata li xehed ix-xhud f'isem O R.*

*L-esponenti ghalhekk tirrileva li l-konvenuta kienet korretta meta ddikjarat li l-attur dawwar xi mobbli favur O R u li dawn kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fosthom hemm it-Toyota Hilux u l-Jetski.*

*Is-segwenti provi gew pprezentati permezz ta' rikors li gew annessi mieghu mill-konvenuta :*
*Dok. RB 3[72] certifikat mediku datat 19- 07-2018 mahrug minn Dr Paul Chetcuti Caruana Specialist in Family Medicine. Skont dan it-tabib l-komvenuta :*

***"This is to certify that C B 50 years old residing at X Triq l-X Zebbug and residing at Santa Maria Triq l-X Zebbug and ID No X is no longer fit for any gainful occupation due to medical reasons - … major depressive disorder due to familial problems, chronic …[73] urticaria and was also operated for ovarian cancer in 2005 (bilateral …. And chemotherapy which partly disabled her[74]"***

*Dok RB 4 a fol 1352 mahrug mill-psikjatra Dr Peter Muscat fit-22 ta' Lulju 2018:*

[72] Fol 1350 tal-process liema dokument huwa anness mar-risposta tal-konvenuta datata 12/10/2018 wara r-rikors tal-attur datat 31-08-2018 b'talba ghar-revoka ghall-manteniment
[73] Kelma illeggibbli
[74] Kliem illeggibbli

***"This is to certifiy that C B suffers from a chronic depressive anxiety state precipitated by a past history of ovarian cancer ... In my opinion she is totally unfit for gainful employment"***

*Dok RB 5 fejn il-konvenuta ezebiet tahrikiet[75] kontra A B*

*Dok RB 6 kopja ta' cedola ta' depozitu ta' A B fejn l-istess ddepozita l-ammont ta' €1,400 fl-imsessmija cedola. Skont din ic-cedola l-attur jghid li dan kellu jaghmel hekk ghaliex l-konvenuta 'ma baqghetx taccetta dan il-manteniment ghall-ebda raguni valida fil-ligi'.*

***Seduta tal- 13 ta' Novembru 2018 fl-12.00** xehdu:*

- ***Johanna K** in rapprezentanza ta' BOV irreferiet ghad-digriet tat-18 ta' Gunju fejn giet ezentata sabiex tixhed fuq terzi u b'hekk infurmat li hemm kont tal-attur ma' 6 persuni ohra Dok. JBX1[76]. Dan il-kont hu Sterling account u ghadu miftuh.*

  *Dan il-kont huwa kont li l-attur ghandu mas-segwenti: W B, Mariella X, Y B c/o Z B. Skont id-dokumenti ezebiti dan huwa fixed term account li ilu ghaddej minn 21/08/ 2008. L-ammont huwa ta' GBP 7171.91 .*

- *L-intimata xehdet minn jedda fejn infurmat li dan l-ahhar rat lill-attur xi hames darbiet b'karozza Chevrolet Kaptiva (DCC 957). Qalet li fil-waqt li kien qed isuq kien hemm passiggiera mieghu. Qalet: "Din hija karozza gdida li qatt ma kienet ghandu qabel"*

[75] A fol 1352 sa fol 1355 tal-process.
[76] Jinsab a fol 1406 sa fol 1415 tal-process,

*Nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebit tlett kutratti :*

*Dok. 'A 1' Kuntratt in atti Nutar Dottor W B tal-25 ta' Novembru 1993;*
*Dok. 'A2' Kuntratt in atti Nutar Dottor W B tal- 20 ta' Jannar 1995*
*Dok. 'A3'Kuntratt un atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami tas-26 ta' Jannar, 2000*

*L-esponenti taghmel referenza ghal Dok A, kuntratt datat 1993 fejn l-attur akkwista :*

*a) Porzjoni ta' art tal-kejl ta' 95m2 inkluz il-parti riservata ghall-front garden fi Triq l-X Zebbug Malta;*

*b) L-arja ta' tlett garages bla numru fi Triq il-X Zebbug Malta u dan versu l-prezz ta' Lm 4,200. Dan stabbilit jirrizulta li l-art u l-arja inxtraw mill-attur fis-sena 1993 u kwindi waqt iz-zwieg ta' bejn il-partijiet.*

*L-esponenti taghmel referenza ghal Dok B datat 1995 fejn din id-darba dehru z-zewg partijiet fuq l-att tal-akkwist relativ u akkwistaw flat internament immarkat bin-numru 11 fi stat ta' gebel u saqaf fit-third floor – raba sular formanti parti minn Blokk bla numru , bl-isem Casa Blanca Flats Triq it-X, Mellieha, kif ahjar deskritt fl-att in kwsitjoni versu l-prezz ta' Lm4500.*

*L-esponenti taghmel referenza ghal Dok C ezebit. Kuntratt datat 26-01-2000, fejn l-partijiet hadu self minghand il-Bank Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm 13,000 u akkiwstaw l-garaxx bla isem u bin-numru tnax [mhux ufficjali] gewwa Triq l-X, Zebbug minghajr arja soggett ghal cens annwu u perpetwu ta' Lm5 u dan ghall-prezz ta' Lm 16,000*

***Seduta tal-4 t'Ottubru 2019 fil-11.00 am***

*Is-seduta ma setghetx issir stante li bi zvista l-avukat tal-attur ma haditx id-data tas-seduta.*

***Seduta 27 ta' Novembru, 2019 fin-12.30.p.m.*** *Xehdet il-konvenuta in kontro-ezami*

*Tghid li kien jaghtiha flus bl-ezatt. Li kienu ghamlu l-minibus f'isimha ghax ma kellhomx alternattiva u li jekk ma taghmilix li jghid hu taqla s-swat. Dak iz-zmien kien boarded out u jahdem bhala mechanic mid-dar. Tghid li l-agir vjolenti tieghu beda qisu wara tlett snin zwieg u baqghet tghix mieghu ghall-familja.*

***"Meta mradt kien idur bija ghal ghajn in-nies. Sa 3 gimghat qabel kien gabni sewda bis-swat li sawwatni bid-demm niezel. Dak iz-zmien kont bil-minibus u ghidtlu li kont mugugha bil-marda li kelli imma qalli ridt nibqa' ix-xoghol bil-vann u dan fl-istess gurnata li gejt diagnosed imma qabel ma sirt naf. Kont mugugha ta' veru. Heddidni li jew naghmel ix-xoghol jew jigi d-dar u jisker fuqi bis-swat. Waqt it-trattament tal-kura tal-marda tieghi tal-kancer waqaft nahdem bil-minibus ghax ma kontx fi stat li nahdem. Ommi u missieri ghinu ukoll imma mhux fi zmien il-mard tant li mort ghandhom ukoll nghix ghal zmien (meta tlaqt mid-dar)"***

*Tghid li siefru darba bit-tfal u darba mal-hbieb, tal-vjaggi hallas hu. Flus kien izzommhom hu u sal pin tal-cahslink taghha kellu. Flus kien jaghtiha bl-ezatt. Sa xagharha kienet taghmel hi ghax ma kellhiex flus biex tmur. Tghid li allavolja tidher li hija dejjem tirrecta.*

*Fix-xhieda taghha hi tiddeskrivi ghalfejn telqet mid-dar kif gej:*

***“Tlaqt mid-dar ghax dakinhar gie, sabbat il-bieb tal-aluminium isfel u kienet tidher li gejja xi wahda u kien ilu xahar jipprova jgieghlni niffirma logbook ta’ Peugeot 407 biex ikun jista’ jaghmel transfer. Jien ma ffirmajtlux ghax din biss kien ghad fadal f’ismi ghax il-bqija il-vetturi kollha kienu nqalbu f’ismu. F’dik il-gurnata qalli jekk ma tiffirmax il-logbook s’ghada filghodu nigi u noqtlok u nhallik f’ghadira demm u nifqa’ l-karozza bik. M’ghamiltx rapport dak il-hin imma l-ghada nghix ghand ommi. Mort nghix ghand ommi u missieri. Illum ergajt dhalt fid-dar matrimonjali imma domt barra 4 snin. Dhalt lura d-dar fis-sena 2014 wara rikors fl-atti tal-kawza u d-digriet tal-Qorti. Wara d-digriet tal-Qorti dhalt lura d-dar matrimonjali imma ridt ftit taz-zmien ghax kienet fi stat dizastruz. Meta dhalt lura d-dar ma kontx ghadni marida imma kont ghadni mmur ghand it-tabib. Tlabt manteniment ghax ma kellix biex nghix. It-tifel ghandu hajtu. Illum nghix fid-dar matrimonjali.”***[77]

***Seduta tat-23 ta’Settembru, 2020 xehdet l-konvenuta in kontro-ezami:***

*Kkoregiet ruhha u qalet li fixklet u fil-fatt gieli siefru flimkien il-partijiet. Tghid li l-ewwel proprjeta li kellhom kien il-Mosta imbaghad bieghuh u xtraw il-Mellieha. Is-self haduh fiz-zwieg. Hi ma kenitx tahdem. Tghid li sussegwentement bieghu tal-Mellieha u xtraw Haz-Zebbug u cioe id-dar matrimonjali.*

***“Kien hemm appartament Birkirkara li nxtara bi shab ma’ terz u tali apartamnt gie mpartat ma’ garaxx liema garaxx kien jghajjat lili u lil A u lil dan it-terz u martu. Dan inbeigh ukoll. Sa fejn naf jien m’hemmx ebda proprjeta ohra. Id-dar matrimonjali ghandha garaxx maghha pero`, ma nafx jekk il-garaxx tad-dar inxtarax b’kuntratt separate jew le. Hemm garaxx iehor adjacenti mal-garaxx li hu adjacenti ghad-dar matrimonjali”***[78]

[77] Fol 1456 tal-process.
[78] Vide fol 1462 tal-process.

*Mix-xhiedha prodotti miz-zewg partijiet jirrizulta s-segwenti fuq l-assi immobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisiti:*

*Immobbli ezistenti – id-dar matrimonjali ta' Haz-zebbug u cioe` X, Triq l-X, Haz-Zebbug flimkien maz-zewg garaxxijiet – hekk kif jirrizulta mir-rapporti tal-periti taz-zewg partijiet. Ma jirrizultax li hemm dejn mal-bank fuq id-dar matrimonjali*

***Seduta ta' 5 ta' Novembru, 2020, fl-10.30am*** *l-attur xehed in kontro-ezami jghid li l-konvenuta telqet mid-dar fl-10 ta' Settembru, 2010. Jikkonferma li fl-14/3/2011 gie l-marixxal jaghmel elenku tal-oggetti fid-dar matrimonjali imma jzid li kien jghix hemm wahdu ghax it-tfal telqu mal-konvenuta.*

*Jghid li* ***'mhux minnu li hemm O R u t-tfal taghha jghixu hemm ukoll. Naqbel li gejt zgumbrat b'ordni tal-Qorti mid-dar matrimonjali. Qed nigi mistoqsi x'sar minnhom l-oggetti li kienu fid-dar qabel ma gejt zgumbrat u nghid li dawn haduhom meta kont msiefer – meta nghid huma qed nirreferi ghal C u uliedi ghax huma kellhom ic-cwievet. Rajt is-sufan per ezempju fuq Facebook ghand it-tifla. Il-mara tat-tifel B1 qaltli kollox u ghamlet Affidavit. Qed nigi mistoqsi kif qed nghid dan kollu meta biddilt il-kodici tal-alarm tad-dar biex ma jkunux jistghu jidhlu fid-dar u nghid li dan sehh wara li hadu l-affarijiet mid-dar. Qed nigi mistoqsi kif allura l-affarijiet li kien hemm fid-dar matrimonjali kif spiccaw l-Gharmier gewwa ghalqa li tifforma parti mill-propejeta' ta' O R u nghid li dan mhux minnu. B'referenza ghar-risposta guramentata tieghi ghar-rikors promotur insemmi l-jet ski u x'ghamilt bih. Jien ma nafx x'ghamlu O R u M N u xi ftehim ghamlu fuq l-ismemmi jet ski. Dwar il-Mercedes mixtrija minghand Michael Attard nghid li meta tlabt lil marti thallas nofs id-dejn fuqha biex inkun nista' nirregistra vettura f'ismi pero` ma halssitnix u ghalhekk***

***hallastu jien. Hallast €2,500 u ma nistax nohrogha ghal sitt xhur ghax hallasthom b'amnestija tal-gvern.***

***Qed nigi mistoqsi ghala n-number plates ta' din il-vettura nbiddlu minn MBB 444 ghal SBR 421 u nghid li dawn saru meta jiena u C konna ghadna flimkien.***

***Lil O R nafha. Nohorgu hafna flimkien pero` nghid li qatt ma kelli relazzjoni intima maghha. Jien ghandi mara Libjana li ghandi tifel minnha li jghix il-Libja 'A1' li ghandu tlett snin.*** [79]

***Ghandi tatoo ta' O R fuq sidri u kuntent biha hafna. Jien irqadt hafna drabi ma' O R u sifirt hafna drabi maghha pero` meta ghidt li ma kellix relazzjoni bi serjeta' maghha imma kelli relazzjoni sesswali maghha ghal hafna drabi. Lil O ma kontx insibha infaxxata bil-faxxi fis-sodda biex ma nmisshiex kif kienet taghmel marti. Marti kienet iggib hafna skuzi biex ma jkollniex x'naqsmu sesswalment. Qed nigi mistoqsi jekk dan kollu hux ukoll meta kienet marida bil-kancer u nghid li dejjem gibtilha rispett lill-mara, Meta kienet l-isptar St. Lukes ma kienx hemm television u gibtilha s-satellita, xtrajtilha t-tv u hadthomlha hemm. Kont naghmel is-sighat maghha l-isptar. Wara li harget mill-isptar morna safra overland ghal 17- il gurnata. L-ewwel relazzjoni sesswali li kelli ma' O R kien wara li C telqet mid-dar. O m'hijiex mara mahmuga – dejjem rajt ghajnuna u rispett kbir minghandha u dan sal-lum.***

***Fl-2008 minghalija xtrajt il-Mercedes Benz mahbuta total loss bl-airbags kollha barra minghand Michael Attard bil-kambjali. Qed nigi mistqosi ghala din il-vettura kienet fuq O R u nghid li dan mhux veru ghax din il-vettura ghandha tghajjat lili. Ta' Transport Malta mhux qed jghid sew.*** *"* [80]

---

[79] Vide fol. 1, 464a vol 8 tal-process.

[80] 1465 tal-process vol 8

*L-esponenti umilment tirrileva li x-xhieda tal-attur in kontro-ezami titfa' hafna dawl fuq il-karattru tieghu, fuq kif ihares lejn mara u fuq kollox l-attitudni tieghu lejn in-nisa, z-zwieg, l-intimita' u l-hajja in generali. Minn kliemu donnu jrid jaghti x'jifhem li relazzjoni sesswali kazwali m'ghandhiex piz. Fl-umli opinjoni tal-esponenti permezz tal-istess xhieda tal-attur hareg car kif kollox jorbot u jaghmel sens – O R kienet (u donnha ghadha) habiba tal-qalb – tant hi Habiba tal-qalb li mhux biss kellu diversi relazzjonijiet intimi maghha talli ghamel ukoll tattoo taghha li hu kuntent immens biha. O R hi wkoll l-istess persuna li b'kumbinazzjoni spiccat b'diversi mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti f'isimha u ghalhekk l-istampa hija cara mmens ghall-esponenti – O R kienet jew ghadha l-mara li l-attur ghazel li jkollu relazzjoni specjali maghha li tant kienet specjali li fdaha bizzejjed bil-mobbli taz-zwieg bl-intenzjoni cara li jnaqqas sehem martu mill-istess. Ghalhekk mix-xhieda tal-istess attur in kontro-ezami johrog car kemm l-istess attur mhux biss iddekada mid-dritt tieghu ghall-manteniment kif ser jinghad f'aktar dettal f'din ir-relazzjoni talli johrog car ukoll x'tip ta' relazzjoni u fiducja kellu jew ghad ghandu l-attur versu O R. Hu ferm ironiku kif l-istess attur jitkellem b'tant pożittivita' fuq O R filwaqt li jitkellem b'mod negattiv ferm fuq martu specjalment fejn tidhol l-intimita' meta kien jaf li l-istess martu kellha mard serju li certament ma jpoggihiex fi stat li tkun disponibbli jew miftuha ghall-idea ta' intimita' bejniethom.*

***<u>Seduta tal-1 ta' Decembru, 2020</u>**, fejn l-attur kompla jixhed in kontro-ezami u jghid hekk:*

*"…. **Mistoqsi taht gurament li nikkonferma li l-ebda mobbli igifieri jetski, Mercedes, u Toyota Hilux, l-ebda minn dawn ma spiccaw fuq O R b'ingann imma sempliciment ghaliex din O R riedet tghinni, jien nghid li le ma***

***ghaddewx fuq O b'qerq. Jien li ridt nehles l-ewwel mid-dejn tieghi, jien ma dawwart l-ebda vettura fuq O u gew kif gew hekk ma jinteressanix***."[81]

*Tali kliem u dikjarazzjonijiet da parti tal-attur ma jistghux jinghataw kredibilita' ghaliex fil-veC' kollox jinkwadra ruhu u kif minn mobbli registrati fuqu, b'xi mod (bhal donnu xi miraklu skond l-istess attur) spiccaw ghand O R. Zgur li l-attur ma jistax jinghata kredibilita' meta hu stess jiddikjara kemm din il-mara riedet tghinu, kemm kellu (jew ghad ghandu) relazzjoni (ghall-anqas sesswali maghha) u kemm hi persuna ghal qalbu tant li ghamel tattoo taghha u fl-istess nifs irid lil din l-Onorabbli Qorti temmen li l-mobbli tieghu gew fuqha b'xi mod li ma jafx kif!*

*Illi l-esponenti ghal finijiet ta' kompletezza ser taghmel ukoll referenza ghal diversi rikorsi pprezentati mill-Partijiet li fl-assjem taghhom ikomplu jghaqqdu l-istorja tant kumplikata tal-partijiet:*

*(a) Rikors tal-attrici pprezentat fid-19 t'Ottubru, 2010, ghall-awtorizzazzjoni biex tidhol id-dar matrimonjali bl-assistenza tal-pulizija sabeix tiehu l-effetti personali taghha. Il-Qorti laqghet it-talba b'digriet tal-26 t'Ottubru, 2010;*

*(b) Rikors tat- 3 ta' Novembru, 2010, b'talba sabiex tiehu l-pussess tal-vettura Peugeot 407 SBR 421 sabiex tigi ggaraxxjata peress li allegatament qieghed fil-pussess tal-attur bi-licenzja skaduta – it-Talba giet michuda (ara a fol 98);*

*(c) Rikors tal-attrici tat-3 ta' Marzu, 2011 b'talba ghall-awtorizzazzjoni sgass fil-fond Santa Maria bl-ghajnuna tal-membri tal-korp tal-pulizija sabiex jista' jigi ezegwit il-mandat ta' deskrizzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba fl-4 ta' Marzu, 2011;*

[81] Vide kont tal-kontroezami tal-attur minn fol1470 sa fol 1472 tal-process.

(d) *A fol 293 – rikors tal-konvenut b'talba ghar-revoka tad-digriet skond verbal tat-28 ta' Mejju u taghtih l-fakolta li jerga' jipproduci u jressaq l-provi tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr Gabriella Buttigieg. L-Konvenuta pprezentat risposta fejn opponiet u l-Qorti cahdet it-talba;*

(e) *Rikors tal-konvenuta tat-13 ta' Novembru, 2015, b'talba ghall-manteniment pendente lite minghajr pregudizzju ghat-talba taghha fil-kontro-talba taghha ghal lump sum payment. Dan ir-rikors u d-dokumenti annessi maghha jinsabu a fol 410 sa fol 428*. *Fost id-dokumenti ezebiti nisbu:*

- *Dok RB1 applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali;*
- *Dok RB 2 Certifikat mahrug mit-tabib George G Buttigieg datat 29/09/2010.*
- *Dok RB 3 certifikat mahrug minn Sir Paul Boffa Hospital li l-konvenuta qieghda ssoffri minn Uritcaria;*

- *Dok RB 4 sa RB 15 ritratti /printouts minn Facebook fejn skont dak li tindika l-konvenuta jidhru l-attur u l-partner tieghu O R.*

*L-attur wiegeb permezz ta' risposta datata 15 ta' Frar, 2016 u esebixxa dokument Dok SB 1 – li skont hu huwa ritratt fejn martu qed tnaddaf u skontu ghalhekk kapaci tahdem*

*Il-Qorti laqghet it-talba ghall-manteniment pendente lite permezz ta' Digriet tal-16 ta' Frar, 2016, fl-ammont ta' €200 fix-xahar;*

(f) ***Rikors B'Urgenza tal-attur tal-14 ta' Gunju, 2016**, fejn jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex qieghed fl-impossibilita li jhallas il-manteiment ordnat li jhallas ai termini tad-Digriet tas- 16 ta' Frar, 2016. Fejn jispjega wkoll li gie zgumbrat*

*mid-dar materimonjali fis-sena 2014 u li minkejja li b'effett minn Ottubru 2014 l-intimata kellha tirritorna fl-istess fond, bhala stat ta' fatt hija ghadha ma dahhlitx hemm gew. B'hekk jallega li l-konevunuta qed tagixxi bi pika u animu vendikattiv. Jghid li ma kellux fejn jghix u ghamel perjodu jorqod fil-karozza tieghu sakemm sab garaxx x'jikri u li dahal jghix go garaxx. L-attur jallega wkoll li wara li gie zgumbrat mill-fond, l-konvenuta battlet id-dar matrimonjali mill-ghamara liu kien hemm. Jaghti l-ezempju tas-sufan ta' Fino li skont hu issa jinsab god-dar ta' bintu. –*
*Bhala dokumenti annesi ma' dan ir-rikors tieghu nsibu:*

**Dok A** *ritratti tad-dar li skont l-attur juru li fid-dar matrimonjali m'hu qed jghix hadd;*

**Dok B ezebit** *ritratt ta' tfajla rieqda fuq sufan li skont hu is-sufan qabel kien god-dar matrimonjali;*

**Dok C** *Affidavit ta' B1 B il-mara tat-tifel tal-partijiet. Li tghid hekk: "***Nispejga li sakemm jien kont ghadni ma' F, C kienet spiss tahdem ghand in-nies tnaddaf. Fil-fatt hija kienet titlaq 'il barra ghax-xoghol kuljum, tant li ahna konna spiss niggieldu ghax kienet tippretendi li jekk hi ma tkunx id-dar, ma nahsilx hwejjeg ghax kienet tghid li tibza' li nkissrilha l-washing machine***." Fl-affidavit taghha dan ix-xhud tghid li l-konvenuta kkawzat hafna inkwiet bejn ix-xhud u r-ragel taghha li jigi iben l-konvenuta u li kienu jiggieldu ta' spiss. Tkompli li taf li l-konvenuta kellha prokura tar-ragel taghha "***apparti minn hekk naf li kien hemm zmien fejn C tefghet xi flus fuq F biex ma jidhrux u ma jkunx jista' jaqbadhom A. Nispjega illi meta jien u F konna ghadna flimkien, hu ohtu u ommu kienu spiss jghidu li A hadilhom l-affarijiet fil-fatt haduhom C u t-tfal taghhom u fil-fatt kollha qeghdin gol- garaxx ta' F. Dan kollu gara wara li A gie ordnat mill-Qorti jitlaq 'il barra mid-dar taghhom. Jien dan nafu ghax meta**

***garrew l-affarijiet jien kont maghhom, fil-karozza**." Skont ix-xhud kien iben il-partijiet li zarma l-kcina u hi tikkorobora dak li jghid l-attur fuq is-sufan ta' Fino li skont hi illum jisnab fil-flat ta' bint il-partijiet. Tikkonkludi biex tghid li l-konvenuta ratilha kemm-il darba mazzez flus li tkun warrbet.*

**Dok D** *Avviz ta' pensjoni 'national minimum invalidity'.*

*Fir-rikors tieghu hemm anki rendikont tal-mard mentali tieghu li jmur lura sa minn Gunju tas-sena 2003 u ferm qabel ma nqalghu kwistjonijiet matrimonjali bejn il-partijiet. Ghal dan il-ghan pprezenta certifikat mediku ta' Abraham Galea datat 27 Gunju 2003' the suspicion of Schizoid Personality is reasonably held." Dok SB 1 u Dok SB 2 annessi mar-rikors. Spjega kif konsegwentement gie anki boarded out u beda jipercepixxi l-pensjoni tal-invalidita` b'effett minn Lulju 2003 hekk kif jirrizulta minn Dok D u E annessi mar-rikors. – jirreferi ukoll ghax-xhieda ta' Saviour Theuma moghtija fis-seduta tat- 8 ta' Gunju 2016. Jirreferi ghal certifikati mahruga minn Dr Anthony Dimech li jiddeskrivu s-sitwazzjoni prekarja u prezenti tal-attur. Jikkonkludi biex jghid li ghalkemm l-konvenuta xxejjer il-bandiera tal-mard fil-veC` qieghda tahdem bhala fattiga bla ktieb u skont B1 B tohrog ghax-xoghol kuljum. B'hekk u ghal dawk ir-ragunijiet kollha indikati fir-rikors tieghu talab il-Qorti sabiex tissospendi l-manteniment tal-konvenuta.*

*Wara r-rikors pprezentat minnu l-attur ezebixxa t-traskrizzjoni tax-xhiedha tat-tabib psikjatra Anthony Dimech permezz ta' Nota u dan sabiex juri li ma jistax jahdem.*

*L-konvenuta wiegbet*[82] *bil-verzjoni taghha li fil-veC` l-attur jghix hajja lussuza fejn isiefer, johrog jiekol, u sahansitra ttrasferixxa assi tal-kommunjoni tal-akkwisti fuq il-partner tieghu O R. Tghid ukoll li nonostante l-fatt li huwa minnu li jipercepixxi pensjoni mis-sena 2003, fil-veC` huwa qatt ma waqaf jahdem bhala mechanic. Il-konvenuta tghid li fil-fatt hu stess jghid fl-affidavt tieghu li kien qed jahdem sal-2005 fil-garaxx u ghalhekk tpoggi dubju fuq l-awtenticita' tac-certifikat mahrug mill-psikjatra Abraham Galea permezz ta' liema hareg boarded out u abbazi ta' liema certifikat beda jipercepixxi l-pensjoni ta' invalidita.*

*Il-konvenuta telenka lista shiha ta' safar tal-attur u telenka lista ta' assi tal-kommunjoni li skont l-attur hu nehhihom minhabba dejn mentri skont l-konvenuta dan ittrasferihom fuq l-partner tieghu O R.*
*Mar-risposta taghha l-konvenuta ezebiet:*

*Dok RB1 -kopja tal-pensjoni li rcieva l-attur fis-sena 2015*
*Dok RB 2 sa Dok RB 19 – ritratti tal-attur mal-partner fuq safar;*
*Dok RB 20 – statement ta' Michael Attard Ltd rigward MBB – 444 Mercedes b'ammont dovut ta' €9,689.98 u dan sal-31/05/2016 liema dokument gie ezebit mill-konvenuta sabiex turi li fil-veC` din il-vettura qatt ma giet ritornata lil kumpannija Michael Attard Limited u li ghadha fil-pussess tal-attur. L-esponenti f'dan l-istadju taghmel referenza wkoll ghax-xhieda tar-rapprezentant ta' Michael Attard Limited stess li kkonferma li ghad hemm bilanc sostanzjali u li l-vettura qatt ma giet lura ghandhom;*
*Dok RB 21 – ritratti biex l-konvenuta turi li l-attur kien qieghed jahdem il-Libja waqt li kien qe jipercepixxi l-pensjoni ta' invalidita`.*

[82] Fol 482 sa fol 512 tal-process risposta u dokumenti.

*Dok RB 22- kont tal-ARMS b'bilanc ta' €4,587.34 li l-konvenuta tghid huma arretrati li akkumulaw fil-perjodu li l-attur kien qed jirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esdkluzjoni taghha. L-esponenti tirrimarka li skond ix-xhiedha tar-rapprezentant tal-ARMs stess gie kkonfermat li f'Settembru 2010 u cioe` meta l-konvenuta telqet mill-fond matrimonjali, l-ammont dovut kien taht l-ammont ta' €250 u ghalhekk certament li l-ammont ta' €4,587.34 tela' fiz-zmien meta l-attur kien qieghed jghix fl-istess dar ad eskluzjoni ta' martu (meta telqet mid-dar).*

***<u>Il-Qorti cahdet it-talba tal-attur minhabba whud mir-ragunijiet indiakti fir-risposta</u>.***

(g) ***Rikors guramentat pprezentat mill-attur fis-seba' ta' Marzu, 2017****, fejn jerga' jirreferi ghal fatt li gie zgumbrat mid-dar matrimonjali fis-sena 2014 u li nonostante dan l-konvenuta qatt ma regghet dahhlet tghix hemm ghalhekk id-dar tinsab maghluqa u abbandunata. Ezebixxa ritratti (****Dok A a fol 529- 534; Dok B Private Investigation Services fol 535 sa 536; Dok C certifikat mediku tal-psikjatra Dr Anthony Dimech datata 17/02/ 2017*** *fejn it-tabib jgid :*

*"**The above person was seeing again today. I had seen him last year. He stopped medicines around 4 months ago and his situation has deteriorated, I advised him to admit himself to hospital Mount Carmel but he claims he has work commitments. He is not seriously depressed or psychotic and as a result he is not sectionable under the Mental Health Act. He would like to work and restart treatment, and I started him again on medications. However his circumstances with the court situations are very stressful and this may result in further deterioration in his mental state. In the past he had mental health problems and was under the care of the late Prof A Galea**."*[83]

[83] Fol 537

*Dok D – kopja tal-kuntratt ta' cessjoni tad-drittijiet u bejgh datat 15.12.2011 (u cioe` waqt il-mori ta' dawn il-proceduri tas-separazzjoni personali) in atti Nutar Dottor Rachelle N Buhagiar– fejn il-partijiet dehru bhala cessjonarji ta' garaxx fil-livell ta' semi-basement minghjar l-arja relattiva minghajr numru ifficjali izda maghruf bin-numru 1 bl-isem Kay, sottopost ghall-blokk Anfield Court Triq Agatha Barbara Zabbar.*

*Skont dan il-kuntratt jirrizulta s-segwenti:*

*Illi l-prezz konvenut ta' dan il-bejgh kien ta' tmienja u hamsin elf Euro (€58,000), illi l-venditur ikkonceda favur X1 u Y1 konjugi XY1 u favur A B u C B bil-kundizzjoni li jcedu d-drittijiet akkwistati minnhom fuq il-konvenju hawn fuq imsemmi lill-terzi jew li jissostitwixxu lilhom infushom b'terzi, taht, l-istess kundizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju, u fil-fatt huma hekk ghamlu f'forma ta' promessa ta' cessjoni.*

*Dan kollu premess il-komparenti partijiet ser jghaddu ghac-cessjoni u bejgh.*

*Bis-sahha tat-tieni parti ta' dan l-Att X1 u Y1 konjugi XY1 kwantu ghan-nofs indiviz kif ukoll A B u C B kif debitament rapprezentata, kwantu ghal nofs indiviz iehor, flimkien u in solidum bejniethom qieghdin jassenjaw u jitrasferixxu versu u a favur ta' F u X2 konjugi XY2 li jaccettaw u jakkwistaw id-drittijiet kollha naxxenti mill-konvenju ffirmat quddiemi Nutar sottoformata u registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz tal-konvenju ittri PS numru tnejn, zero, wiehed, zero, zero, erbgha, hamsa, zero, tnejn (PS201004502**<u>) fir-rigward tal-proprjeta hawn fuq imsemmija, permezz tal-korrispettiv ta' elfejn Euro (€2000)…"</u>***

*L-esponenti tosserva li filwaqt li l-attur jallega li l-konvenuta hadet somma flus kbira minn dan il-kuntratt, u filwaqt li l-konvenuta tghid li hadet somma izda ta' circa hdax- il elf Ewro u ghalhekk ghall-anqas fil-principju hemm qbil li kull parti hadet sehemha jew hadet xi flus u ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni jew pretensjoni fuq l-istess.*

*L-attur talab ir-revoka a contrario imperio tad-digriet tal-25 ta' April, 2014 li permezz tieghu gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali, kif ukoll talab li tigi zgumbrata l-konvenuta mid-dar matrimonjali u talab ordni sabiex jirrisjedi hemm esklussivament.*

*Il-konvenuta pprezentat risposta fil-21 ta' Marzu, 2017. Irreferiet ghar-raguni ghalfejn din l-Onorabbli Qorti kienet zgumbrat lill-attur mid-dar matrimonjali, u dan ghaliex il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li abbazi tal-provi prodotti rrizulta li l-attur kien vjolenti ferm mar-rikorrenti anke fil-prezenza ta' uliedhom. Inoltre` rrizultat lil Qorti li l-attur kien qed jghix fid-dar matrimonjali ma' mara ohra u uliedha. Fir-risposta tghaddi biex tirribatti dak kollu espost mill-attur fir-rikors tieghu u ghal dan ezebit diversi dokumenti in sostenn tal-argumenti kollha. Vide fol 548 sa fol. 650 – u cioe iktar minn mitt faccata ta' dokumenti flimkien mar-risposta. Dokumenti ezebiti minnha huma:*

*Dok RB 1[84] diversi ritratti tad-dar ta' snin differenti fejn il-konvenuta tipprova turi id-diskrepanzi bejn is-snin – telenka deskrizzjonijiet f'dan is-sens ukoll.*

*Dok RB 2 summary li juri diskrepanzi bejn is-snin 2010 mobbli li kien hemm skont l-elenku, vis-a-vis kif naqqsu fis-sena 2011 u kif regghu naqqsu fis-sena 2015;*

[84] NB dan id-dokument jinsab wara d-dokumenti l-ohra u huwa ezebit a fol 621 sa fol 650 tal-process.

*Dok RB 2.1 ritratti tal-vettura SRB – 421 u ta' BBQ ; dghajsa bl-isem Sandy li skont l-konvenuta jinsabu/ quddiem (rispettivament) il-proprjeta ta' O R u skont l-konvenuta dawn huma mobbli tal-kommunjoni. Fuq il-vettura Peugeot 407 m'hemmx dubju li din hija tal-kommunjoni, filwaqt li l-attur ma jichadx li kienu xtraw dghajsa.*

*Dok RB 3 -kopji tar-ritratti tal-isgass*

*Dok RB 4 u Dok RB 5 – rendikont tal-ARMS sabiex turi li l-konsum u l-arretrati li hemm saru waqt li l-attur kien qed jghix hemmhekk.*

*Dok RB 5.1 kuntratt ta' kera li Carmen Flats hu mikri mhux lilha izda lil binha;*

*Dok RB 6 u Dok RB 7 - dokument tal-pensjoni li jircievi l-attur datat 2016;*

*Dok RB 9 – sa Dok RB 15. L-istess ritratti li diga` gew ezebiti tas-safar tal-attur ma' O R*

*Dok RB 16 – nfieq fuq il-VISA Card tal-attur*

*Dok RB 17 – iktar ritratti ta' safar u hrug*

*Dok RB 18 – rendikont tas-socjeta` Michael Attard*

*Dok RB 18.1 – print outs li skont l-konvenuta juru lill-attur fuq il-lant tax-xoghol il-Libja*
*Dok RB 19 – infieq fuq il-VISA card tal-attur rigward xiri ta' parts ta' vetturi*

*Dok RB 20 – VAT registration tal-attur b'effett minn 01/11/2016*

*Dok RB 21- beneficcji li tipercepixxi l-konvenuta datati 16/03/2017*

*Il-Qorti cahdet it-talba tal-attur*[85]

(h) ***Rikors tal-konvenuta tas-6 t'Ottubru 2016*** [86] *ghall-ezenzjoni mis-sigriet professjonali lil MIB Insurance Agency Limited; Bank of Valletta u Transport Malta biex jikkonfermaw jekk certu mobbli gew trasferiti fuq O R – Jetski Seadoo, Cabin Cruiser u biex Bank of Valletta jivverifikaw l-isem tat-terz li A B ghandu kont mieghu/maghha. It-twegiba tal-attur tinsab a fol 664 tal-process fejn oppona ghat-talba tal-konvenuta. Izda l-Qorti laqghet it-talba fl-interess tal- gustizzja.*[87]

(i) ***Rikors tal-attur datat 23 ta' Mejju, 2017*** *sabiex l-konvenuta tipprovdi dettalji tal-kont bankarju taghha sabiex jiddepozita l-manteniment ghax skont hu l-konvenuta qed taghmilhielu difficli biex ihallasha.*

*Fir-risposta taghha l-konvenuta*[88] *tispjega li dak kollu espost mill-attur m'huwiex minnu u li l-attur qed jitlob ghall-kont bankarju taghha peress li jaf li huma milqutin bis-sekwestri li hareg l-attur kotriha*[89] *u l-attur ghamel din it-talba proprju biex jgharraq l-konvenuta.*

*Fid-digriet*[90] *taghha l-Qorti dderigiet lill-attur sabiex ihallas l-manteniment permezz ta' cheque;*

---

[85] Id-digriet in kwisjG jinsab a fol 608 tal-process
[86] A fol 652 vol 4 tal-process.
[87] Digriet a fol 665 tal-process.
[88] A fol 681- 683 tal-process.
[89] Vide fol 693 Dok RBB
[90] Datat 23 t'Awwissu, 2017

(j) ***Rikors tal-attur datat 5 t'Ottubru, 2017*** *ghal darb'ohra jallega li l-konvenuta qed tqarraq b'kulhadd sabiex ma tmurx tahdem u minflok taqla l-manteniment minn fuq l-esponent flimkien mal-beneficcji socjali li taqla. Fir-rikors jelenka lista ta' ragunijiet ghaliex skont hu ma tikkwalifikax ghall-manteniment. Fir-risposta taghha apparti l-argumenti kollha li gabet fir-risposti taghha precedenti, l-konvenuta twiegeb ghall-allegazzjonijiet tal-attur billi tghid li huwa l-attur li qatt ma waqaf jahdem u dan nonostante li ilu mis-sena 2003 li ilu jippercepixxi pensjoni. Telenka lista ta' xiri ta' parts u ghodod – vide fol 716.*

*Rigward il-bejgh li sehh fit-2011 tal-garaxx li kienet tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti tispjega li hija hadet kwart mir-rikavat u dan ghaliex il-partijiet kienu ko-proprjetarji ma' terzi b'hekk sehemha kien t'a €12,000 li uzat ghall-hajja ta' kuljum bejn is-sena 2011 'l hemm u li ghalhekk illum tneffqu. Tichad li ghandha partner jew li tikri post.*

*Il-Qorti fid-Digriet [91] taghha tal-5 t'Ottubru 2017 cahdet it-talba tal-attur.*

(k) ***Rikors tal-attur tas-7 ta' Frar 2018***[92]*, fuq l-vettura Toyota Yaris BSR 421 li xtraw waqt iz-zwieg rregistrata f'isem ir-ragel izda li haditha l-konvenuta u li m'ghandhiex il-licenzja mhallsa u mhijiex ggaraxxjatha u qed jircievi bosta multi. L-attur jsemmi li nonostante li l-konvenuta stess kienet ghamlet rikors biex tohrog polza ta' assikurazzjoni sallum l-vettura ghadha m'hijiex koperta b'tali assikurazzjoni. Fir-risposta taghha tas-6 ta' Frar 2018*[93] *tispjega li dan ma sarx ghaliex nonostante t-tentattivi taghha fejn talbet l-attur sabiex jikoopera, hu naqas u b'hekk bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti ppruvat tohrog polza f'isimha mal-MIB izda dan ma kienx possibbli skont jekk kif jirrizulta min-nota tal-MIB stess.*

---

[91] Vide fol 720

[92] Fol 788-789 tal-process

[93] Fol 792 sa 794 tal-process

*Fid-digriet[94] taghha l-Qorti ordnt liz-zewg partijiet biex jattendu fl-ufficcju tal-MIB sabiex isir dak kollu mehtieg ghall-assikurazzjoni tal-vettura in kwisjG. Hawnhekk l-esponenti taghmel referenza ghal dak li l-konvenuta tghid f'paragrafu 4 tar-risposta taghha fejn telenka l-vetturi li skond hi kienu tal-kommunjoni tal-akkwisti u li nsterqu mill-attur peress li prezentement jinsabu fil-proprjeta tieghu u tal-partner tieghu O R dawn huma:*

- *Mercedes Benz MMB 444*
- *Peugeot 407 SRB 421*
- *Toyota Hilux RSB 421*
- *Renault Traffic Sport [95]*

(l) *Rikors tal-konvenuta tal-4 ta' Gunju, 2018 fuq l-ezenzjoni mis-sigriet professjonali tax-xhieda ta' TM u BOV. Riposta tal-attur pprezentata fl-14 ta' Gunju, 2018. Il-Qorti laqghet it-talba*

*(m) Rikors Guramentat tal-attur tat-13 ta' Settembru, 2018 b'talba ghar-revoka contrario imperio tad-digriet moghti fi-s16 ta' Frar, 2016 (manteniment). Risposta tal-konvenuta fit-12 t'Ottubru, 2019 minn fil-1334 sa fol 1400;*

(n) *Rikors tal-attur tat- 13 ta' Settembru 2018[96], b'talba ghall-izgumbrament tal-konvenuta mid-dar matrimonjali u sabiex ikun jista' jghix fl-istess dar ad eskluzjoni taghha. Rispota tal-konvenuta pprezentat fil-12 t'Ottubru, 2018. Digriet tal-Qorti tal-23 t'Ottubru li permezz tieghu it-talbiet gew michuda minhabba ragunijiet indikati fir-risposta tal-konvenuta;*

---

[94] Digriet tas-7 ta' Marzu, 2018

[95] Skont l-konvenuta dawn huma l-vetturi li huma assi tal-kommunjoni kif ukoll it-Toyota Yaris BSR 421. – vide kemm ir-risposta taghha 792 sa fol 794 kif ukoll Dok A anness mar-rikors liema dokument

[96] Fol 1358 sa 1362 flimkien ma' dokumenti ezebiti minn fol 1363 sa fol 1400.

(o) *Rikors tal-attur datat 14 ta' Frar, 2019*[97] *ghas-soprasessjoni tal-kawza in vista tal-kawza kostituzzjonali pendenti quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Risposta tal-konvenuta pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2019. Digriet tal-26 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti cahdet it-talba ghal uhud mir-ragunijiet imsemmija fir-risposta;*

(p) *Rikors tal-attur datat 14/06/2019, b'talba ghas-soprasessjoni tal-kawza ta' separazzjoni sakemm tigi deciza kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'dan pero' jirrizulta li l-konvenuta ma gietx notifikata;*

(q) *Rikors datat 2 ta' Novembru, 2020 b'talba ghal waqfien ta' hlas ta' manteniment mill-attur lill-konvenuta. Konvenuta ma gietx notifikata;*

(r) *Rikors datat 12/04/2021, b'talba ghal waqfien ta' hlas ta' manteniment mill-attur lill-konvenuta. Konvenuta ma gietx notifikata*

***Proceduri konnessi mal-kawza***

(a) *Mandat ta' deskirzzjoni li jinsab a fol 45 tal-process, ipprezentat mill-konvenuta fil-21 ta' Frar, 2011, b'talba ghall-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni fuq l-oggetti kollha li jinsabu fil-fond Santa Maria Triq il-Gheneb Haz-Zebbug. Dan il-mandat gie akkordat fil-21 ta' Frar, 2011. Mandat ezegwit u inkartament relattiv jinsabu a fol 50 sa 55 tal-process b'dan pero' li aktar 'il quddiem fil-process l-intimata tipprezenta Dok. YC1 li jinsab a fol 1252 tal-process li hija verzjoni typed tal-istess mandat ta' deskrizzjoni.*

[97] Fol 1438 sa 1439

*(b)* ***Procedura 27/12/1 Zgumbrament tal-attur***[98]

*Fit-2 t'Ottubru, 2012 l-konvenuta pprezentat rikos b'talba ghal zgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali in vista tal-adulterju u l-agir tal-attur. Il-konvenuta tibbaza ir-rikors taghha fuq zewg binarji, a) li kienet kostretta tahrab mid-dar matrimonjali u hekk ghamlet flimkien ma' uliedha fil-15 ta' Settembru, 2010 minhabba agir abbuziv u vjolenti ta' zewgha u b) minhabba li l-*attur *dahhal il-partner tieghu kif ukoll uliedha  fl-istess dar matrimonjali .*

*Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh u l-Qorti semghet ix-xhiedha li tressqu, u d-dokumenti esebiti u l-atti kollha.*

*Waqt l-udjenza tal-24 t'April, 2014 C B xehdet hekk:*

*"**Baqa tiela fuq fil-kcina, b'rabja kbira, twerwirt dak il-hin, qalli jekk ghada nigi u ma tkunx ffirmajt il-log book sat-tmienja qalli kullimkien nifqa bik u anka l-karozza nifqa bik.***

*Il-Qorti:* ***Gieli sawtek?***

*C B:* ***Hafna, dawn l-ahhar ghaxar snin brodu kien***

*Il-Qorti:* ***Lilek jew lit-tfal ukoll?***

*C B:* ***It-tfal …. It-tifel kien idur biex jilqa' d-daqqiet ha jsalva lili, darba minnhom sewda gabni.***

[98] Vide process mmarkat 27/12/1/AL Zgumbrament Vol 1

*Il-Qorti:* ***Mort ghand it-tabib, ghamilt certifikat?***

*C B:* ***No kull ma ghandi rapport wiehed***

*Il-Qorti:* ***Is-Sinjura qed tezebixxi rapport li kienet ghamlet ma-pulizija li qed jigi mmarkat Dok RX 2***"

*Fuq meta harbet mid-dar xehdet:*

*"**Hrabt ghax bzajt ghax dak il-hin it-tifla qaltli Ma` ejja naqbdu bicctejn hwejjeg u naharbu mid-dar**. ...*

*Omissis…*

*Il-Qorti:* ***Allura issa kif taf li hu qieghed ma wahda hemmhekk, qalulek in-nies?***

*C B:* ***Anha konna bil-minibus … il-lum il-gurnata avvicinawni u qaluli isma kien imur ma' dik jew hekk … jew hekk.. u dawn konna hbieb taghhom***

*Il-Qorti:* ***Ma' dawn li jmur maghhom?***

*C B:* ***Hu kien jaqlibili maghha. Konna hbieb imma hu kien b'intenzjoni maghha***

*Il-Qorti:* ***Imma inti dak iz-zmien ma kontx taf?***

*C B:* ***Kelli suspett ghax dan kien johrogli fil-ghaxija u kien idum ma jigi.***
*Il-Qorti:* ***Kuljum kien johrog?***

*C B:* ***spiss, u gieli ma giex l-ghada, gieli ghamel gimgha, incempillu u jitfili l-mowbajl, imbaghad taparsi jcempilli u jghidli OK u jaqtali t-telefon udawn l-affarijiet.***

*Il-Qorti:* ***Kien missier tajjeb mat-tfal tieghu?***

*C B:* ***Le ma kienx. Dejjem jien kont prezenti, skola, niehu hsiebhom, edukazzjoni.***

*Il-Qorti:* ***flus kien itik ghat-tfal?***

*C B:* ***anzi kien johdilhom, kien johdilhom u lili taparsi jtini dik ix-xi haga, ghax kont bil-minibus u kollox kont intih, kien johodli kollox.***

*Il-Qorti:* ***Igifieri inti kont tahdem?***

*C B:* ***imma kien jgieghelni u ma stajtx ma naghmilx li jghid hu ghax kien issawwatni sewwa, imbaghad kont inkun mugugha, tbengil, ma nohrogx mid-dar, zgur mhux ser nohrog ma tohrogx , u ugigh ma keinx ihallini nghix, ma kienx ihallini nghix, illum nhosni naqra ahjar, ghalkemm qeghda fgata kif jien nghix m'ommi, ghax anka l-kamra tal-banju wahda, bil-bramel jew bil-bramel, ghax disa minn nies qeghdin u nuzaw kamra tal-banju wahda, ghat-toilet trid tuza mezz iehor u trid tara kif ha tghix.***

*Il-Qorti:* ***Sinjura ghidli naqra, inti sirt taf li dan qed joqghod fid-dar taghkom?***

*C B:* ***iva hi tghix hemm bit-tfal taghha ukoll, mizzewga, separata u bit-tlett itfal.***

*Il-Qorti: X'j****isimha?***

*C B:* ***O C1 … O R.***

*Il-Qorti:* ***Issa d-dar xtrajtuha meta?***

*C B:* ***Id-dar xtrajniha fiz-zwieg, xtrajniha t-tnejn u kollox ghandna mhallas u dan l-ahhar kien qed jaqleb kollox fuqu, u jien qatt ma stajt inkellmu ghax jekk nipprova nitkellem, l-anqas kelma wahda li hi wahda itini, m'hemmx kelma ohra.***

*Il-Qorti:* ***Hu x'jaghmel sinjura?***

*C B*: ***Mechanic u boarded out***

*Dr Yanika Camilleri:* ***ghamel xi zmien jghix barra minn Malta?***

*C B:* ***U sirt naf li jahdem il-Libya bhala mechanic***

*Dr Yanica Camilleri:* ***U kemm qed idum il-Libja bejn wiehed u iehor?***

*C B:* ***jien ma nafx ezatti imma mid-dehra jaghmel xahar hemm u xahar hawn.***

*Il-Qorti:* ***U jhalli lilha fid-dar bit-tfal taghha?***

*C B:* ***Iva mela bic-cwievet u tuza l-karozzi taghna, il-peugeot tuzaha hi, il-Mercedes tuzaha hi, hu jghid li l-Mercedes kienet qeghda ghand Michael C1, hi jghid li hadulu u mhux veru ghax tuzaha hi.***

*Dr Yanika Camilleri:* ***C ha nitkellmu daqxejn fuqha, ilbierah xi skoprejt fuqha? Il-Qorti fuq din il-mara.***

*C B:* ***Ilbierah skoprejt li pingiha fuq sidru, ghamel tatoo u jmantnilha t-tfal hu***

*Il-Qorti:* ***U kemm ghandha tfal din?***

*C B:* ***Tlieta***

*F'dawn il-proceduri l-konvenuta xehdet li persuna kienet avvicinata biex jinformaha li l-attur ried joqtolha. Ghal dan pprezentat dokument bit-transcript ta' din il-konversazzjoni li l-attur kellu ma' certu Go. Hi tghid li meta fit-transcript hemm referenza ghal Pat's garage din ir-referenza hija fuq xi hadd li qatel il-mara ghax kienet teqlibielu. L-konvenuta tghid li '****ried jehles minni biex hu jkun liberu u jkollu kollox f'idejh ghalih"****. Il-konvenuta tghid li hareg illibert mill-akkuzi kontrih fuq nuqqas ta' provi. L-esponenti tirrileva li stante li l-istess attur gie lliberat minn tali akkuza u ghalhekk kellu gudizzju proprju fuq l-istess akkuza, l-esponenti certament ma tistax tmur kontra l-istess sentenza u gialadarba hemm gudikat dak jibqa' jghodd. Konsegwentement jigi rileva l-esponenti m'hijiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjoni stante li l-attur gie lliberat.*

***D B***

*Bint il-partijiet tikkonferma li missierha kien vjolenti "****kien isir aggressiv u lili kien issabbatni mal-hajt, u issa tara lil hija, hja fih persuna ma kienx jirnexxilu tant kemm ikun agressiv illi … ma twaqqfux****".* [99]

[99] Fol 149

*Izzid tghid li sakemm kienu joqoghdu d-dar missierha kien jahdem bhala mechanic u li issa taf li jahdem il-Libja ghax ghandha ritratti u anki ritratti li juru affarijiet tat-tfal zghar gol kamra tas-sodda tax-xhud. – vide dok SB1 ezebit mix-xhud.*

*Isir referenza ghas-segwenti parti tax-xhiedha taghha:*

*"D B:* ***Hawnhekk hawn ritratti ohra ta' missieri mal-mara li qieghed maghha, missieri dejjem jghid li…***

*Dr Yanica Camilleri:* **Kemm ilu maghha?**

*D B:* ***Ilu maghha mill-2009***

*Dr Yanika Camilleri:* ***Kif tafu dan ?***

*D B:* ***Mela 1. Jiena dejjem kellu suspett u l-mummy bdejt nirreferilha, ma missieri ghandu mara ohra, ninduna ghax kif kien igib ruhu maghna, 2. Jiena spiccajt kont rajtu u mort affaccjajtu u ghedtlu pa` int ghandek mara ohra, qed taqlibilha l-mummy u dar fuq ommi u qallha, Rit thallix lit-tifla ddawarna, jien mhu qed naqlibilek ma ebda mara ohra u flimkien ma dawk il-karti ghandek prova fejn il-mara li qieghed maghha kitbitlu bhal lum erba' snin ilu, kitbitha f'Settembru, 2013***

*Il-Qorti:* ***Il-mara jghidilha dan***

*D Buegja:* ***Din fejn hawn it-tpingija fuq sidru tal- mara li ghandu, dik fejn qed jahdem il-Libja u dik fejn hemm tal-four years ezatt*** [100]

*Illi hawnhekk u b'referenza ghall-ahhar parti tax-xhiedha ta' bint il-partijiet l-esponenti taghmel referenza ghad-dokument li jinsabu f'fol 182 sa 189 tal-procedura ta' zgurmbrament.*

*Apparti hekk l-esponenti tinnota li meta xehed ir-rapprezentant tat-Transport Malta ezebixxa l-inkartamnet relatat mal-vetturi tal-attur, jirrizulta li bejn is-snin 2006 u 2008 l-istess Mercedes mertu tal-kawza kienet tappartjeni lil O R li sussegwentement bieghet il-vettura lill-attur fit-2008 ghal dan vide Dok BF 6 ezebit in atti a fol 760 – sa 761 tal-process. – b'hekk d-data li bint il-partijiet tirreferi ghalih fil-parti tax-xhiedha taghha meta tghid li O R u missierha ilhom flimkien mit-2009 huwa kredibbli mhux biss ghax ghandha ritratt fejn l-istess O R qed tghid '4 year my love' u dan qed tghidu fit-2013, izda anki minhabba it-transfer tal-vettura Mercedes bejn O R u l-attur fis-sena 2008!!*

*Gew esebiti wkoll is-segwenti dokumenti:*

*(a) Dok RB1*[101] *transcript ta' konversazzjoni bejn Go u A B;*
*(b) Dok RB 2*[102] *rapport fuq vjolenza datat 10/09/2008;*
*(c) Dok RB 3*[103] *rapport fuq vjolenza datat 16/09/2010 - f'dan ir-rapport insibu s-segwenti: "Complt. Added that her husband started insisting that she should sign the logbook her feeling and threated (threatened) her with the following words "Nifqa kullimkien bik u nkisser il-karozza jekk ma tiffirmax il-logbook";*
*(d) Dok RB 5 CD;*

---

[100] Vide fol 150 tal-process
[101] Fol 152 sa fol 157
[102] Fol 158 sa fol 159
[103] Fol 160 sa fol 161

*(e) Dok RB 6 stqarrija ta' C B tal-5 ta' Novembru, 2011;*

*(f) Dok RB 7*[104] *Transcript ta' konversazzjoni bejn Go u A B;*

*(g) Dok SB 1 – ritratti*[105]*;*

*(h) Dok SB 2*[106] *print outs ta' Facebook;*

*(i) Dok SB 3 ticket of referral of a patient to hospital – name of patient D B – referred for Urticaria Dermatology dated 14/4/ 2013;*

*(j) Dok SB 4 – print out ta' Facebook b'tattoo bl-isem O u diversi ritratti ta' koppja fejn jirrizulta l-ismijiet ta' A B u O R.* [107] *Oltre minn hekk hemm post fuq il-faccata ta' wara fol bla numru bejn fol 188 u fol 189 fuq faccata minnhom hemm ragel jiwweldja u post ta' certa O R datat 15/09/2013 bil-caption "**4 years my love**";*

*(k) Dok SBC a fol 189 ritratt mmarkat F Room before/F Room After*

*Fil-25 t'April, 2014 il-Qorti tat digriet fuq it-talba ghall-izgumbrament:*

***"Illi rrizulta mill-provi prodotti illi l-intimat kien vjolenti ferm mar-rikorrenti*[108]*, anke fil-prezenza ta' uliedhom.***

***Jirrizulta wkoll illi l-intimat qieghed jghix fid-dar matrimonjali ma' mara ohra u uliedha, waqt illi r-rikorrenti u wlieda marru jghixu ghand om mir-rikorrenti;***

***Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lill-intimat sabiex jizgombra midd-ar matrimonjali "X", Triq l-X, Haz-Zebbug, Malta fi zmien erba' gimghat millum, jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija*[109]*"***

[104] Fol 168 sa fol 173

[105] Minn fol 174 sa fol 178

[106] Fol 179 u 180

[107] Fol 182 sa fol 188

[108] Emfasi u sottolinear tal-esponenti

*Illi l-esponenti hawnhekk taghmel referenza ghall-fatt li l-konvenuta pprezentat dokumenti relatati mal-ispejjez ta' erba' mija wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha tletin centezmi (€421.37) li nefqet in konnessjoni mal-isgass li kellha taghmel biex tidhol lura go darha – dawn gew ezebiti flimkien mar-risposta tal-konvenuta pprezentat minnha fit-12 t'Ottubru 2018, liema risposta tirreferi ghar-rikors tal-attur tat-13 ta' Settembru, 2018. Ghal dan isir referenza ghas-segwenti dokumenti:*

*-Sales invoice that MF Company Limited = €76.37;*
*-Qormi Aluminium Holdings = €295;*
*- MASCO = €50*

***<u>Tot spejjez sgass: - €421.37</u>***

*Spejjez tal-pubblikazzjoni tal-avviz ta' smiegh gew ezebiti wkoll – dawn jisnabu a fol 136 sa fol 139 tal-proceudra ta' zgurmbrament:-*

| | | |
|---|---|---|
| *Union print Co .Ltd datata* | *26/03/2014* | *€34. 45* |
| *Allied Newspapers* | *26/ 03/2014* | *€51.68* |

***<u>Tot. Spejjez pubblikazzjoni: €86.13</u>***

*Illi l-esponenti tosserva wkoll li kif jirrizulta minn fol 289 tal-process, l-konvenuta kellha titlob ghall-assistenza tal-pulizija sabiex tkun tista' tidhol lura gewwa d-dar matrimonjali, u li minhabba li l-pulizija stess esigu li jkun hemm prezenti wkoll Marixxal sar rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex hija tkun anki assistita minn Marixxall tal-Qorti fl-ezekuzzjoni tal-izgumbrament. B'digriet tal-4 ta' Gunju, 2014, il-Qorti laqghet din it-talba.*

*Ghal kull buon fini l-esponenti taghmel referenza ghar-rikors pprezentat mill-attur fl-1 ta' Lulju, 2014, fejn talab it-twaqqif u ikkontesta l-izgurmbrament. Il-*

*Qorti cahdet it-talba abbazi tal-fatt li gie debitament notifikat skont il-ligi u wasslet biex tiddeciedi fuq l-izgumbrament wara li semghet lil martu u uliedu jixhdu u l-Qorti rrizultalha li l-attur qed jghid fi-dar matrimonjali ma' mara ohra.*

1. *Illi għalhekk f'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti l-punti saljenti tal-kawża odjerna fid-dawl tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet imressqa miż-żewġ partijiet kemm fit-talba oriġinali kif ukoll permezz tal-kontro-talba:*

2. ***Dwar it-talba għas-separazzjoni personali***

*L-esponenti tirrileva li tidher li din hija wahda mill-ftit talbiet li l-partijiet jaqblu fuqha għaliex it-tnejn li huma jaqblu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separzzjoni personali ta' bejniethom ghalkemm irid jingħad li r-responsabbilita' tal-istess separazzjoni hija kontestata b'dan li z-zewg partijiet jghidu li t-tort u r- responsabbilita' tal-istess hija tal-parti l-ohra.*

*F'dan l-istadju l-istess esponenti taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:*

*"**Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minħabba ecccessi, mohqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew ieħor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment**".*

*L-esponenti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony***[110] *fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab**

[110] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

***is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti**" u zzid tghid li "**Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.....Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'ccerta mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima**".*

*Issir referenza wkoll għall-kawza fl-ismijiet **R Lea pro et noe vs R H**[111] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[112] fejn ġie ritenut li "**Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima" u żżid tgħid ukoll li "Sabiex tiġi promossa t-talba għas-separazzjoni mhux meħtieġ kumulu ta` kawżali, kull waħda mill-kawżali ta' sevizji, it-theddid u l-inġurji gravi hija suffiċjenti sabiex jiġu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali**".*

*L-esponenti hija moralment konvinta li l-partijiet qiegħdin fi stadju fej naturalment l-ebda konvivenza bhala konjugi ma tista' tigi prospettata tant li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal numru ta' snin. Dan qieghed jingħad anke abbażi tal-fatt li l-partijiet issa ilhom snin jgħixu b'mod separat minn xulxin u jidher car li s-separazzjoni personali hija l-unika triq possibbli ghalihom u ghalhekk certament jirrizulta li hemm bazi ghas-separazzjoni personali tal-partijiet ghall-anqas ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta abbazi tal-fatt li certament "**il-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment**". Dwar ir-responsabbilita' ghall-istess tkissir taz-zwieg, l- esponenti ser tghaddi l-kummenti taghha fil-paragrafi segwenti.*

[111] Deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)
[112] Deciza nhar it- 2 t'Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

3. ***Dwar ir-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg***

*Gialadarba l-esponenti diga' ppronunzjat ruhha dwar il-fatt li t-talba ghal separazzjoni personali ghandha tigi milqugha, l-esponenti issa ser tghaddi sabiex tiddiskuti r-responsabbilita' u t-tort ghal tali tkissir ta' zwieg.*

*Naturalment u bhal ma jigri f'hafna mill-kawzi li jkollha quddiemha din l-Onorabbli Qorti, z-zewg partijiet jitfghu r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg fuq il-parti l-ohra. F'din il-kawza l-intimata tikkontendi li z-zwieg tfarrak minħabba l-vjolenza u l-abbuz da parti tal-attur zewgha filwaqt li l-istess attur jghid li z-zwieg tfarrak ghaliex l-intimata rrendiet ruhha hatja t'eccessi u sevizzi u ingurji u jsemmi wkoll li kienet tghir ghalih hafna. L-esponenti taghmel referenza ghax-xhieda u l-provi li tressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-proceduri ta' zgumbrament fejn gie kkonfermat li verament l-attur kien vjolenti fil-konfront ta' martu tant li gie zgumbrat, taghmel referenza ghad-dokumentazzjoni esebita minnu stess fejn il-psikjatri tieghu isemmu wkoll l-aspett vjolenti tieghu u fuq kollox ma jistax ma jissemmiex ukoll l-adulterju lampanti da parti tal-istess attur fejn hu stess jikkonferma li kellu relazzjonijiet intimi ma' O R u li ghandu tifel minn mara Libjana u abbazi tal-istess tikkonkludi li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tinghata lill-attur. Dan qieghed jinghad ghaliex minkejja li l-istess attur jipprova jitfa' l-htija ghat-tifrik taz-zwieg fuqha, mill-provi jirrizulta li m'hemm xejn li jista' b'xi mod jinghad li hi responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Jekk hu minnu li kienet tghir ghalih, jidher li l-intimata kellha ragunijiet tajba ghaliex izzomm ghajnejha fuqu ghaliex kif jghid l-Ingliz he had a wondering eye tant li kellu relazzjonijiet adulteri lampanti u kellu tifel ukoll. Jirrizulta wkoll li kuntrarjament ghal dak li jipprova jghid l-attur fil-mori tal-kawza, l-intimata ma telqitx mid-dar b'kapricc jew b'xi forma t'abbandun imma litteralment harbet mid-dar abbazi ta' vjolenza li mbaghad waslet ghall-izgumbrament tieghu mid-dar matrimonjali. Tenut kont ta' dan kollu*

*l-esponenti hija tal-fehma li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tinghata fl-inteC' taghha lill-attur.*

4. **Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet kontemplati fil-ligi**

*Abbazi ta' dak suespost u abbazi tal-fatt li fl-umli opinjoni tal-esponenti, r-responsabbilita' taz-zwieg ghandha taqa' fuq l-attur, allura s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu. Ghal kull buon fini jinghad li fl-opinjoni tal-esponenti, ghandu jigi applikat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu, liema Artikolu jghid hekk:*

*"(1)* ***Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda għal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;***

***(c) kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li igieghel lill-parti l-ohra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg****".*

*Ghal kull buon fini l-esponenti tirrileva li tali sanzjonijiet, specjalment dawk imsemmija f'Artikolu 48(b) citat hawn fuq huma kkonsidrati fil-porzjonijiet divizi bejn il-partijiet. Ghal finijiet tal-Artikolu 48(c) u cioe' kwantu ghad-data li minnha l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda, l-*

*esponenti tirrileva li tali data ghandha tikkumbaci mad-data tar-rikors intavolat mill-intimata ghall-izgumbrament u cioe' Fit-2 t'Ottubru, 2012 (liema rikors gie sussegwentement milqugh). Ghal finijiet ta' kompletezza l-esponenti tirrileva li l-intimata pruvat tressaq provi biex turi li r-relazzjoni ta' bejn zewgha u O R kienet bdiet 4 snin qabel Settembru 2013 pero' l-post li jghid '4 years my love' huwa wisq generiku biex jinghad b'certezza li l-4 snin hija dikjarazzjoni ghaz-zmien kemm kienet ilha ghaddejja r-relazzjoni ta' bejniethom. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment thoss li d-data ghar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg ghandha tkun dik tat-2 t'Ottubru 2012.*

5. ***<u>Dwar it-talba tal-attur li jghix wahdu</u>***

*L-attur qieghed jitlob ukoll li jigi awtorizzat jghix wahdu ad eskluzjoni ta' martu. Da parti taghha l-konvenuta naturalment ma topponix tant li kif ser jinghad fil-paragrafu segwenti, hija wkoll qed taghmel l-istess talba. Naturalment tali talba hija wahda konsegwenzjali ghat-talba ta' separazzjoni personali li z-zewg partijiet qieghdin jaqblu dwarha wkoll u ghalhekk, anke tenut kont tad-decizjoni ta' zgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali, l-esponenti hija tal-fehma li tali talba ghandha tigi milqugha.*

6. ***<u>Dwar it-talba li l-intimata tghix wahedha</u>***

*L-intimata da parti taghha wkoll qieghda titlob li tigi awtorizzata tghix wahedha ad eskluzjoni ta' zewgha. Da parti tieghu l-attur naturalment ma jopponix tant li kif inghad fil-paragrafu precedenti, hu wkoll qed jaghmel l-istess talba. Naturalment tali talba hija wahda konsegwenzjali ghat-talba ta' separazzjoni personali li z-zewg partijiet qieghdin jaqblu dwarha wkoll u ghalhekk, anke tenut kont tad-decizjoni ta' zgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali, l-esponenti hija tal-fehma li tali talba ghandha tigi milqugha.*

7. ***Dwar it-talba għall-Manteniment għall-attur***

*F'dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob manteniment minghand martu ghaliex jikkontendi li ma jahdimx. Pero' jidher car li d-dikjarazzjoni tieghu li ma jahdimx mhux biss ma gietx emmnuta mill-intimata talli l-istess attur kien investigat fuq tali allegazzjoni da parti tal-Kummissarju tal-VAT. Fil-fatt esebita in atti bhala Dok. SMb3 hemm ittra da parti tal-Avukat tal-attur kiteb lill-Kummissarju tal-VAT jghid hekk:*

*"* ***…(omissis) I-klijent tieghi sar jaf illi r-rapport li sar kien fis-sens illi A B jaghmel xi xoghol jew negozju mill-garaxx. Jigi mfakkar illi l-garaxx huwa wiehed privat mghaqqad mad-dar u ma jsir ebda negozju minn gol-fond imsemmi."*** *Din l-ittra hija datata 12 ta' Jannar, 2011. L-esponenti taghmel referenza ghad-diversi ritratti li gew esebiti in atti ta' dawn il-garaxxijiet, fejn jirrizulta bl-aktar mod car li dawn il-garaxxijiet ma kienux jintuzaw ghal skopijiet li jiġu garaxxjati xi karozzi tal-partijiet jew min minnhom izda hija konvinta li minnhom l-attur kien jiggestixxi negozju ta' mechanic. Dan iktar u iktar meta wiehed jara wkoll l-istatements tal-kont skypass tieghu li huma esebiti in atti f'volum 6 tal-process vide fol 1100 et seq li juru diversi transazzjonijiet fuq oggetti ta' parts ta' karozzi u auto services.* **Fid-dawl ta' dan u fid-dawl tal-affidavit tieghu stess fejn jghid li …. "*F'dan il-perjodu kont nahdem il-garaxx biex inkun taht ghajnejha*"** *(li allura hija konferma ohra li l-garaxxijiet jew ghall-anqas garaxx wiehed ilu jintuza ghal finijiet ta' xoghol u naturalment introjtu) l-esponenti tirrileva li d-dikjarazzjoni tal-attur fis-sens li ma jaħdimx u li allura abbażi tal-istess nuqqas t'impjieg għandu jingħata l-manteniment mingħand martu ma treġix għaliex il-provi konkreti li tressqu ma jħallu ebda dubju li fil-veC' l-attur jaħdem u għandu introjtu min-negozju tiegħu li jiġġestixxi minn tali garaxxijiet. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li minn banda*

*jallega li ma kienx fit for work (u jipprezenta dokumentazzjoni li jikkonfermaw dan) imma fl-istess hin u meta kien qed jiddikjara introjtu ta' madwar €7458.96 fis-sena, b'xi mod xorta kellu minn fejn ihallas €6000 ghax-xiri tal-jetksi. Bir-rispett kollu jinghad li l-esponenti ma temminx li l-attur ma kienx qieghed jahdem u dan hu kkonfermat ukoll mill-statements fosthom dak tal-kont f'isem l-intimata tal-kont BOV 40019336880[113] fejn hemm numru kbir ta' transazzjonijiet (u dan b'mod kontinwu) relatati ma' xiri ta' parts tal-karozzi u ta' depositi pjuttost kbar li kienu qed isiru f'tali kontijiet li jkomplu jikkorraboraw it-tezi li l-attur kien fil-fatt qieghed jahdem ta' mechanic. Fid-dawl ta' dan l-esponenti thoss li ghandhom jigu infurmati d-Dipartimenti relattivi inkluzi dawk minn fejn l-attur kien qed jithallas pensjoni ta' boarded out u jigi notifikat ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jinvestiga l-introjtu tal-istess attur u t-transazzjonijiet kollha li kienu qed isiru fi zmien meta suppost ma kienx qed jahdem (b'dan li jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll transazzjonijiet li saru f'isem l-intimata u abbinati mal-kont imsemmi f'dan il-paragrafu li jidhru li kienu transazzjonijiet maghmula minn jew ghall-attur).*

*Jekk dan kollu ma kienx bizzejjed hemm ukoll l-evidenza relatata mal-Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni MBB – 444. Min-naha taghha l-konvenuta tghid li mhuwiex minnu li l-attur rritorna din il-vettura lil Michael Attard Limited minhabba d-dejn, u dan ghaliex Michael Attard ghadhom qeghdin jitolbu l-hlas tal-bilanc dovut lilhom fl-ammont ta' €9689.85 , oltre l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta in kwisjG xehed li huma ma hadux lura din il-vettura. Pero' l-esponenti taghmel referenza ghall-kontro-mandat esebit in atti wkoll li Michael Attard Limited kienet lesta li tiffirma abbazi ta' ftehim ta' pagamenti. Kemm saru pagamenti, b'liema modalita' u jekk fil-veC' tali dejn illum jezistix jew le l-esponenti ma tistax tikkonferma bic-cert. Pero' kif ser jinghad aktar 'il quddiem,*

---

113 Ara a fol 812 *et seq*

*jekk hemm xi dejn abbinat mal-istess imsemmija Mercedes, dan ghandu jithallas fl-inteC' tieghu minn A B.*

*Abbazi ta' dan kollu u abbazi wkoll tal-fatt li kif diga gie rilevat aktar 'il fuq l-attur iddekada mid-dritt li jitlob manteniment da parti ta' martu u f'din ir-relazzjoni qed jinghata t-tort u r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg (fosthom minhabba vjolenza u adulterju sfaccat u ammess da parti tal-istess attur fosthom ma' O R u mara Libjana li ghandu tifel minnha), allura l-esponenti umilment tirrileva li t-talba tieghu ghall-manteniment da parti ta' martu ghandha tigi michuda fl-inteC' taghha.*

8. ***Dwar it-talba għall-Manteniment għall-konvenuta***

*L-esponenti hadet konjizzjoni tan-Nota guramentata tal-attur a fol. 15 sa fol 18 tal-process fejn jghid li s-separazzjoni hija impunibbli lill-konvenuta minhabba sevizzi eccessi u ingurji gravi ezercitat minnha kontrih u li ghalhekk m'ghandha tippercepixxi l-ebda manteniment. In oltre jghid li l-konvenuta hija kapaci tahdem, jghid li tahdem u ghalhekk l-ebda manteniment m'huwa dovut minnu. Jghid li m'ghandu l-ebda introjtu u impieg.*

*Kif diga' inghad aktar 'il fuq, l-esponenti ma temminx il-verzjoni tal-attur li hu ma jahdimx u li ghalhekk tali argument zgur li mhux ser jigi accettat. Kif inghad ukoll aktar 'il fuq, il-htija u r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg qed tinghata lill-attur minhabba l-vjolenza li kkommetta (vjolenza li anke din l-Onorabbli Qorti kkonstatat fil-proceduri ta' zgumbrament) kif ukoll minhabba l-adulterju sfaccat li hu kellu kemm ma' O R (li hu stess jammetti li kellu relazzjonijiet intimi maghha) kif ukoll ma' mara Libjana li kellu tifel maghha.*

*Min-naha l-ohra l-intimata tikkontendi li m'hijiex fit for work u ghalhekk qed titlob li zewgha jigi ordnat ihallas manteniment ghaliha. Din l-Onorabbli Qorti laqghet iffissat manteniment pendente lite permezz ta' Digriet tal-16 ta' Frar, 2016, fl-ammont ta' €200 fix-xahar, liema manteniment qatt ma ġie revedut. L-esponenti tirrileva li stante li l-intimata, fl-umli opinjoni taghha m'għandhiex titlef id-dritt ta' manteniment minghand zewgha ghaliex ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg qed tigi attribwita lilu u stante li mill-atti jirrizulta li ghandha problemi biex tkun tista' tahdem tant li giet dikjarata unfit for work skond certifikat mahrug mill-psikjatra Dr. Peter Muscat fit-22 ta' Lulju 2018 u stante l-eta' tal-intimata li jrendiha kwazi unemployable l-esponenti thoss li t-talba taghha ghall-manteniment ghandha tigi milqugha b'dan li l-istess manteniment jigi awmentat ghall-anqas ghal €300 fix-xahar stante li mis-sena 2016 sal-lum ghaddew 6 snin, il-hajja gholiet, qatt ma kien hemm gholi tal-hajja mizjud mal-imsemmi €200 li gie ffissat 6 snin ilu u fuq kollox ghaliex wara kollox l-intimata ghandha d-dritt ghal hajja dicenti wkoll. L-esponenti tifhem li €300 mhux ammont li wiehed jista' jghix bih biss pero' stante c-cirkustanzi partikolari tal-kaz thoss li l-manteniment ghandu jigi revedut ghal €300 fix-xahar li naturalment ghandu jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.*

9. ***Dwar it-talba ta' lumpsum payment***

*L-esponenti tirrileva li l-intimata qieghda titlob manteniment f'lump sum payment. Kif inghad aktar 'il fuq, l-esponenti hija tal-fehma li l-manteniment taghha ghandu jibqa' jithallas fix-xahar u mhux permezz ta' one-time lumpsum payment ghaliex fl-ewwel lok hadd mill-partijiet ma jaf kif u meta ser tinbiegh id-dar matrimonjali u konsegwentement ikun difficli ghall-istess intimata li tghix minghajr ebda forma t'ghajnuna ta' xejn u fl-istess hin ukoll ghaliex naturalment iz-zmien li ghalih l-intimata ser tkun elegibbli ghal manteniment hu zmien mhux maghruf u ghalhekk lumpsum payment hu difficli li wiehed jistablixxi specjalment*

*meta l-partijiet diga' ghandhom ftit eta'. Tenut kont tac-cirkustanzi l-esponenti tara li jkun ferm aktar ghaqli li l-manteniment tal-intimata jibqa' ghaddej fix-xahar kif spjegat aktar 'il fuq u li l-ammonti li ser tiehu bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti (kif spjegat aktar 'il quddiem) ikunu l-uniku lumpsums li tiehu;*

10. ***<u>Dwar il-Beni Parafernali</u>***

*Mill-atti jirrizulta li l-claim ta' beni parafernali tikkoncerna ghodda tal-attur u dan skond in-nota ġuramentata tieghu fejn isemmi din l-ghodda li hu jikkontendi li hija parafernali u jsemmi wkoll ghodda mixtrija fiz-zwieg li naturalment tifforma parti mill-komunjoni tal-akwisti. L-istess attur jikkontendi li fuq l-ghodda l-gdida hemm dejn ma' tal-Wurth fl-ammont ta' €3000 oltre l-interessi. Parti mill-ghodda giet ritornata flok jithallas dejn.*

*Fil-veC' prova konkreta li din l-allegata ghodda tezisti u li hi ghall-anqas parti minnha hi parafernali tieghu l-attur ma jressaqx. Abbazi ta' dan in-nuqqas u abbazi tal-fatt li l-esponenti m'ghandhiex mezz sabiex tistabilixxi x'inhi din l-ghodda, kemm hi, kemm tiswa, fejn hi u x'sar minnha u jekk inxtratx qabel iz-zwieg jew wara, l-esponenti umilment tirrileva li fl-opinjoni taghha t-talba dwar l-aspetti u l-beni parafernali taz-zewg partijiet ghandha tigi michuda fuq nuqqas ta' provi.*

11. ***<u>Dwar Terminazzjoni Kommunjoni tal-Akkwisti</u>***

*Illi fis-7 ta' Marzu, 2017 l-attur ntavola rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta peremzz ta' liema talab lil Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-kommunjomi tal-akkwisti bejn il-partijiet.*

*Illi l-konvenuta wiegbet permezz ta' risposta datata 10 t'Awwissu 2017 billi opponiet ghat-talba tal-attur.*

*Din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-attur u konsegwentement permezz ta' sentenza datata 4 t'Ottubru, 2017 ordnat il-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti b'effett id-data tas-sentenza, bl-ispejjez tas-sentenza jigu decizi mas-sentenza finali.*

12.***Dwar id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti***

*F'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti dak kollu li hu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-esponenti tirrileva li dan l-aspett tas-separazzjoni bejn il-partijiet kien l-akbar bone of contention u xejn ma kien facli ghall-istess esponenti li tistabilixxi x'jifforma parti jew le mill-istess komunjoni stante li:*

(a) *kien hemm assi (bhal per ezempju l-Cabin Cruiser) li z-zewg partijiet jaqblu li tezisti imma li pero' r-rapprezentanti tal-awtoCjiet koncernati ddikjaraw li ma sabu xejn f'isem il-partijiet (u lanqas f'isem O R li dwarha din l-Onorabbli Qorti awtorizzat li jitressqu provi dwarha) u ghalhekk filwaqt li hemm qbil dwarha li necessarjament ifisser li din il-Cabin Cruiser qieghda fuq prestanome;*

(b) *kien hemm allegazzjonijiet li xi mobbli spiccaw fi proprjeta' ohra bhal per ezempju l-BBQ li pero' l-esponenti tinnota li skond ir-ritratti esebiti ma jidhirx li hu l-istess BBQ li ttiehed mid-dar matrimonjali;*

(c) *kien hemm allegazzjonijiet ta' bejgh ta' mobbli fil-mori tal-proceduri jew ftit qabel li prova tar-rikavat taghhom ma tressqitx;*

(d) *kien hemm numru ta' mobbli li gew trasferiti lil terzi izda hemm bizzejjed provi li jista' jinghad li dawn xorta wahda jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (jew ghall-anqas il-valur taghhom)*

(e) *kien hemm immobbli li fil-mori inbieghu bhal per ezempju garaxx*

(f) *kien hemm mandat ta' deskrizzjoni li pero' ma jindikax il-valur tal-mobbli msemmija (naturalment dan ma kienx l-iskop tal-mandat) u li ghalhekk l-esponenti ma tistax taqbad u tiddikjara prezz dwarhom;*

*li fl-assjem taghhom ikkumplikaw mhux ftit il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti.*

*Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-assi mmobbli jikkonsistu fis-segwenti:*

(a) *id-dar matrimonjali, b'zewg garaxxijiet*

(b) *garaxx iehor li pero' inbiegh fil-bidu tal-proceduri u konsegwentement m'ghadux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti*

*Dwar dawn jidher li hemm qbil da parti tal-partijiet.*
*Skond in-nota guramentata tal-attur l-Attiv Mobbli jikkonsistu fis-segwenti:*

(a) *Peugoet 407 – tiswa circa €7000;*
(b) *Toyota Yaris tiswa circa €3500*
(c) *Toyota windy mkissra bla valur;*
(d) *2 televisions;*
(e) *Computer bla valur tower biss  valur €100*
(f) *Salott circa €1000*

*(g) Mejda tal-hgieg valur circa €200*

*(h) Ghamara ta' 3 kmamar tas-sodda valur minimu €2000;*

*(i) Airconditioners valur minimu €200*

*(j) Oggetti varji fil-kmamar tal-banju u salott inkluz switches u benefitkati €400*

*Min-naha taghha l-intimata taghmel allegazzjonijiet relatati ma' mobbli li skond hi ma baqghux fid-dar matrimonjali u kien proprju ghalhekk li ntavolat il-mandat ta' deskrizzjoni li jinsab a fol 1252 tal-process.*

*L-attur jikkontendi wkoll li hemm mobbli li gew mehudin minn martu u li dawn huma elenkati fil-lista segwenti:*

*(a) Dehebijiet circa €10,000*

*(b) Playstation mehuda mit-tfal €200*

*(c) Barbq stainless steel €600*

*(d) Washing machine fuq il-bejt ma tahdimx €0*

*(e) Ritratti tat-tieg u safar €0*

*(f) Appliances tal-kcina:- small freezer, fridge freezer, bank tal-freezer, electric oven, dishwasher, hood, 2 microwaves, washing machine €6000*

*(g) Mis-salott: WII, digital frame €400*

*(h) Washroom and kitchen combined -jghid li ma fadal xejn ghax ittiehdu mill-konvenuta €11, 800*

*(i) Bathroom mizien €100*

*(j) Main bedroom – satellita €900*

*(k) Effetti personali u ogetti kollha tat-tfal - €0*

*(l) Bank withdrawal €4000*

*(m) Jallega li martu serqet €193, 337 flus kontanti li kiennu bilanc ta' bejgh ta' 2 krejnijiet.*

*L-esponenti tirrileva li kwantu għall-mobbli, dak li verament jista' jiġi kkonstatat hu dak li jirriżulta mill-mandat ta' deskrizzjoni għalkemm jingħad ukoll li l-withdrawal t'€4000 imsemmi jirriżulta wkoll mill-statement tal-kont bankarju f'isem l-intimata bin-numru 40019336880*[114] *izda kif diga' ingħad aktar 'il fuq jirriżulta car li tali kont kien jintuza miz-zewg partijiet u konsegwentement m'hemm ebda prova ta' min verament ġibidhom u għal liema skop intuzaw. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li ħadd mill-partijiet m'għandu jirrifondi lil ħadd fuq tali ammont. Kwantu għall-allegazzjoni tal-attur li dejjem skond hu l-intimata serqet mid-dar l-ammont ta' €193, 337 flus (liema allegazzjoni l-intimata tiċħad) l-esponenti tirrileva li ma tressqet l-ebda prova dwarhom, lanqas dokumentazzjoni kwantu għall-provenjenza tal-istess ammont u cioe' l-bejgħ ta' zewġ krejnijiet. Fid-dawl ta' dan tali ammont mhux ser jiġi kkunsidrat bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Kien hemm numru t'oġġetti u mobbli li ġew mibjugħa jew trasferiti lil terzi (fosthom lil O R) u dawn jikkonsistu:*

(a) *Jeksi Seadoo li skond l-attur ġie mixtri għal €16,000 u inbiegħ €6000. Wieħed jinnota li fin-nota ġuramentata l-attur jgħid hekk: "**Dan nbiegħ biex jitħallas dejn ta' €4000 lil Frida B (omm A) u €2000 djun ma tal-ħwienet tal-parts. L-jetsi tħallas mill-bejgħ tal-vann Toyota Hilux**";*

(b) *Mercedes li skond l-attur ġiet mixtrija għall-ammont ta' Lm6,500 u skontu wkoll baqa' €13,650 dejn oltre l-interessi. Jikkontendi li tali vettura ġiet ritornata lil Michael Attard Limited biex ma jitħallasx id-dejn pero' jgħid ukoll li martu ma marritx tiffirma t-transfer u għalhekk ma tistax tinbiegħ;*

[114] A fol 812 *et seq*

(c) *Toyota hilux li ttiehed mill-venditur minhabba l-pagamenti fuq ma thallsux*

*L-esponenti tinnota li l-jetski huwa a bone of contention bejn il-partijiet. Huwa interessanti li wiehed jenfazzizza dak li l-attur jghid fuq dan il-jetski taht gurament fi stadju bikri tal-proceduri u jsir paragun max-xhieda ta' M N li l-attur ressaq sabiex jixhed proprjament fuq il-jetski in kwisjG. Hemm kuntrast kbir bejn ix-xhieda tal-attur u ta' M N u fl-umli opinjoni tal-esponenti it-tnejn li huma m'humiex jghidu l-vertia u hu proprju ghalhekk li l-esponenti taghti ragun u kredibilita' lill-konvenuta (b'dan li tiddikjara li l-verzjoni taghha hija iktar kredibbli) ghax rnexxielha tipprova li l-attur beda jehles minn oggetti ossia mobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti biex imbaghad spiccaw f'isem l-partner tieghu O R. L-istess jinghad fuq l-assi mobbli kollha elenkati f'din is-sezzjoni, u l-konkluzjonijiet tal-esponenti japplikaw kemm ghal vettura Mercedes u ghal dan isir referenza ghax-xhieda tar-rapprezentant ta' Michael Attard li ghid li qatt ma giet ritornata lilhom il-vettura. L-istess ghal Toyota Hilux li mhux biss spiccat giet trasfeC fuq l-istess O R izda li eventwalment ġiet irrppurtata li giet misruqa.*

*Interessanti wiehed isemmi li l-attur jikkonferma l-ezistenza ta' Cabin cruiser li skontu ma tahdmix, ghandha magna mkissra u zarmata. Skond l-attur din giet mixtrija ghall-ammont ta' Lm5000 u mibjugha bhala qafas. Jghid li l-magni qieghdin ghandu pero' minghajr valur u li tali Cabin Cruiser kellha tinbiegh biex jithallas d-dejn fuqha ta' fejn kienet qed tissewwa. Minkejja dan kollu l-esponenti tirrileva li mix-xhieda tar-rapprezentant Transport Malta l-partijiet qatt ma kellhom dghajjes registrati f'isimhom pero' stante li hemm qbil bejn il-partijiet li din il-Cabin Cruiser verament tezisti u li ghalhekk necessarjament ifisser li din qieghda prestanome fuq xihadd l-esponenti xorta wahda se tiehu in konsiderazzjoni taghha bhala ass li kien formanti parti mill-komunjoni tal-*

*akkwisti u li gie trasferit lil terzi da parti tal-attur u dan jidher li sar minghajr l-awtorizazzjoni jew il-kunsens tal-intimata.*

*Kwantu ghall-kontijiet tal-bank l-esponenti tirrileva li dawn jirrizulta li kienu jintuzaw miz-zewg partijiet (anke jekk kienu intestati f'xi wiehed jew wahda minnhom) u konsegwentement, anke fid-dawl tal-fatt li jirrizulta car li l-attur kien jahdem fiz-zmien li kien suppost boarded out u ghalhekk numru ta' depositi li saru fil-kont bankarju tal-intimata kienu certament derMti mix-xoghol tieghu bhala mechanic l-esponenti umilment thoss li kullhadd ghandu jibqa' b'dak li ha filwaqt li kull parti tkun formalment assenjata l-kontijiet bankarji f'isimha / f'ismu filwaqt li kwalunkwe kontijiet bankarji li hemm konguntivament bejniethom ghandhom jinghalqu b'dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.*

*Kwantu ghad-djun formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, fin-nota guramentata tieghu l-attur jghid li hemm dejn fl-ammont ta' €364,406 ma' George Ciappara rapprezentanti l-materjal tad-dar matrimonjali kif ukoll spejjez ohra maghmula ghall-familja b'dan li jsemmi li hemm kambjali dwar l-istess somma pero' tali kambjali ma gewx esebiti u George Ciappara lanqas biss tressaq bhala xhud u konsegwentement l-esponenti umilment tissottometti li fil-veC' prova fuq tali dejn ma tressqitx u ghalhekk m'huwiex ser jigi kkunsidrat ghall-finijiet ta' divizjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Ghalhekk, abbazi ta' dak suespost l-esponenti qieghda tissuggerixxi s-segwenti divizjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti:*

***Porzjoni A assenjabbli lill-Attur***

1. *Kwalunkwe kont bankarju, polza t'assigurazzjoni u investiment intestat f'ismu;*

2. *Nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonnessi b'dan li jekk jirrizulta xi dejn formali abbinat mal-istess dar u garaxxijiet, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn;*

3. *L-effetti kollha personali tieghu li jistghu jinsabu fid-dar matrimonjali jew fi kwalunkwe post iehor nkluz deheb u hagar prezzjuz taghha (u cioe' dak li jista' jigi deskritt bhala maskil);*

4. *Kull vettura intestata f'ismu fil-prezent inkluz dejn fuq l-istess, citazzjonijiet u licenzji b'lura;*

5. *Kwalunkwe dejn li jista' jezisti ma' Michael Attard Limited ghandu jithallas esklussivament mill-attur;*

6. *Kwalunkwe kont relattiv ghad-dawl u l-ilma u servizz iehor tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonnessi bejn il-gurnata li l-konvenuta telqet mid-dar u cioe' l-15 ta' Settembru 2010 sakemm l-istess attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali;*

7. *Kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm ma' Adrian Muscat (dejjem jekk jezisti u ghadu mhux preskritt stante li ma gew prezentati ebda provi li jikkonfermaw li gew intavolati atti gudizzjarji dwar tali possibilita' ta' dejn) ghandu jithallas b'mod esklussiva mill-attur;*

***<u>Porzjoni B assenjabbli lill-intimata</u>***

1. *Kwalunkwe kont bankarju, polza t'assigurazzjoni u investiment intestat f'isimha;*

2. *Nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonnessi b'dan li jekk jirrizulta xi dejn formali abbinat mal-istess dar u garaxxijiet, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn;*

3. *L-ammont ta' €7200 li jirrapprezenta nofs il-valur tal-Jeksi Seadoo (nofs €16,000) wara li ttiehed 10% bhala depreciation value fuq l-istess u dan stante li mill-provi rrizulta li tali jetski spicca ghand O R u ghalhekk certament li l-konvenuta ma haditx sehemha mill-istess;*

4. *L-ammont ta' €6813.41 li jirrapprezenta nofs il-valur tal-Mercedes (nofs Lm6500) wara li ttiehed 10% bhala depreciation value fuq l-istess u dan stante li mill-provi rrizulta li tali jetski spicca ghand O R u ghalhekk certament li l-konvenuta ma haditx sehemha mill-istess;*

5. *L-ammont ta' €7200 li jirrapprezenta ammont likwidat arbitro boni viri relatat mal-vettura Toyota Hilux li ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur tieghu pero' l-attur jghid li mill-bejgh tieghu thallas il-Jetski. Stante li l-attur stess jiddikjara li l-jetski kellu valur ta' €16,000 l-esponenti qed tiehu tali somma bhala l-prezz tal-istess Toyota Hilux u tnaqqas ukoll 10% depreciation valur u ghalhekk il-konvenuta ghandha tinghata l-ammont ta' €7200 li jirrapprezenta nofs l-ammont ta' €16,000 wara li ttiehed 10% depreciation value;*

6. *L-ammont ta' €5241.09 li jirrapprezenta nofs il-valur tal-Cabin Cruiser li l-attur jghid li gie trasferit lil terzi (b'dan pero' li qatt ma kien fuq isem il-partijiet) u li jidher li l-konvenuta ma haditx sehemha minnu. Stante li l-attur jiddikjara li dan inxtara ghall-ammont ta' Lm5000, allura sehem l-intimata hu nofs tali ammont wara li ttiehed 10% bhala depreciation value fuq l-istess;*

7. *L-effetti kollha personali taghha li jinsabu fid-dar matrimonjali jew fi kwlaunkwe post iehor inkluz deheb u hagar prezzjuz taghha (u cioe' dak li jista' jigi deskritt bhala femminili);*

8. *Kull vettura intestata f'isimha fil-prezent inkluz dejn fuq l-istess, citazzjonijiet u licenzji b'lura;*

8. *L-ammont ta' €253.75 rapprezentanti nofs is-somma ta' €421.37 + €86.13 relatati mal-ispejjez inkorsi minnha fi zmien li l-attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali;*

9. *L-ammont ta' GBP896.48 rapprezentanti nofs ta' kwart tal-kont bankarju GBP li kellu bilanc ta' GBP7171.91 li ghandu l-attur ma' terzi (ma' 3 persuni ohra);*

10. *L-ammont ta' €3,000 li jirrapprezenta somma likwidata arbitro boni viri favur l-intimata bhala sehemha mill-vetturi li l-attur scrappja fiz-zwieg (Lada IAA 275 scrapped nhar il- 11/02/2008, Ford Transit HBJ 904 scrapped nhar it-12/01/2012 u li Seat Terra BAT 468 scrapped nhar il-25/03/2013) u ghalhekk kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

13. ***Dwar id-Dar Matrimonjali u min għandu jgħix fiha***

*L-esponenti tirrileva li d-dar matrimonjali (li issa ilha ghal snin twal ir-residenza esklussiva tal-intimata wara li l-attur gie formalment zgumbrat mill-istess dar kif spjegat aktar 'il fuq) hija proprjeta' taz-zewg partijiet u ghalhekk iz-zewg partijiet ghandhom l-istess sehem minnha. Tenut kont tal-fatt li l-attur ilu allontanat mill-istess dar u tenut kont tal-fatt li l-intimata kellha bizzejjed zmien sabiex tahseb ghal rasha u tahseb ghall-possibilita' li tali dar tinbiegh, l-esponenti hija tal-fehma li sussegwentement ghas-sentenza fl-ismijiet premessi d-*

*dar matrimonjali flimkien mal-garaxxijiet interkonnessi jinbieghu fis-suq miftuh b'dan li jekk jirrizulta xi dejn fuq l-istess, l-ewwel jithallas tali dejn imbaghad kwalunkwe rikavat jinqasam b'mod ugwali bejniethom.*

*Fid-dawl tal-fatt li l-istimi prezentati miz-zewg partijiet huma 'l boghod minn xulxin u aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-istess stimi huma 'antiki' meta wiehed jikkonsidra l-valur tal-bini llum, l-esponenti umilment thoss li din l-Onorabbli Qorti ghandha twarrab kwalunkwe stima jew valutazzjoni li tressqet mill-partijiet u tordna li l-istess dar matrimonjali flimkien mal-garaxxijiet interkonnessi jigu valutati minn Perit sabiex sussegwentement u abbazi tal-istess valutazzjoni d-dar matrimonjali tinbiegh fis-suq miftuh. L-esponenti umilment tissottometti wkoll li sakemm ikun hemm konvenju fuq l-istess dar u garaxxijiet (liema proprjetajiet ghandhom jinbieghu flimkien u mhux separatament) l-intimata ghandha tinghata d-dritt li tkompli tghix fl-istess dar b'dan li l-istess intimat titlef tali dritt f'kaz li jirrizulta li qieghda xxekkel jew xekklet il-bejgh tal-istess proprjeta' ghal ragunijiet li m'humiex validi fil-ligi.*

14. ***<u>Dwar ir-reġistrazzjoni tas-separazzjoni</u>***

*Illi dwar din it-talba l-esponenti umilment tirrileva li stante li z-zewg partijiet qieghdin jitolbu s-separazzjoni personali u stante l-istess esponenti thoss li m'hemm ebda triq ohra hlief li l-partijiet jisseparaw u jkomplu jghixu hajja separata minn xulxin, tali talba ghandha tigi milqugha u konsegwentement l-eventali sentenza ta' separazzjoni ghandha tigi registrata.*

15. ***<u>Dwar it-talba li l-intimata tirriverti lura għal kunjom xbubitha</u>***

*Illi dwar din it-talba l-esponenti tirrileva li din hija possibilita' li konjugu ghandu meta jasal biex jissepara. L-intimata ghamlet tali ghazla (jew ahjar decizjoni)*

*fiz-zmien li ntavolat il-kawza u mill-atti m'hemm xejn x'jindika li l-istess intimata biddlet fehmtha fuq x'kunjom tixtieq iggib sussegwentement ghas-separazzjoni ta' bejnha u bejn zewgha. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li tali talba hija wahda personali u ma ggor maghha l-ebda forma ta' prova jew formalita' ohra, l-esponenti umilment tisottometti li tali talba ghandha tigi milqugha.*

**Konkluzjoni:**

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha:*

(1) *Tilqa in parte l-ewwel talba tal-attur u cioe` limitatament ghal dik il-parti tat-talba tieghu fejn huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet, izda tichad dik il-parti tal-istess talba fejn talab li l-kovenuta tigi ikkunsidrata bhala hatja tal-istess firda personali;*

(2) *Tilqa in-tieni talba tieghu;*

(3) *Tichad it-tielet talba;*

(4) *Tichad ir-raba talba;*

(5) *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba kwantu ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante sentenza in parte moghtija fil-mori tal-kawza u tilqa' l-hames talba limitatament kwantu ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejniethom skond dak*

*indikat fil-porzjonijiet rispettivi (wahda ghall-attur u wahda ghall-konvenuta) fil-paragrafu intitolat 'Dwar id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti';*

(6) *Tichad is-sitt talba stante mankanza totali ta' xi provi in konnessjoni ma' xi beni parafernali tal-attur;*

(7) *Tichad is-seba' talba u dan u minflok tipprovdi li jekk il-partijiet ma jistghux jaslu ghal-ftehim fuq il-prezz jigi nominat perit a spejjez tat-tnejn u din il-proprjeta titpogga fuq is-suq liberu sabiex tinbiegh fejn l-ewwel ghandhom jithallsu taxxi relatati mal-bejgh u spejjez in konnessjoni mal-istess, imbaghad milli r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u dan minghajr pregudizzju ghal krediti dovuti lil terzi. Id-dar gia matrimonjali u l-garaxxijiet interkonnessi ghandhom jinbieghu kontemporanjament u ma jigux sparpaljati;*

(8) *Tilqa' t-tmien talba;*

*Illi kwantu ghall-kontro-talba tal-intimata, fl-umli opinjoni tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti ghandha:*

(1) *Tilqa l-ewwel talba tal-intimata rikonvenzjonanta skond kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet kontemplati fil-ligi' u ghal finijiet ta' responsabbilita' tistabilixxi data tal-htija u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg bhala t-2 t'Ottubru 2012;*

(2) *Tilqa t-tieni talba tieghu;*

(3) *Tichad it-tielet talba b'dan li l-manteniment dovut mill-attur ghandu jkun dak ta' €300 fix-xahar li jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena;*

(4) *Tilqa' r-raba talba skond kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet kontemplati fil-ligi';*

(5) *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba kwantu ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante sentenza in parte moghtija fil-mori tal-kawza u tilqa' l-hames talba limitatament kwantu ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejniethom skond dak indikat fil-porzjonijiet rispettivi (wahda ghall-attur u wahda ghall-konvenuta) fil-paragrafu intitolat 'Dwar id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti';*

(6) *Tichad is-sitt talba;*

(7) *Tilqa' s-seba' talba;*

*Abbazi ta' dak li inghad aktar 'il fuq l-esponenti qieghda tissuggerixxi wkoll li s-sentenza tigi notifikata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u l-awtoCjiet koncernati sabiex tigi investigata l-kwistjoni tal-boarded out tal-istess attur fid-dawl tal-fatt li mill-atti jirrizulta car li l-istess attur baqa' jahdem izda jahbi li qed jahdem u jpoggi kollox f'isem martu.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet

konsiderazzjoni dettaljata u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u rat illi l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

**L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lil C B ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u sabiex tiġi stabbilita d-data ta' meta l-konvenuta għandha tkun ikkunsidrata ħatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur sabiex jgħix separat minn mal-konvenuta;

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur manteniment għall-bżonnijiet tal-attur;

4. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parte id-disposizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, oltre` krediti magħmulin fiż-żwieġ, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwentament tillikwida u tassenja l-oġġetti formanti l-komunjoni f'żewġ porzjonijiet okkorendo għall-finijiet ta' din it-talba li jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, u sabiex nutar jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreeżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni parafernali tiegħu u sabiex tordna lill-attur jiġi mogtħi l-pjena amministrazzjoni tal-beni tiegħu;

7. Tordna li l-attur jgħix ġewwa d-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenuta;

8. Tawtorizza lill-attur jirreġistra s-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, illi permezz tal-istess il-konvenuta qiegħda titlob lil Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-attur ħati għat-tifrik taz-zwieġ abbażi tal-artikoli 38 u 41 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta u sabiex tistabilixxi d-data meta l-attur għandu jkun ikkunsidrat ħati għall-firda u dan għal finijiet ta' Artiklu 48 (c);

2. Tawtorizza lill-konvenuta tgħix separatment mill-attur;

3. Tikkundanna lill-attur sabiex iħallas *lump sum* bħala manteniment għall-bżonnijiet tal-konvenuta u dan flimkien mal-sehemha riżultanti mill-qasma tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

4. Tapplika kontra l-attur id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

6. Tordna lill-konvenuta tokkupa b'mod esklussiv id-dar matrimonjali;

7. Tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha;

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iz-zwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taz-zwieġ.

**1.** ***Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ***

*Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Allegati Tortijiet Attribwiti Lilhom:*

A skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verzjoni tal-partijiet, u dan in vista tal-fatt illi dan diġa` jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu. In sintezi, il-Qorti tara illi:

a) A B jallega illi ż-żwieġ tagħhom sfaxxa fix-xejn minħabba s-segwenti raġunijiet minħabba l-konvenuta : (i) abbandun, (ii) sevizzi, (iii) eċċessi u (iv) inġurji gravi. Jallega li l-konvenuta kienet tgħir għalih ħafna li bħala konsegwenza rrendiet il-ħajja konjugali bejn il-partijiet impossibbli; filwaqt li,
b) C B tallega illi ż-żwieġ tfarrak minħabba li kelha taħrab mid-dar flimkien ma' uliedha minħabba l-aġir abbużiv u vjolenti tal-attur u li dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba l-aġir abbużiv u vjolenti tiegħu. Il-konvenuta ssostni li l-attur huwa ħati ta' adulterju.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a.* *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[115] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[116] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[117] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offiżi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[118] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne R pro. et noe. vs. H R**,[119] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min*

---

[115] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[116] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[117] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[118] **AnGa Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[119] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

*ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[120]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[121]

b. *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[122]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*".[123]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[124] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

c. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

---

[120]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[121]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

[122] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[123] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

[124] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċioe` l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea AvelU vs. Regina AvelU**,[125] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **E Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[126] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*</u>

*In primis* il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali u ċioe` illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tort attribwibbli lill-attur u dan għaliex hemm provi ċari li ma jħallu l-ebda dubju lill-Qorti li l-attur huwa bniedem manipulattiv

[125] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[126] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

u qarrieqi, u l-Qorti hija konvinta li kien vjolenti mal-attriċi u dan tant li kawża tal-istess aġir vjolenti tiegħu il-Qorti żgumbratu mid-dar matrimonjali. Il-Qorti tinnota wkoll li l-attur huwa ħati ta' adulterju, għal dan isir rferenza mhux biss għar-relazzjoni tiegħu ma' O R fejn fil-kontro-eżami tiegħu[127] jikkonferma li għandu tatoo ta' wiċċha fuq sidru u li kellu relazzjonijiet sesswali magħha diversi drabi iżda jżid jgħid wkoll għandu tifel mir-relazzjoni ma' mara Libjana.

Minn naħa l-oħra kif sewwa osservat il-perit legali, l-konvenuta ma telqitx mid-dar mingħajr raġuni tajba iżda telqet bir-raġun il-vjolenza tal-attur li eventwalment wassal lill-istess attur sabiex jiġi żgumbrat mid-dar. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur li martu kienet tgħir ħafna il-Qorti taqbel ma' dak li kkonkludiet il-perit legali meta qalet li kellha raġunijiet tajbin biex tgħir u l-Qorti tosserva li nonostante l-fatt li l-attur jallega li huwa spiċċa boarded out għax martu kienet qiegħda ġġennu u kawża tal-għira tagħha iż-żwieġ tkisser, il-Qorti tirrimarka li ċ-ċertifikati mediċi u dokumenti relatati esebiti mill-attur stess juru stampa pjuttost differenti fejn martu ma' kellha x'taqsam xejn mal-kundizzjoni medika tiegħu. Dawn id-dokumenit jmorru lura għas-sena 2003 – għal dan il-għan il-Qorti tirreferi għal Dok SB 1 (a fol 343) fejn il-Professur Abraham Galea jiċċertifika s-segwenti fuq l-attur: ***".... what struck me the most is his poverty of thought, poor communication and <u>his loss of trust in anybody and anything</u> ..."*** dan iċ-ċertifikat huwa datat 27 ta' Ġunju 2003. Skond l-inkartament esebit in atti[128] relatat mal-invalidity pension li l-attur kien qed jiperċepixxi, l-aġir agressiv tal-attur huwa fattur prominenti u meta ġie boarded out dan seħħ abbażi ta' *schizophrenia*. In oltre` il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni tal-Arbitru, wara li l-attur appella mid-deċiżjoni tal-*Medical Board*. F'din id-deċiżjoni numru 101/13 u datata 21/02/2013 għal darb'oħra hemm referenza għall-aġir aggressiv tal-attur. – vide fol 1174.

Il-Qorti għalhekk tħoss li l-attur ma resaq l-ebda prova ċara jew korroboranti in sostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu li martu hija responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Illi b'referenza għall-allegazzjoni tal-attur li martu abbandunat id-dar matrimonjali jirriżulta mill-atti u speċifikatament fil-proċeduri ta' żgumbrament, l-attriċi kienet għamlet stqarrija quddiem il-pulizija fil-5 ta' Novembru, 2011, fejn stqarret li ċertu wieħed Go kien qalilha biex toqgħod attenta għax-żewġha (l-attur) ried jeħles minnha. Fil-proċduri tal-iżgumbrament li huma parti mill-provi

[127] Vide fol 1464- 1465
[128] Ara per eżempju fol 1192 et seq.

ta' din il-kawż esebiet ukoll CD mmarkat Dok RB 5 a fol 164, traskrizzjoni tal-istess u għalhekk il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attriċi kellha raġunijiet validi biex titlaq mid-dar u dan tant li kienet il-Qorti stess li żgumbrat lill-attur mid-dar matrimonjali .

Għaldaqstant jiriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Adoperat dan ir-raġunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, l-azzjoni odjerna hija ġustifikata mhux biss abbażi tal-artikolu 40 iżda anki abbażi tal-artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji biex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u ssib lill-attur ħati ta' vjolenza fiżika u ta' adulterju, b'dana illi l-Qorti tiddikjara ukoll illi d-data meta ż-żwieġ tal-partijiet tkisser b'mod definittiv hija dik tat-2 ta' Ottubru, 2012, u ċioe` d-data meta l-konvenuta ntavolat ir-rikors għall-iżgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali, u in segwitu ta' dan ir-rikors il-konvenut ġie żgumbrat abbażi tal-fatt li kien vjolenti ferm ma' martu l-konvenuta u anki peress li rriżulta li l-attur kien qed jgħix fid-dar matrimonjali ma' mara oħra.

## 2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

Il-partijiet jitolbu lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' xulxin d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konjugi ħati/ħatja għat-tifrik motivata abbażi tal-istess *ai termini* tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn naħa l-oħra, meta l-firda personali tkun motivata abbażi tal-motivi l-oħra l-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern r-responsabbilta` tal-firda qed tingħata lill-attur u għaldaqstant u in vista ta' dak diskuss fil-parti ta' din is-sentenza dwar ir-responsabbilta` għat-tifrik taż-zwieġ, il-Qorti qed tapplika fil-konfront tal-attur l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u fost dawn l-effeti l-attur iddekada

mid-dritt tiegħu li jiriċievi manteniment mingħand martu u tilef ukoll kull dritt ta’ suċċessjoni.

3. **<u>Dwar it-talbiet rispettivi tal-partijiet sabiex jiġu awtorizzati li jgħixu waħedhom.</u>**

Iż-żewġ partijiet talbu sabiex jiġu awtorizzati jgħixu ad esklużjoni tal-parti l-oħra. B’hekk it-tnejn qegħdin jaqblu ladarba t-tnejn talbu l-istess ħaġa u naturalment din hija talba li hija konsegwenzjali għat-talba ta’ separazzjoni personali. Il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-perit legali u hija tal-fehma wkoll li tali talba għandha tiġi milqugħa.

4. **<u>Dwar it-talba għall-Manteniment għall-attur</u>**

Illi in vista tal-fatt li l-Qorti applikat is-sanzjonijiet kontemplati fl-artiklu 48 tal-Kap 16 fl-intier tagħhom kontra l-attur, konsegwentement l-attur ddekada mid-dritt tiegħu biex jitlob manteniment mingħand martu l-konvenuta, u għalhekk it-talba tiegħu għall-manteniment qegħda tiġi miċħuda.

Illi in oltre` l-Qorti tħoss li għandha tindirizza wkoll dak li ġie diskuss mill-perit legali fir-rapport tagħha taħt is-sezzjoni ‘*Dwar it-talba għall-Manteniment għall-attur’*. Wara li l-perit legali eżaminat b’mod dettaljat il-provi, ikkonkludiet li ma temminx lill-attur meta jgħid li ma jistax jaħdem u dan abbażi tal-provi esebiti in atti li juru b’mod lampanti li l-attur fil-veC` hu kapaċi jaħdem u minn dejjem ħadem ta’ *mechanic*, u dan tant li l-perit legali ssuġeriet li ta’ dan għandhom jiġu infurmati d-dipartimenti relattivi inkluż dawk minn fejn l-attur qed jitħallas pensjoni ta’ *invalidity pension*; u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jinvestigaw l-introju tal-attur.

Il-Qorti taqbel perfettament mal-analiżi tal-perit legali u l-konklużjonijiet tagħha u żżid li skont iċ-ċrtifikati mediċi tal-attur li huma esebiti in atti, dawn imorru lura għas-sena 2003 fejn skont il-konsulent psikjatra tal-attur – li dak iż-żmien kien il-Professur Abraham Galea – l-attur ġie ddikjarat *unfit for work*. Abbażi ta’ dan l-attur ġie *boarded out*. Minn ħarsa lejn il-provi prodotti mill-partijiet, l-attur stess jgħid b’mod kategoriku li meta l-konvenuta mardet bil-kanċer tal-utru fis-sena 2005 huwa beda jaħdem mill-garaxx tiegħu biex ikun taħt għajnejha. Jgħid ukoll li meta fieqet bdew negozju tal-*minM* iżda l-liċenzja kienet fuq martu l-konvenuta perss li hu kien *boarded out*. Hawnekk il-Qorti terġa’ tagħmel

referenza għas-CD- Dok RB 3 in atti tal-proċedura tal-iżgumbrament allegati ma' din il-kawża u minn liema *recording* joħroġ il-karattru qarrieqi tal-attur.

Illi għalhekk in vista ta' dan kollu t-talba tal-attur sabiex jitħallas manteniment mingħand martu qed tiġi miċħuda.

**5. <u>Dwar it-talba għall-Manteniment għall-konvenuta</u>**

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-fatt li huwa l-attur li qed jiġi attribwit bit-tort ta' din is-separazzjoni u dan stante l-aġir abbusiv u adultera tiegħu, u għalhekk ladarba l-konvenuta m'għandha taħti xejn, hija ma titlifx id-dritt tagħha għall-manteniment. Permezz ta' digriet tas-16 ta' Frar 2016 il-Qorti ordnat lill-attur sabiex iħallas lill-martu s-somma ta' €200 fix-xahar bħala mantenimnt għaliha, liema digriet għadu *in vigore* sallum.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-perit legali u dak irrakkomandat minnha. Il-perit legali kkonkludiet li filwaqt li m'hemmx il-ħtieġa li l-konvenuta titħallas manteniment f' *lump sum* payment, ikkonkludiet li l-konvenuta m'għandhiex titlef id-dritt ta' manteniment abbażi tas-segwenti:-
- li l-attur huwa unikament responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet;
-li l-konvenuta tikkontendi li hija *unfit for work;*
- li din il-Qorti iffissat manteniment *pendente lite* permezz ta' digriet tas- 16 ta' Frar, 2016 fl-ammont ta' €200 fix-xahar, u liema manteniment qatt ma ġie rivedut.

Fir-relazzjoni tagħha l-perit legali rrakkomandat li t-talba tal-konvenuta għall-manteniment għandha tiġi milqugħha b'dan li l-istess manteniment jiġi awmentat għall-anqas għal tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar stante li mis-sena 2016 sal-lum għaddew sitt snin u l-ħajja għoliet sew. Tirrakkomanda wkoll li dan l-ammont ta' manteniment għandu jiġi rivedut kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Illi nonostante li l-Qorti taqbel perfettament li l-konvenuta m'għandhiex titlef il-dritt tagħha għal manteniment, madanakollu il-Qorti hija tal-fehma li kif qalet il-Qorti fis-sentenza tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Catherine Mifsud vs Louis Mifsud deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2013:

“*Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta hemm il-bżonn (l-Artikolu 20 tal-Kodiići Ċivili jgħid li l-manteniment ikun dovut skont il-bżonn ta’ min qed jitolbu).*”

Illi in oltre` l-Qorti tagħmel referenza għall-kopji ta’ żewġ ċertifikati esebiti mill-attriċi u li jinsabu a fol 1350 Dok RB 3 – ċertifikat maħruġ mit-tabib Dr. Paul Cutajar datat 19 ta’ Lulju, 2018 u Dok RB 4 a fol 1351 , maħruġ mill-psikjatra Dr Peter Muscat datat 2 ta’ Lulju, 2018, u skont liema ċertifikati (kopji) l-attriċi ma tistax taħdem abbażi *ta’ uriticaria* u *major depressive disorder.* Mandanakollu dawn illum mhux biss huma ċertifkati li għaddew is-snin fuqhom imma l-attriċi naqset milli tressaq l-istess tobba sabiex jixhdu u jikkonfermaw l-istess, u l-Qorti ma tħossx illi għandha tistrieh fuq żewġ fotokopji ta’ żewġ tobba li ma xehdux f’dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tifhem li abbażi ta’ dak li ser jiġi deċiż f’sezzjoni 10 ta’ din is-sentenza fuq id-dritt ta’ residenza ġewwa d-dar matrimonjali u oltre` minn hekk peress li permezz tas-separazzjoni l-attriċi ser tkun f’posizzjoni ferm differenti milli kienet *pendente lite* issa ser jkollha biżżejjed assi a disposizzjoni tagħha, għalhekk il-Qorti hija tal-fehmha li ma hemmx lok ta’ ħlas ta’ manteniment *rebus sic stantibus.*

## 6. <u>Dwar it-talba tal-attur rigward il-beni parafernali</u>

Illi permezz tas-sitt talba tiegħu l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenjalu l-beni kollha parafernali tiegħu u sabiex il-Qorti tordna sabiex l-attur jiġi mogħti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu. Minn ħarsa lejn in-nota ġuramentata tal-attur[129], l-attur jgħid li hemm għodda li huma parafernali u għodda li ġew mixtrija fiż-żwieġ. Illi kif sewwa osservat il-perit legali dawk li nxtraw fiż-żwieġ huma esklusi minn dawk li allegatament huma parafernali – li dwarhom ma jgħid xejn iktar fin-nota ġuramentata tiegħu.

Ill fir-risposta tagħha u b’referenza għas-sitt talba tal-attur, il-konvenuta tgħid li m’għandha xejn fil-pussess tagħha li għandha tirritorna.

[129] Vide fol 18

Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-perit legali li l-attur ma ressaqx prova konkreta li din l-allegata għodda teżisti u li hija parafernali u għalhekk il-Qorti tilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-perit legali li abbażi ta' dan in-nuqqas ta' prova fuq beni parafernali, l-aspetti u l-beni parafernali għandha tiġi miċħuda. B'hekk il-Qorti qed tiċħad is-sitt talba tal-attur.

## 7. Dwar Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Illi kemm fir-rikors ġuramentat tal-attur (vide il-ħames talba tiegħu) kif ukoll fil-kontro-talba tal-konvenuta (vide ħames talba tagħha) hemm talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza in parte tagħha datata 4 t'Ottubru, 2017 fejn ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti, b'effett mid-data li s-sentenza għaddiet in ġudikat. Kwindi u minn dakinhar li s-sentenza għaddiet in ġudikat iż-żwieġ tal-partijiet kien regolat permezz tar-reġim tas-separazzjoni tal-beni. Fis-sentenza in parte tagħha l-Qorti qalet li l-ispejjeż tal-istess proċedura jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

Illi in vista ta' dan il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tal-ħames talba tal-attur u ta' dik il-parti tal-ħames talba tal-kontro-talba tal-konvenuta li tindirizza t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante li llum huwa mertu deċiż u eżawrit.

## 8. Dwar id-diviżjoni u l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-paragrafi taħt sezzjoni 21 tar-relazzjoni tal-perit legali, u tibda billi tindirizza l-ewwel punt li tqajjem il-perit legali meta fir-relazzjoni tagħha tgħid li xejn ma kien faċli għaliha li tistabilixxi x'jifforma parti mill-istess komunjoni (liema komunjoni ġie terminat fl-4 t'Ottubru, 2017).

Illi dan kien eżerċizzju kkumplikat immens u fil-fehma tal-Qorti dan huwa r-riżultat ta' amministrazzjoni ta' ħwejjeġ u stil ta' hajja li ma jkunx *above board*. Il-Qorti temfazizza li fl-atti hemm bosta eżempji ta' dan it-tip ta' aġir u fosthom telenka s-segwenti:-

- Li l-attur kien *boarded out* iżda huwa ovvju li minn dejjem kien u baqa' jaħdem bħala *mechanic*;
- Li peress li kien *boarded out* il-minM u l-liċenjza saret fuq il-konvenuta;
- Li hemm qbil bejn il-partijiet li ċertu affarijiet inxtraw iżda ma jirriżulta xejn dwarhom fuq isem il-partijiet – bħal pereżempju l-famuża cabin cruiser tal-partijiet;
- B'referenza għar-recording esebit fl-atti tal-iżgumbrament fejn il-konvenuta esebiet CD u traskrizzjoni tal-istess – vide Dok RB 5 u Dok RB7[130] - hawnhekk joħroġ pależament it-tip ta' *underhand dealings* li kien jagħmel l-attur. Il-Qorti temfazizza l-fatt li l-attur fir-*recording* jiftaħar kemm kien sinjur sa ftit xhur ilu u dan allavolja kien ilu *boarded out* għal snin sħaħ u konsegwetement isegwi li huwa fil-vertita` baqa' jaħdem u jaqla' l-flus meta u fl-istess ħin kien qed jipperċepixxi l-pensjoni ta' invalidita`. Dan huwa aġir li l-Qorti ma tistax tinjora jew taċċetta, u f'dan is-sens qed tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni sabiex jinvestigaw l-istess;

- Fuq l-istess tema ssir referenza għall-bejgħ tal-garaxx li sar fil-mori ta' din il-kawża, bejgħ li ż-żewġ partijiet jirrferu għalih. F'dan is-sens il-Qorti qed tagħmel referenza għall-kuntratt redatt minn Nutar Dr Rachelle N datat 15.12.2011 li ġie esebit bħala Dok. D a fol 538. Skont dan il-kuntratt il-partijiet ċedew sehemhom ta' nofs indiviż li kellhom fuq konvenju ma' terzi u dan versu korrispettiv <u>ferm inferjuri</u> għal dak li l-konvenuta tgħid li tħallset għal sehemha – f'dan is-sens isir referenza għal dak li tgħid il-konvenuta meta tiddiskuti dan il-bejgħ fejn addirittura tgħid li għal sehemha tħallset tnax-il elf Ewro (vide fol 717). Huwa naturali imbagħad li l-affarijiet isiru kkumplikati u l-eżerċiżżju ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni u x'ġara eżattament bl-assi tal-komunjoni tal-akkwsiti jsir diffiċli immens. Għalhekk dan kollu ser ikollu impatt fuq id-deċiżjoni tal-Qorti fuq il-likwidazzjoni tal-istess u anki fuq l-ispejjeż tal-kawża. Minħabba f'hekk il-Qorti ser ddur punt, punt, dak li qalet il-perit legali fir-relazzjoni tagħha billi tindika fejn qed taqbel u fejn m'hijiex qed taqbel mal-perit legali f'dak li għandu x'jaqsam mal-qasma tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

F'dan is-sens il-Qorti issa tgħaddi biex tagħmel analizi tar-rapport tal-perit legali anki fid-dawl tad-domandi li saru mill-partijiet in eskussjoni u n-noti ta'

130 Li jinsabu fil-proċeduri tal-iżgumbrament annessi mal-kawża u 164 sa 173.

sottomissjonijiet tal-partijiet, u f'dan is-sens tirreferi a fol 1565 *et seq* tar-rapport tal-perit legali:

**<u>Rigward:</u>**

(a) Cabin Cruiser - il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid il-perit legali f'dan il-paragrafu;
(b) BBQ - il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid il-perit legali f'dan il-paragrafu;
(c) Bejgħ ta' Mobbli - il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid il-perit legali f'dan il-paragrafu;
(d) Mobbli trasferiti - il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid il-perit legali f'dan il-paragrafu iżda mhux kif indirizzathom fil-qasma u assenjazzjoni
(e) Immobbli li fil-mori inbiegħu – il-Qorti taqbel ma' dak li qalet il-perit legali f'dan ir-rigward fejn il-Qorti tifhem li hawn qed isir referenza għall-garaxx li l-partijiet ċedew is-sehem tagħhom fil-2011 in Attti tan-Nutar Dr Rachelle N liema kuntratt l-Qorti rreferiet għalih fil-paragrafu preċedenti ta' din is-sentenza;
(f) Mandat ta' deskrizzjoni – il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet il-perit legali fuq l-istess u dan anki wara li qrat id-domandi in eksussjoni tal-konvenuta u dak li l-konvenuta ssostni fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha. Il-Qorti ma taqbilx li l-konvenuta għandha tiġi rifuża somma għall-mobbli u dan għas-segwenti raġunijiet – jirriżulta mill-atti li hi stess ħadet xi affarijiet – per eżempju s-sufan ta' Fino li hi ma ticħadx li ħadet. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għar-recording li l-konvenuta esebiet fil-proċeduri tal-iżgumbrament - Dok RB 5 u t-traskrizzjoni tal-istess fejn f'paġna 9 li jinsab a fol 154 tal-atti tal-iżgumbrament l-konvenuta tagħmel notament li donnu l-attur kellu xi ħadd mill-bank jgħaddilu xi informazzjoni fuq il-withdrawals li għamlet mill-kont tagħha, u dan meta l-attur qed jirreferi għall-withdrawals ta' ħames mija li kienet qed tagħmel frekwentement mill-kont użat li kif ħareġ mill-provi kien kont li kien użat miż-żewġ partijiet.

In oltre` il-Qorti ma tħossx li għandha tistrieħ fuq il-valuri li ressqet il-konvenuta – dik m'hijiex prova suffiċjenti. Il-konvenuta kellha kull opportunita` sabiex tressaq prova konkreta dwar il-valuri tal-mobbli in kwistjoni. Fil-fehma tal-Qorti r-ritratti li esebiet il-konvenuta ma jgħinu xejn għaliex fir-ritratti ma jidher xejn ta' valur. B'hekk il-mobbli li għad hemm fid-dar iridu jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet bejn il-partijiet.

A fol 1566 il-perit legali tiddiksuti l-immobbli li jirriżultaw mill-assjem tal-provi fejn telenka li hemm:

- id-dar matrimonjali tal-partijiet u ċioe *Santa Marija Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbuġ Malta* -liema dar għandha żewġ garaxxijiet interkonessi, u għalhekk dan (dawn) l-immobbli jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

- Garaxx ieħor li inbiegħ fil-mori tal-kawża– u allura m'għadux formanti parti mill-komunjoni.

Il-perit legali osservat illi jidher li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-konsistenza tal-immobbli.

Il-perit legali imbagħad tgħaddi biex tagħmel elenku ta' dawk il-mobbli li ġew elenkati fin-nota ġuramentata tal-attur u dawk li l-konvenuta ssemmi u li ma baqgħux fid-dar matrimonjali u li minħabba f'hekk talbet il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni.

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li minn dak li jirriżulta mit-transazzjonijiet bankarji jidher li nonostante li l-kontijiet jidhru li huma intestati f'isem il-konvenuta, jirriżulta ċar li kienu jintużaw miż-żewġ partijiet (vide kont BOV numru 40019336880 u 40013466604), u l-Qorti taqbel li ħadd m'għandu jirrifondi xejn lil ħadd.

Il-Qorti taqbel ukoll ma' dak li qalet il-perit legali dwar l-allegazzjoni tal-attur li martu l-konvenuta serqet l-ammont ta' €193,337, liema allegazzjoni hija kontestata mill-konvenuta. Ladarba ma tressqu l-ebda provi fuq dan l-ammont m'għandux jiġi kkunsidrat bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

<u>Rigward l-oġġetti/mobbli li ġew trasferiti lil terzi:</u>

- Jirriżulta ċar li l-jetski illum jinsab f'idejn O R. Il-Qorti rat  li l-provi li tressqu fuq dan il-jestki kienu fundamentali biex jixhtu dawl fuq in-nuqqas ta' kredibilta` tal-attur. B'hekk il-Qorti taqbel li dan l-jet ski jifforma parti mill-komunjoni u ġie trasferit lil terz mingħajr il-kunsens tal-konvenuta u konsegwentement il-konvenuta għandha tiġi kkumpensata għal sehemha;

- Fir-rigward tal-vettura Mercedes, din il-vettura wkoll spiċċat f'idejn O R u dan mingħajr il-kunsens tal-konvenuta, madanakollu meta xehed ir-rappreżentant ta' Michael Attard l-istess rappreżentant ikkonferma li kien għad fadal dejn fl-ammont ta' €13,650 fuq din il-vettura u l-Qorti ma tistax tiskarta dan il-fatt fl-assenjazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti;

- Toyota Hilux – hawnhekk il-Qorti qed tirreferi għat-Toyota Hilux ta' kulur griż bix-chassis number LN 1070022830 u li l-attur ittrasferixxa lil ċertu T ftit ġranet biss wara li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u li fit- 22 ta' Ġunju, 2012 spiċċat ukoll f'idejn O R hekk kif jirriżulta mill-atti (fol 1287- sa 1288). Il-Qorti taqbel li l-konvenuta għandha tiġi kkumpensata għal sehemha f' din l-vettura;

- Rigward l-allegat dejn fl-ammont ta' €364,406 ma' George Ciappara, skont l-attur, u speċifikatament fin-nota ġuramentata tiegħu, dan id-dejn jirrappreżenta: materjal tad-dar matrimonjali u spejjeż oħra. Il-Qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni tal-perit legali fis-sens li George Ciappara seta' faċilment jitressaq bħala xhud, iżda għal xi raġuni l-attur għażel li ma jressqux. Apparti minn hekk, f'dawn il-proċeduri l-attur xehed diversi drabi permezz ta' affidavits tiegħu u xehed viva voce wkoll. Skontu huwa bena din id-dar ta' Ħaż-Żebbuġ u x-xogħolijiet għamilhom kollha hu: *'nippreċiża bnejt il-post kollu ... jien għamilt ix-xogħol kollu inkluż ta' madum, tibjid u kisi*" (vide fol 105) u ma jsemmi u/jew ma jelabora xejn fuq dan l-ammont allegatament dovut lil Ciappara. In oltre` il-Qorti tinnota li l-akkwist relattiv tal-art li fuqu nbniet id-dar matrimonjali sar fis-sena 1993.

  Għalhekk il-Qorti taqbel pjenament mal-perit legali meta tipproponi li dan id-dejn m'għandux jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti żżid pero` li jekk jirriżulta li hemm xi dejn ma' terzi kkuntrattat mill-attur waħdu, dan għandu jitħallas interament minnu.

B'hekk il-Qorti filwaqt li tagħmel referenza għall-qasma suġġeC mill-perit legali rigward id-diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, mhux qegħda taqbel ma' dak kollu propost mill-perit legali u dan għar-raġunijiet li l-Qorti għamlet referenza għalihom fil-konsiderazzjonijiet

tagħha f'din is-sezzjoni tas-sentenza u specifikatament fuq il-manjera ta' kif il-partijiet għażlu biex jamministraw u jinnegozjaw ħwejjiġhom kemm matul il-konvivenza matrimonjali u anki wara: B'hekk il-Qorti qed tordna li l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tkun kif ġej:

**<u>li Porzjon A assenjabbli lill-Attur għandu jikkonsisti fis-segwenti:</u>**

1. Kwalunkwe kont bankarju, polza t'assigurzzjoni u investimenti intestat f'ismu;

2. Nofs ir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjaliu u l-garaxxijiet interkonnessi b'dan li jekk jirriżulta xi dejn abbinat mal-istess dar u garaxxijiet, l-ewwel għandu jitħallas id-dejn;

3. L-effetti kollha personali tal-attur li jistgħu jinsabu fid-dar matrimonjali jew fi kwalunkwe post ieħor inkluż deheb u ħaġar prezzjuz (u ċioe dak li jista' jiġi deskrit bħala maskil);

4. Il-vetturi kollha li għandu f'ismu għajr għat-Toyota Vitz bit-targa ta' reġistrazzjoni BSR 421 u dan peress li din il-vettura ser tiġi assenjata lill-konvenuta ladarba ilha ssuq u tieħu ħseib din il-vettura għal diversi snin. L-attur minflok ser jiġi assenjat il-vettura reġistrata f'isem il-konvenuta tad-ditta Peugeot 401 bit-targa ta' reġistrazzjoni SRB 421 u dan għaliex din il-vettura ilha fil-pussess tal-attur għal diversi snin. B'hekk u sabiex jiġi evitat kull dubju, l-attur ser ikun unikament responsabbli għall-kwalukwe ammonti dovuti fuq il-vetturi li qegħdin jiġu assenjati lilu permezz ta' din il-qasma, inkluż multi, ċitazzjonijiet u liċenzji b'lura kif ukoll kull ammont li jista' jkun għadu dovut fuq tali vetturi;

5. Kwalunkwe dejn kien hemm jew li jista' għad jeżisti ma' Michael Attard Limited għandu jitħallas esklussivament mill-attur. Konsegwentement fuq il-vettura Mercedes bit-targa ta' reġsistrazzjoni SBR 241 ma għandu jsir l-ebda ħlas in via ta' ekwiparazzjoni lill-konvenuta ta' sehemha fuq din il-vettura stante li din il-vettura kien għad fadlilha iktar minn tlettax-il elf Ewro dejn hekk kif xehed ir-rappreżentant ta' Michael Attard u dan id-dejn qed jiġi assenjat totalment lill-attur;

6. Kwalunkwe kont relattiv għad-dawl u l-ilma u servizz ieħor tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonessi bejn dakinhar li l-konvenuta telqet mid-dar u ċioe l-15 ta' Settembru, 2010 sal-aħħar sad-data li effettivament l-attur ġie żgumbrat mid-dar matrimonjali. Kull ammont fuq kwalunkwe kont relattiv għad-dawl u l-ilma u servizz ieħor tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonessi qabel id-data ta' 15 ta' Settembru, 2010 jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li kull ammont fuq kwalunkwe kont relattiv għad-dawl u l-ilma u servizz ieħor tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonessi wara d-data tal-iżgumbrament jitħallsu interament mill-konvenuta.

8. Kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm ma' Adrian Muscat (dejjem jekk jeżisti u għadu mhux preskritt dan għandu jitħallas b'mod esklussiv mill-attur peress li skont ix-xiehda ta' Muscat dan id-dejn ġie kkontrattat mill-attur waħdu.

9. Kwalunkwe dejn ieħor li jista' jkun hemm ma' terzi u li ġie kkontrattat mill-attur waħdu ma' terzi għandu jiġi assenjtat u jitħallas mill-attur b'mod esklussiv;

10. L-attur irid iħallas lill-konvenuta l-ammont ta' ħames mija u seba' Ewro u ħamsin ċenteżmi (€507.50) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż inkorsi mill-konvenuta għall-iżgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali.

11. L-attur irid iħallas lill-attriċi l-ammonti dovuti lill-konvenuta u li qegħdin elenkati f'Porzjoni B paragrafi 3, 4, u 5 u dan in via ta' ekwiparazzjoni ta'oġġetti li l-attur biegħ u/jew ittrasferixxa meta dawn kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ttrasferihom mingħajr il-kunsens tal-konvenuta.

12. L-attur irid iħallas lill-konvenuta sehema mill-kont Sterlina li għandu ma' terzi u ċioe` s-somma ta' GBP 896.48.
13. Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali qegħdin jiġi assenjati lill-attur.

**Porzjon B assenjabbli lill-konvenuta:**

1.Kwalunkwe kont bankarju, polza ta' assigurazzjoni u investimenti intestat f'isimha;

2.Nofs ir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonnessi b'dan li jekk jirriżulta xi dejn abbinat mal-istess dar u garaxxijiet, l-ewwel għandu jitħallas id-dejn;

3. L-ammont ta' €7,200 li jirrappreżenta il-valur tal-Jetski Seadoo- u dan għar-raġunijiet elenakti fir-rapport tal-perit legali.

4. L-Ammont ta' €7,200 li jirrappreżenta l-ammont likwidat mill-perit legali relatat mal-vettura Toyota Hilux u dan fuq valur li semma l-attur stess, u liema vettura l-attur ttrasferixxa fit-13 t' Ottubru, 2010 mingħajr il-kunsens tal-konvenuta lil ċertu S T u dan in via ta' ekwiparazzjoni stante li din il-vettura ġiet ttrasfeC barra mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti mingħajr il-kunsens tal-konvenuta u illum tinsab reġistrata fuq isem O R;

5. L-Ammont ta' €5,241.09 hekk kif llikwidat mill-perit legali u li jirrappreżenta sehem il-konvenuta tal-Cabin Cruiser wara li applikat 10% *depreciation value* u li l-attur jgħid li ġie trasferit lil terzi u li fuq dikjarazzjoni tiegħu stess qal li kien ħallas Lm 5000 għall-cabin cruiser in kwisjG – u dan in via ta' ekwiparazzjoni.

6. L-effetti kollha personali tal-konvenuta li jinsabu fid-dar matrimonjali jew fi kwalukwe post ieħor inkluż deheb u ħaġar prezzjuz tagħha (u ċioe dak deskritt bħala femminili);

7. Kull vettura intestata f'isimha fil-preżent inkluż dejn fuq l-istess, ċitazzjonijiet, u liċenzji b'lura, għajr għall-vettura Peugeot 407 liema vettura hija reġistrata f'isimha u għandha t-targa ta' reġistrazzjoni numru SRB 421, u dan peress li din il-vettura ser tiġi assenjata lill-attur ladarba ilha fil-pussess tiegħu għal diversi snin. Kull ammont dovut u/jew in konnessjoni ma' din il-vettura jitħallas mill-attur li qed jiġi assenjat l-istess vettura. Minn naħa l-oħra u kif spjegat f'porzjon A, il-konvenuta qed tiġi assenjata it-Toyota Vitz BSR 421 u għandha tħallas kull ammont dovut in konnessjoni mal-istess vettura, mutli u liċenżji b'lura inklużi.

8. Il-konvenuta għandha tirċieivi mingħand l-attur l-ispejjeż kollha inkorsi minnha in konnessjoni mal-iżgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali skont l-irċevuti esebiti minnha u li jammontaw għas-somma ta' ħames mija u seba' Ewro u ħamsin ċenteżmi (€507.50).

9. Il-konvenuta għandha tirċievi mingħand l-attur il-ħlas ta' sehema li hemm fil-kont li huwa għandu ma' tlett persuni oħra f'kont ta' denominazjoni Sterlina. Sehem il-konvenuta huwa ta' nofs minn kwart u ċioe s-somma ta' GBP 896.48;

10. Fir-rigward tal-vetturi li l-attur *scrappja* wara li l-partijiet ma baqgħux jgħixu flimkien iżda li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwsiti u ċioe: il-Ford Transit HBJ 904 li l-attur *scappja* fit- 12 ta' Jannar, 2012 u s-Seat Terra BAT 468 li l-attur *scrappja* fil-25 ta'Marzu, 2013, il-Qorti tordna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta nofs il-valur li ppercepixxa tal-*iscrappjar.*

11.Kull ammont li jista' jkun hemm dovut in konnessjoni ma'konsum ta' servizzi ta' dawl u ilma u servizz ieħor tad-dar matrimonjali u l-garaxxijiet interkonessi minn wara d-data tal-iżgumbrament tal-attur 'il quddiem.

12.Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali ;

Għaldaqstant il-Qorti tikkundanna u tordna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta dawk l-ammonti kollha li ġew elenkati fil-Porzjoni B bħala pagabbli lilha fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tiċċara li ma daħħlitx il-vettura LADA IAA 275 fil-qasma għaliex din ġiet *scrapped* fis-sena 2008 – meta l-partijiet kienu qegħdin jgħixu flimkien i jirriżulta l-flus li daħħlu fil-kontijiet kienu jintużaw miż-żewġ partijiet.

Rigward dak deċiż f'Porżjon A (4) u f'Porzjon B (7) il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-argument validu li għamlet il-konvenuta fin-nota ta'

sottomissjonijiet[131] tagħha, u dan l-argument jirrifletti l-provi li hemm fl-atti.

## 9. Dwar id-Dar Matrimonjali u min għandu jgħix fiha.

Il-Qorti tara li ż-żewġ partijiet resqu talba sabiex jingħatalhom id-dritt li jgħixu ġewwa d-dar matrimonjali. Madanakollu l-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-perit legali u ċioe li din id-dar matrimonjali li tappartjeni liż-żewġ partijiet ilha issa għal snin twal ir-residenza esklussiva tal-konvenuta, hekk kif din il-Qorti żgumbrat l-attur mill-istess dar. Iż-żewġ partijiet huma proprjetarji ta' din il-proprjeta u din id-dar flimkien mal-garaxxijiet interkonnessi  għandhom jinbiegħu fis-suq miftuh. Il-perit legali rrakkomandat li jekk hemm xi dejn formali fuq l-istess proprjeta`, l-ewwel jitħallas tali dejn imbagħad kwalukwe rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Peress li ma jidhirx li hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-valur ta' din il-proprjeta`, u peress li l-istimi esebiti in atti mhumiex daqshekk reċenti, il-Qorti qed tordna li l-prezz għandu jiġi stabbilit permezz ta' *average* ta' tlett (3) stimi ta' tlett (3) estate agents li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom. Il-Qorti taqbel mar-rakkomnadazzjoni tal-perit legali u qed tagħmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet tagħha u tordna li sakemm ikun hemm konvenju fuq l-istess dar u garaxxijiet - li għandhom jinbiegħu flimkien – il-konvenuta għandha tingħata d-dritt li tkompli tgħix fl-istess dar b'dan li l-istess konvenuta titlef tali dritt f'każ li jirriżulta li qiegħda xxekkel jew xekklet il bejgħ tal-istess proprjeta` għar-raġunijiet li m'humiex validi fil-liġi.

## 10. Dwar ir-Reġistrazzjoni tas-Separazzjoni;

Illi l-Qorti tagħmel referenza għar-rakkomandazzjoi tal-perit legali u qed tilqa' l-istess u konsegwentement tilqa' it-tmien talba tal-attur u tawtorizzah sabiex jirreġistra s-sentenza ta' separarazzjoni personali wara li din tkun għaddiet in ġudikat.

## 11 .Dwar it-talba li l-konvenuta tirriverti lura għal kunjom xbubitha.

[131] Fol 1619

Illi l-Qorti tilqa' r-raġunament tal-perit legali u konsegwentemeent u bl-applikazzjoni tal-artikolu 62 (1) ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' s-seba talba rikonvenzjonali tal-konvenuta u tawtorizzaha sabiex tiriverti għal kunjom xbubitha u ċioe` Bezzina.

**DECIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba tal-attur u ċioe` limitatament għal dik il-parti tat-talba tiegħu fejn huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet, iżda tiċħad dik il-parti tal-istess talba fejn talab li l-konvenuta tiġi ikkunisdrata bħala ħatja tal-istess firda personali;

2. Tilqa' t-tieni talba tiegħu;

3. Tiċħad it-tielet talba;

4. Tiċħad ir-raba` talba;

5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tal-ħames talba kwantu għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante sentenza in parte mogħtija fl-4 t' Ottubru, 2017 u tilqa' limitatament il-kumplament tal-ħames talba kwantu għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet skont dak indikat fil-porzjonijiet rispettivi intestati *Porzjon A* għall-attur u *Porzjon B* għall-konvenuta fis-sezzjoni numru 9 intitolata *Dwar id-Diviżjoni u l-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti* ta' din is-sentenza;

6. Tiċħad is-sitt talba rigward l-assi u beni parafernali;

7. Tiċħad is-seba` talba tal-attur u dan abbazi ta' dak deċiż u ordnat f'sezzjoni 10 ta' din is-sentenza intitolata *Dwar id-Dar Matrimonjali u min għandu jgħix fiha.*

8. Tilqa' t-tmien talba.

Illi in kwantu għall-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-attur rikonvenzjonat il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi:

*1.* Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta skont kif spjegat fis-sezzjoni numru 1 ta' din is-sentnza intitolata: *Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ* u għal finijiet ta' responsabilta` tistabilixxi bħala data tal-ħtija u r-responsabilta` għat-tifrik taż-żwieġ it-2 t'Ottubru, 2012;

*2.* Tilqa' t-tieni talba;

*3.* Tiċħad dik il-parti tat-tielet talba fejn il-konvenuta talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-attur sabiex iħallasha *lump sum payment* ta' manteniment, u rebus sic stantibus tastjeni milli tillikwida somma ta' manteniment pagabbli mill-attur lill-attriċi u dan abbażi ta' dak deċiż fis-sezzjoni 5 ta' din is-sentenza intitolata: *Dwar it-talba għall-Manteniment għall-konvenuta*

*4.* Tilqa' r-raba` talba skond kif spjegat fis-sezzjoni numru 2 ta' din is-sentenza intitolata: *Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet kontemplati fil-liġi.*

*5.* Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tal-ħames talba kwantu għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante sentenza in parte mogħtija fl-4 t' Ottubru, 2017 u tilqa' limitatament il-kumplament tal-ħames talba kwantu għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet skont dak indikat fil-porzjonijiet rispettivi intestati *Porzjon A* għall-attur u *Porzjon B* għall-konvenuta fis-sezzjoni numru 9 intitolata *Dwar id-Diviżjoni u l-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti* ta' din is-sentenza;

*6.* Tiċħad is-sitt talba iżda tordna li sakemm ikun hemm konvenju fuq l-istess dar u żewġ garaxxijiet interkonessi, l-konvenuta hija awtorizzata sabiex tkompli tgħix fl-istess dar b'dan li titlef dan id-dritt f'każ li tirriżulta li qiegħda xxekkel jew xekklet il-bejgħ tal-istess proprjeta` għal raġunijiet li m'humiex validi fil-liġi u dan skont dak ordnat fis-sezzjoni numru 10 ta' din is-sentenza;

7. Tilqa' it-seba` talba u tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe 'Bezzina'.

Bl-ispejjeż tas-sentenza in parte għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjeż kollha l-oħra jitħallsu in kwantu għal tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenuta.